



Dokument ta' sessjoni

A9-0233/2023

5.7.2023

*****|**
RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) (COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Javi López

(Riformulazzjoni – Artikolu 110 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna taxxellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewwġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċejżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

| | |
|--|-----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 152 |
| ANNESS: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT | 157 |
| POŻIZZJONI TAL-MINORANZA..... | 158 |
| ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI | 159 |
| ANNESS: OPINJONI GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI..... | 161 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU | 163 |
| PROċEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI | 227 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 228 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)
(COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0542),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0364/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tat-22 ta' Frar 2023¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali²,
 - wara li kkunsidra l-ittra tas-27 ta' Ġunju 2023 mibgħuta mill-Kumitat għall-Affarijet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel skont l-Artikolu 110(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 110 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0233/2023),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-

¹ ĠU C 146, 27.4.2023, p. 46.

² ĠU 77, 28.3.2002, p. 1.

rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewopew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test proposet mill-Kummissjoni

(2) F'Diċembru 2019, fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet pjan direzzjonali ambizzjuż biex l-Unjoni tinbidel f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, ***bl-għan*** li tipproteġi, tikkonserva u ssahħħah il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħha u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. B'mod speċifiku dwar l-arja nadifa, ***il-Patt Ekoloġiku Ewropew impenja ruħu li jkompili jtejjeb*** il-kwalità tal-arja u li ***jallinja*** l-istandardi tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Diniċċi tas-Saħħha (WHO). Hija ħabbret ukoll it-tiġi tħad-diskurso kollha minn il-kummissjoni u l-organizzazzjoni.

⁴⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

Emenda

(2) F'Diċembru 2019, fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"⁴⁰, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet pjan direzzjonali ambizzjuż biex l-Unjoni tinbidel f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, ***bil-għan*** li tipproteġi, tikkonserva u ssahħħah il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħha u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. B'mod speċifiku dwar l-arja nadifa, ***il-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli ttejjeb*** il-kwalità tal-arja u li ***tallinja*** l-istandardi tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Diniċċi tas-Saħħha (WHO). Hija ħabbret ukoll it-tiġi tħad-diskurso kollha minn il-kummissjoni u l-organizzazzjoni.

⁴⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test proposet mill-Kummissjoni

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050,

Emenda

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050,

fejn it-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħha u għall-ekosistemi naturali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi segwit approċċe ***fi stadji*** lejn l-istabbiliment ta' standards attwali u futuri tal-kwalitā tal-arja tal-UE, l-istabbiliment ta' standards ***intermedji*** tal-kwalitā tal-arja għas-sena 2030 u lil hinn, u l-iżvilupp ta' perspettiva għall-allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalitā tal-Arja sa mhux aktar tard mis-sena 2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari biex ***jitqies*** l-aħħar ***fehim xjentifiku***. Minħabba r-rabtiet bejn it-tnaqqis tat-tniġġis u d-dekarbonizzazzjoni, l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero jenħtieġ li jiġi segwit id f'id mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².

⁴² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralitā klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) F'Settembru 2021, id-WHO ħarġet Linji Gwida dwar il-Kwalitā tal-Arja ġodda, abbażi ta' sinteżi komprensiva tal-evidenza xjentifika dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha. Il-konklużjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida dwar il-Kwalitā tal-Arja jisħqu b'mod

speċifiku fuq l-importanza li jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tat-tniġġis f'kull livell u juru beneficiċċi ċari għas-saħħa pubblika u l-ambjent ta' azzjonijiet bħal dawn. Din id-Direttiva tqis l-aħħar fehim xjentifiku u l-ħtieġa li l-istandardi tal-kwalità tal-arja tal-Unjoni jiġu allinjati bis-sħiħ mal-Linji Gwida l-aktar reċenti tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Il-benefiċċji soċjetali mit-tnaqqis kontinwu u mtejjeb tat-tniġġis tal-arja huma ferm akbar mill-kostijiet involuti. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-kostijiet diretti annwali tal-konformità ma' diversi xenarji ta' politika analizzati skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din id-Direttiva huma bejn EUR 3,3 biljun u EUR 7 biljun, u l-benefiċċji monetizzati għas-saħħa u l-ambjent huma bejn EUR 36 biljun u EUR 130 biljun fl-2030, u b'hekk jintwera li l-benefiċċji tal-politika dwar il-kwalità tal-arja qabżu bil-kbir il-kost tal-implementazzjoni. Mis-sena 2000 l'hawn, l-emissjonijiet li jniġġsu l-arja fl-Unjoni naqsu b'mod kostanti bħala rिषultat tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta' tniġġis żero għat-

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta' tniġġis żero għat-

tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-“prinċipju ta’ prekawzjoni” **u** mill-“prinċipju ta’ min iniġġes iħallas”, stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara” tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta’ kwalitā tal-arja mtejba għas-saħħha pubblika, il-kwalitā tal-ambjent, il-benesseri taċ-ċittadini, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjieg i l-kompetittivitā tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tishħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet ta’ mobbiltà u trasport sostenibbli u intelliġenti; l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċitā ekonomika tagħhom, **iċ-ċirkustanzi nazzjonali** tagħhom, bħal pereżempju l-ispecifitätajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta’ programmi edukattivi u ta’ taħriġ xierqa; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b’mod partikolari s-sejbiet **irrappurtati** mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji relatati mat-tniġġis tal-arja jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ sustanzi niġgħiesa tal-arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b’rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta’ ambizzjoni.

tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-“prinċipju ta’ prekawzjoni”, mill-“prinċipju ta’ min iniġġes iħallas” **u mill-“prinċipju tal-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis mis-sors tiegħu** stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara” tal-Patt Ekoloġiku Ewropew **u r-rispett tad-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, b’saħħtu u sostenebbli**. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta’ kwalitā tal-arja mtejba għas-saħħha pubblika, il-kwalitā tal-ambjent **u r-reżiljenza tal-ekosistema**, il-benesseri taċ-ċittadini, **l-ugwaljanza u l-protezzjoni ta’ popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, il-kostijiet tal-kura tas-saħħha, il-kisba tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs), ir-rwol tas-soċjetà ċivili**, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjieg i l-kompetittivitā tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tishħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet ta’ mobbiltà u trasport sostenibbli u intelliġenti **u l-infrastruttura tagħhom**; l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; **l-impatt tal-politiki fiskali**; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċitā ekonomika tagħhom, **iċ-ċirkostanzi nazzjonali** tagħhom, bħal pereżempju l-ispecifitätajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta’ programmi edukattivi u ta’ taħriġ xierqa, **inkluż għall-professjonisti tal-kura tas-saħħha**; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b’mod partikolari s-sejbiet **irrapportati** mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji relatati mat-tniġġis tal-arja jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività, **l-aħjar soluzzjonijiet teknoloġiċi disponibbli** u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ sustanzi niġgħiesa tal-

arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni, *iggwidata mill-prinċipju ta' nonrigressjoni stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Din id-Direttiva tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-SDGs, b'mod partikolari l-SDGs 3, 7, 10, 11, u 13.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) It-“Tmien Programm Ġeneral ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030” adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-6 ta’ April 2022⁴³ jistabbilixxi *l-objettiv li* jinkiseb ambjent mhux tossiku li jipproteġi s-saħħha u l-benesseri tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u impatti negattivi, u, għal dak *l-għan*, jistipula li huma meħtieġa aktar titjib tal-metodi ta’ monitoraġġ, informazzjoni aħjar għall-pubbliku u aċċess għall-ġustizzja. Dan jiggwida l-objettivi stabbiliti f’din id-Direttiva.

Emenda

(6) It-“Tmien Programm Ġeneral ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030” adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-6 ta’ April 2022⁴³ jistabbilixxi *bħala wieħed mill-objettivi prioritarji tiegħi biex jinkiseb ambjent mhux tossiku li jipproteġi s-saħħha u l-benesseri tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u impatti negattivi, u, għal dak *il-għan*, jistipula, *fost l-oħrajn*, li huma meħtieġa aktar titjib tal-metodi ta’ monitoraġġ, koordinazzjoni transfruntiera aħjar, informazzjoni aħjar għall-pubbliku u aċċess għall-ġustizzja. Dan jiggwida l-objettivi stabbiliti f’din id-Direttiva.*

⁴³ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar Programm Ġeneral ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030

⁴³ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar Programm Ġeneral ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030

(ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

(ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propos mill-Kummissjoni

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niċċiesa, l-effetti tagħhom fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent u ***l-iżvilupp teknoloġiku***. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja applikabbi għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Lewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika.

Emenda

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niċċiesa, l-effetti tagħhom fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent, ***l-inugwaljanzi fis-settur tas-sahħha, il-kostijiet diretti u indiretti tal-kura tas-sahħha assoċjati mat-tniġġis tal-arja, il-kostijiet ambjentali, u l-iżviluppi tal-imġiba, fiskali u teknoloġiċi***. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja applikabbi għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Lewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta regolarment il-kontribut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi standards ta' emissionijiet għal sorsi ta' tniġġis tal-arja biex jintlaħqu l-istandardi tal-kwalità tal-arja stabiliti minn din id-Direttiva u, meta meħtieġ, tiproponi miżuri addizzjonali tal-Unjoni.***

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propos mill-Kummissjoni

(10) Jenħtieġ li jiġu applikati applikazzjonijiet ta' mmudellar sabiex data minn punt spċificu tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni

Emenda

(10) ***Meta rilevanti***, jenħtieġ li jiġu applikati applikazzjonijiet ta' mmudellar sabiex data minn punt spċificu tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni

ġeografika ta' konċentrazzjoni , sabiex ikun hemm għajnuna fis-sejbien tal-ksur ta' standards tal-kwalità tal-arja u biex jiġu infurmati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid tal-punti ta' kampjunar . Minbarra r-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja definiti f'din id-Direttiva, għall-finijiet ta' monitoraġġ, l-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-prodotti ta' informazzjoni u l-għodod supplimentari (eż. rapporti regolari ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità, applikazzjonijiet online ta' politika), ipprovdu mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm Spazjali tal-UE, b'mod partikolari s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus (CAMS).

ġeografika ta' konċentrazzjoni **ta' sustanzi niġgħiesa**, sabiex ikun hemm għajnuna fis-sejbien tal-ksur ta' standards tal-kwalità tal-arja u biex jiġu infurmati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid tal-punti ta' kampjunar. Minbarra r-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja definiti f'din id-Direttiva, għall-finijiet ta' monitoraġġ, l-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-prodotti ta' informazzjoni u l-għodod supplimentari (eż. rapporti regolari ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità, applikazzjonijiet online ta' politika), ipprovdu mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm Spazjali tal-UE, b'mod partikolari s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus (CAMS).

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Huwa importanti li s-sustanzi niġgħiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-sahħha u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO.

Emenda

(11) Huwa importanti li s-sustanzi niġgħiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-sahħha u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO, **u bil-ħsieb li jiġu stabiliti valuri ta' limitu għalihom fil-qafas tal-ewwel rieżami ta' din id-Direttiva fl-2028. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-iżviluppi xjentifiċi fir-rigward ta' kwalunkwe sustanza niġgħiesa oħra mhux koperta minn din id-Direttiva u tivvaluta l-htięga li testendi d-dispożizzjonijiet tagħha għal dawn is-sustanzi niġgħiesa.**

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Jenħtieġ li jsir kejl dettaljat ta' materja partikolata fina f'postijiet bi sfond rurali sabiex jiġu mif huma aħjar l-impatti ta' **din is-sustanza** niġġiesa u sabiex jiġu żviluppati politiki adegwati. Tali kejl jenħtieġ li jsir b'mod konsistenti ma' dak tal-programm kooperattiv għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq distanza twila ta' sustanzi niġġiesa tal-arja fl-Ewropa (EMEP) stabbilit taħt il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981⁴⁴ u l-Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll għat-taqbz tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku tal-1999, li ġie rivedut fl-2012.

Emenda

(12) Jenħtieġ li jsir kejl dettaljat ta' materja partikolata fina, **il-karbonju iswed, il-merkurju u l-ammonijaka** f'postijiet bi sfond rurali sabiex jiġu mif huma aħjar **il-kontribut transfruntier u** l-impatti ta' **dawk is-sustanzi** niġġiesa, u sabiex jiġu żviluppati politiki adegwati, **inkluża l-introduzzjoni possibbli ta' valuri ta' limitu, valuri fil-mira jew livelli kritiċi**. Tali kejl jenħtieġ li jsir b'mod konsistenti ma' dak tal-programm kooperattiv għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq distanza twila ta' sustanzi niġġiesa tal-arja fl-Ewropa (EMEP) stabbilit taħt il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981⁴⁴ u l-Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll għat-taqbz tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku tal-1999, li ġie rivedut fl-2012.

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tnejġiż transkonfini tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tnejġiż transkonfini tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

Ġustifikazzjoni

Emenda sabiex tiġi salvagwardjata l-loġika interna tat-test.

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test proposi mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jiġu protetti s-saħħha tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niċċiesa jiġu miċċielda f'ras il-ġħajnej u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industriji, it-trasport u l-ġenerazzjoni tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niċċiesa tal-arja **u** li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti standards adegwati għall-kwalità tal-arja ambientali **b'kont meħud tal-istandardi, il-linji** gwida u **l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha.**

Emenda

(15) Sabiex jiġu protetti s-saħħha tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niċċiesa jiġu miċċielda f'ras il-ġħajnej u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industriji, it-trasport, **is-sistemi ta' tisħin u tkessiħ** u l-ġenerazzjoni tal-enerġija. **Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni bħal dik dwar l-istandardi Ewropej tal-emissjonijiet tal-vetturi jew dwar l-emissjonijiet industrijali hija strumentali biex ikompli jitnaqqas it-tniġġis tal-arja ambientali.** Għalhekk, jenħtieġ li jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niċċiesa tal-arja li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti standards adegwati għall-kwalità tal-arja ambientali **abbażi tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti kif ippubblikata fil-Linji** Gwida **tad-WHO** dwar il-Kwalità tal-Arja l-aktar aġġornati u f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero għall-2050.

Ġustifikazzjoni

Abbozzar ġdid għall-konsistenza mal-bidliet li saru u l-formulazzjoni użata meta jissemmew il-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja u l-evidenza xjentifika l-aktar reċenti, kif ukoll mal-Annessi I u VII.

Emenda 13

**Proposta għal direttiva
Premessa 15 a (ġdida)**

Test proposi mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) L-agrikoltura hija sors sinifikanti ta' tniġġis tal-arja: dan jammonta għal madwar 93 % tal-emissjonijiet totali tal-ammonijaka fl-Unjoni, filwaqt li l-

emissjonijiet agrikoli tal-metan, il-prekursur tal-formazzjoni tal-ożonu fil-livell tal-art, u tal-materja partikolata bħall-PM₁₀, jammontaw għal madwar 54 % tal-emissjonijiet totali ta' dan il-gass fl-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex inaqqsu l-emissjonijiet fl-agrikoltura, flimkien ma' dawk fis-setturi l-oħra, li jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marbuta mal-ġestjoni tal-bhejjem, bħal sistemi ta' ġestjoni tan-nitroġenu u sistemi ta' akkomodazzjoni tal-animali b'emissjonijiet baxxi, il-ġestjoni sostenibbli tal-iskart agrikolu, il-ġestjoni sostenibbli tal-għejejjal, il-biedja ta' preċiżjoni, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u sorsi alternattivi tal-enerġija.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivaluta l-konsistenza ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura jew proposta leġiżlattiva rilevanti, inklużi l-proposti baġitarji, mal-istandard tal-kwalità tal-arja stabbiliti f'din id-Direttiva, qabel ma dawn jiġu adottati, u jenħtieġ li tinkludi dik il-valutazzjoni fi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawk il-miżuri jew proposti, u tagħmel ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni disponibbli pubblikament meta dawn jiġu adottati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex tallinja l-abbozzi ta' miżuri u l-proposti leġiżlattivi tagħha mal-objettivi ta' din id-Direttiva. Fi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' allinjament, jenħtieġ li l-Kummissjoni

tiprovdni r-raġunijiet tagħha bħala parti mill-valutazzjoni tal-konsistenza.

Gustifikkazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 15c (ġdida)

Test proposst mill-Kummissjoni

Emenda

(15c) Is-sustanzi niġgħiesa tal-arja li jiġu mis-settur tat-trasport joħolqu riskju partikolari għas-saħħa tan-nies li jgħixu f'żoni urbani u qrib ċentri tat-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali rilevanti jqisu l-implementazzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli u jinvestu f'teknoloġiji u miżuri b'emissjonijiet zero li jippermettu bidla modali lejn sistemi tat-trasport attivi, kollettivi u sostenibbli, kif ukoll il-ħolqien ta' spazji ekoloġiċi u żoni pedonali fil-bliet bil-ġhan li jitnaqqsu t-tnejġġis tal-arja u l-konġestjoni fit-toroq, speċjalment f'żoni urbani f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur". Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu wkoll il-miżuri kollha meħtieġa biex jaċċelleraw l-użu ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, b'mod partikolari infrastruttura għall-irriċarġjar elettriku għal vetturi hsfief u tqal, kif ukoll iwettqu kontrolli regolari tal-kwalità tal-infrastruttura tat-trasport biex jidher id-dokumenti iż-żoni li jeħtieġu dekonġestjoni u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura, u jieħdu miżuri xierqa, bl-appoġġ tal-finanzjament tal-Unjoni, fejn applikabbli.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 15d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15d) It-tniġġis tal-arja mit-trasport marittimu waħdu jwassal għal aktar minn 50 000 mewta prematura fis-sena fl-Unjoni^{1a}. Filwaqt li l-parti l-aktar detrimentali tal-exhaust tat-trasport marittimu hija t-tniġġis tad-diossidiu tal-kubrit, jenħtieġ li l-NOx ma jintesewx. L-impatt tat-trasport marittimu fuq l-ambjent u fuq il-komunitajiet kostali, kemm f'termini ta' ħsara għall-ekosistemi kif ukoll għas-saħħa pubblika jista' jittaffa b'elettrifikazzjoni kompreksiva tat-trasport marittimu urban u fuq distanzi qosra, flimkien ma' rekwiżiti ta' emissjonijiet żero u infrastruttura fl-irmiġġ. Barra minn hekk, il-kopertura kompreksiva tal-ispażju marittimu tal-Unjoni taħt iż-żoni taż-żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-kubrit (SECA) u taż-żona ta' kontroll tal-emissjonijiet tan-nitroġenu (NECA) tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fil-portijiet u fil-bliet portwarji, kif ukoll fl-ilmiċċiet tal-Unjoni.

^{1a} *Brandt, J., Silver, J. D., u Frohn, L. M., Assessment of Health-Cost Externalities of Air Pollution at the National Level using the EVA Model System (Valutazzjoni tal-externalitajiet tal-kosti tas-saħħa li ġejjin mit-tniġġis tal-arja fil-livell nazzjonali bl-użu tas-sistema tal-mudell tal-EVA). Rapport Xjentifiku Nru 3 tas-CEEH, 2011.*

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Evidenza xjentifika turi li id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, ġerti idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u l-ożonu huma responsabbli għal **impatti** negattivi sinifikanti fuq is-sahħha tal-bniedem. L-impatt fuq is-sahħha tal-bniedem u fuq l-ambjent isehħi permezz ta' konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali.

Emenda

(16) Evidenza xjentifika turi li id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, ġerti idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u l-ożonu huma responsabbli għal **firxa ta' effetti** negattivi sinifikanti fuq is-sahħha tal-bniedem *li jistgħu jwasslu għal mewta prematura, u li ma hemm l-ebda livell limitu li jista' jiġi identifikat li taħtu dawk is-sustanzi ma jippreżentawx riskju għas-sahħha tal-bniedem. Dawk is-sustanzi jagħmlu ħsara lill-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-organi u huma marbuta ma' ħafna mard debilitanti, bħall-ażma fit-tfulija u l-ażma li tibda fl-età adulta, il-mard kardjovaskulari, il-mard pulmonari ostruttiv kroniku, il-pulmonite, il-puplesiji, id-dijabete, il-kancér tal-pulmun, l-indeboliment tal-iżvilupp konjittiv u d-dimenzja.* L-impatt fuq is-sahħha tal-bniedem u fuq l-ambjent isehħi permezz ta' konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali **u permezz ta' depożizzjoni.**

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 16a (ġidida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) It-tniġġis tal-arja jaffettwa l-ġisem

tal-bniedem, kemm f'perjodu ta' żmien qasir u fit-tul, b'modi li huma ta' detriment għas-saħħha. Għalkemm it-tniġġis tal-arja huwa problema universali tas-saħħha li taffettwa lil kulħadd, ir-riskji mhumiex mifruxa l-istess fost il-popolazzjoni, b'tali mod li xi gruppi ta' persuni jinsabu f'riskju akbar ta' ħsara minn oħrajn. Il-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, bħal dawk b'kundizzjonijiet tas-saħħha speċifiċi preeżistenti (eż. mard respiratorju jew kardjovaskulari), nisa tqal, trabi tat-tweliż, tfal, anzjani, persuni li jgħixu b'diżabilità jew li għandhom aċċess inadegwat għall-kura medika, u ħaddiema li huma esposti għal livelli partikolarment għoljin ta' tniġġis tal-arja fil-professjoni tagħhom, jidhru li huma l-aktar f'riskju, kif enfasizzat minn studji li jorbtu t-tniġġis tal-arja mat-tnaqqis fil-prestazzjoni konjittiva fost l-anzjani kif ukoll li jissu għixerxxu li l-kwalità ħażina tal-arja hija partikolarment perikoluża għat-tfal. Jenħtieġ li dawk il-gruppi jiġu infurmati u protetti. Din id-Direttiva tirrikonoxxi r-riskji akbar u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjoni sensittiva u tal-gruppi vulnerabbli fir-rigward tat-tniġġis tal-arja u għandha l-għan li tindirizza l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħha kkawżati mill-arja mniġġsa.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16b) Filwaqt li t-tniġġis tal-arja ambjentali huwa riskju kbir għas-saħħha ambjentali li jaffettwa lil kulħadd u lill-Istati Membri kollha, hemm biżżejjed evidenza dwar l-assoċjazzjonijiet bejn l-istatus soċjoekonomiku u t-tniġġis tal-arja, li turi b'mod partikolari li s-saħħha ta' nies ta' status soċjoekonomiku aktar baxx għandha tendenza li tkun aktar

affettwata mit-tniġġis tal-arja milli mis-saħħa tal-popolazzjoni ġeneralī bħala riżultat kemm tal-esponentment akbar kif ukoll tal-vulnerabbiltà akbar tagħhom^{1a}. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu tali fatturi meta jabbozzaw, jimplimentaw jew jaġġornaw il-pjanijiet tagħhom dwar il-kwalità tal-arja jew il-pjanijiet direzzjonali tagħhom dwar il-kwalità tal-arja biex jindirizzaw b'mod effettiv l-aspetti soċjali tat-tniġġis tal-arja u biex jimmiminizzaw l-impatti soċjoekonomiċi tal-miżuri meħuda.

^{1a} *Unequal exposure and unequal impacts: social vulnerability to air pollution, noise and extreme temperatures in Europe (Esponentment mhux ugħwali u impatti mhux ugħwali: Il-vulnerabbiltà soċjali għat-tniġġis tal-arja, l-istorbju u t-temperaturi estremi fl-Ewropa), Agġenzijsa Ewropea għall-Ambjent, 2018.*

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-esponentment medju tal-popolazzjoni għas-sustanzi niġġiesa bl-oħla impatt dokumentat fuq is-saħħha tal-bniedem, il-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diġidu tan-nitrogħenu (NO_2) jenħtieġ li jitnaqqas abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ***tal-WHO***. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ***ta' tnaqqis*** tal-esponentment medju għal dawn is-sustanzi niġġiesa, flimkien mal-valuri ta' limitu.

Emenda

(18) L-esponentment medju tal-popolazzjoni għas-sustanzi niġġiesa bl-oħla impatt dokumentat fuq is-saħħha tal-bniedem, il-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diġidu tan-nitrogħenu (NO_2) jenħtieġ li jitnaqqas abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ***tad-WHO l-aktar aġġornati***. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ***għat-tnaqqis*** tal-esponentment medju għal dawn is-sustanzi niġġiesa, flimkien mal-valuri ta' limitu. ***L-obbligu għat-tnaqqis tal-esponentment medju jenħtieġ li jikkumplimenta u mhux jissostitwixxi dawk il-valuri ta' limitu li wrew li huma l-aktar standards infurzabbli b'mod effettiv sal-lum.***

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-Kontroll tal-IDoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)⁴⁵ wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ***mill-valuri*** fil-mira. Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti ***dannużi*** fuq is-saħħa tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbi, u l-ambjent, jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-konċentrazzjoni tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali. Il-benzo(a)piren jenħtieġ li jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

Emenda

(19) Il-Kontroll tal-IDoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)⁴⁵ wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ***minn tipi oħra ta' standards tal-kwalità tal-arja, bħalma huma l-valuri*** fil-mira. Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti ***ta' ħsara*** fuq is-saħħa tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbi, u l-ambjent, jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-konċentrazzjoni tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali. ***Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva kontra l-effetti dannużi fuq l-ekosistemi, dawk il-valuri ta' limitu jenħtieġ li jiġu aġġornati regolarment fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet l-aktar reċenti mid-WHO.*** Il-benzo(a)piren jenħtieġ li jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

⁴⁵ Il-Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD(2019) 427 final).

⁴⁵ Il-Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD(2019) 427 final).

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propos mill-Kummissjoni

(21) L-ożonu huwa sustanza niġgħiesa b'effetti transkonfinali fformat fl-atmosfera mill-emissjoni ta' sustanzi niġgħiesa primarji indirizzati mid-Direttiva 2016/2284/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶. Il-progress lejn il-miri tal-kwalità tal-arja u l-objettivi fit-tul għall-ożonu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġi determinat mill-miri u mill-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet previsti fid-Direttiva 2016/2284/UE u, bl-implimentazzjoni ta' miżuri kosteffettivi **u tal-pjanijiet** dwar il-kwalità tal-arja .

Emenda

(21) L-ożonu huwa sustanza niġgħiesa b'effetti transkonfinali fformat fl-atmosfera mill-emissjoni ta' sustanzi niġgħiesa primarji, **li wħud minnhom huma** indirizzati mid-Direttiva 2016/2284/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶. **L-ożonu fil-livell tal-art jaffettwa b'mod negattiv mhux biss is-saħħa tal-bniedem iżda wkoll il-veġetazzjoni u l-ekosistemi, u dan iwassal għal tnaqqis fir-rendimenti tal-għejej u fit-tkabbir tal-foresti, u għat-telfien tal-bijodiversità.** Il-progress lejn il-miri tal-kwalità tal-arja u l-objettivi fit-tul għall-ożonu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġi determinat mill-miri u mill-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet previsti fid-Direttiva 2016/2284/UE u, bl-implimentazzjoni ta' miżuri kosteffettivi, **il-pjanijiet direzzjonali** dwar il-kwalità tal-arja **u l-pjanijiet** dwar il-kwalità tal-arja .

⁴⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

⁴⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

Għustifkazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Premessa 22

Test propos mill-Kummissjoni

(22) Il-valuri fil-mira u l-objettivi fit-tul

Emenda

(22) Il-valuri fil-mira u l-objettivi fit-tul

tal-ożonu għall-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħha tal-bniedem u l-veġetazzjoni u l-ekosistemi mill-esponiment għall-ożonu jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-aktar rakkomandazzjonijiet *riċenti* tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha .

tal-ożonu għall-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħha tal-bniedem u l-veġetazzjoni u l-ekosistemi mill-esponiment għall-ożonu jenħtieġ li jiġu aġġornati **regolarment** fid-dawl tal-aktar rakkomandazzjonijiet *reċenti* tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti livell limitu ta' allert għad-diġossidu tal-kubrit, id-diġossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM₁₀ u PM_{2.5}) u l-ożonu, **u livell limitu ta' informazzjoni għall-ożonu**, għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ġenerali u **s-sezzjonijiet vulnerabbi u sensittivi, rispettivament**, minn esponenti għal żmien qasir għal konċentrazzjonijiet għoljin **tal-ożonu**. Dawk il-livelli limitu jenħtieġ li jagħtu bidu għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku rigward ir-riskji tal-esponiment u l-implementazzjoni, **jekk ikun il-każ, ta'** miżuri f'perjodu ta' żmien qasir sabiex jitnaqqsu l-livelli tat-tniġġis meta l-livell limitu ta' allert jinqabeż.

Emenda

(23) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti livell limitu ta' allert **u livell limitu ta' informazzjoni** għad-diġossidu tal-kubrit, id-diġossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM₁₀ u PM_{2.5}) u l-ożonu, għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ġenerali, u **b'mod speċjal i-l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi**, minn esponenti għal żmien qasir għal konċentrazzjonijiet għoljin **ta' sustanzi niġġiesa**. Dawk il-livelli limitu jenħtieġ li jagħtu bidu għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku rigward ir-riskji **tas-saħħha assoċjati** tal-esponiment u l-implementazzjoni, ta' miżuri f'perjodu ta' żmien qasir sabiex jitnaqqsu l-livelli tat-tniġġis meta l-livell limitu ta' allert jinqabeż. **Mħumiex stabbiliti livelli limitu ta' allert u ta' informazzjoni għas-sustanzi niġġiesa regolati l-oħra, peress li l-evidenza dwar l-effetti fuq is-saħħha ta' dawk is-sustanzi niġġiesa ħafna drabi tqis effetti ta' esponiment fit-tul biss. F'każ li toħroġ evidenza xjentifika dwar l-effetti tal-esponiment tagħhom għal perjodu ta' żmien qasir, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-ħtieġa li tintroduċi livelli limitu ta' allert u ta' informazzjoni għal dawk is-sustanzi niġġiesa.**

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn l-istandardi għall-kwalità tal-arja ambientali stabbiliti f'din id-Direttiva jkunu fir-riskju li ma jintlaħqu, jew ma ntlaħqu, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjoni immedjata sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu, l-obbligi ***tat-tnaqqis*** tal-esponent medju u l-livelli kritiċi, u ***fejn possibbli***, sabiex jiksbu l-valuri fil-mira għall-ożonu u l-objettivi fit-tul.

Emenda

(25) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn l-istandardi għall-kwalità tal-arja ambientali stabbiliti f'din id-Direttiva jkunu fir-riskju li ma jintlaħqu, jew ma ntlaħqu, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjoni immedjata ***u kontinwa*** sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu, l-obbligi ***għat-tnaqqis*** tal-esponent medju u l-livelli kritiċi, u sabiex jiksbu l-valuri fil-mira għall-ożonu u l-objettivi fit-tul.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-kontributi minn sorsi naturali jistgħu jiġu vvalutati iżda ***ma jistgħux*** jiġu kkontrollati. Għalhekk, fejn il-kontributi naturali għal sustanzi niġġies tal-arja ambientali jistgħu jiġu determinati b'ċertezza suffiċjenti, u fejn il-qabżiet fuq il-limiti jkunu kompletament jew parżjalment dovuti għal dawn il-kontributi

Emenda

(29) Il-kontributi minn sorsi naturali jistgħu jiġu vvalutati iżda ***f'xi każijiet diffiċċi*** jiġu kkontrollati. Għalhekk, fejn il-kontributi naturali għal sustanzi niġġies tal-arja ambientali jistgħu jiġu determinati b'ċertezza suffiċjenti, u fejn il-qabżiet fuq il-limiti jkunu kompletament jew parżjalment dovuti għal dawn il-kontributi

naturali, dawn jistgħu, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja u l-obbligi ***tat-tnaqqis*** tal-esponiment medju. Il-kontribuzzjonijiet għall-qabżiet fuq il-valuri ta' limitu ta' materja partikolata attribwibbli għat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tal-melħ fit-toroq matul ix-xitwa jistgħu wkoll jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja ***sakemm ikunu*** ttieħdu ***miżuri*** rägħonevoli sabiex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet.

naturali, ***li jaqgħu barra l-kontroll tal-Istati Membri u ma setgħux jiġu antcipati, mitigati jew prevenuti***, dawn jistgħu, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja u l-obbligi ***għat-tnaqqis*** tal-esponiment medju. Il-kontribuzzjonijiet għall-qabżiet fuq il-valuri ta' limitu ta' materja partikolata attribwibbli għat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tal-melħ fit-toroq matul ix-xitwa jistgħu wkoll jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja ***biss meta tiġi pprovduta evidenza li jkunu*** ttieħdu ***l-miżuri*** rägħonevoli ***kollha*** sabiex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet. ***It-tnaqqis ta' dawk il-kontribuzzjonijiet meta tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja u mal-obbligi għat-tnaqqis tal-esponiment medju jenħtieġ li ma jżommx lill-Istati Membri milli jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-impatt tagħhom fuq is-sahħha.***

Għustifkazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Huwa kruċjali li tiġi mmonitorjata b'mod sistematiku l-kwalitā tal-arja fil-viċinanza tal-hotspots tat-tniġġis tal-arja fejn il-livell tat-tniġġis huwa influenzat ħafna mill-emissionijiet minn sorsi ta' tniġġis qawwi li jistgħu jesponu lill-individwi u lill-gruppi tal-popolazzjoni għal riskji elevati ta' effetti negattivi fuq is-sahħha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jinstallaw punti ta'

kampjunar fil-hotspots tat-tniġġis tal-arja, bħal portijiet jew ajruporti, bil-għan li jtejbu l-fehim tal-impatt ta' dawk is-sorsi fuq it-tniġġis tal-arja, u biex jieħdu miżuri xierqa ħalli jimminimizzaw l-impatt tagħhom fuq is-sahħha tal-bniedem.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Għal żoni fejn il-kundizzjonijiet huma partikolarment diffiċli, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja f'każijiet fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri xierqa tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi kbar ta' konformità f'żoni ***u agglomerazzjonijiet*** speċifiċi. Kwalunkwe posponiment għal żona ***jew agglomerazzjoni*** partikolari jenħtieġ li tkun akkompanjata minn pjan komprensiv li għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konformità sal-iskadenza riveduta.

Emenda

(30) Għal żoni fejn il-kundizzjonijiet huma partikolarment diffiċli, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalitā tal-arja f'każijiet fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri xierqa tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi kbar ta' konformità f'żoni speċifiċi. Kwalunkwe posponiment għal żona partikolari jenħtieġ li tkun akkompanjata minn pjan komprensiv li għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konformità sal-iskadenza riveduta.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Premessa 31

(31) Jenħtieġ li jiġu żviluppati u aġġornati pjaniċiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi **tat-tnaqqis** tal-esponent medju . Is-sustanzi niġġiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tīgi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjaniċiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jkunu konsistenti fejn fattibbli mal-pjaniċiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸, id-Direttiva (UE) 2016/2284, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹.

⁴⁸ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁴⁹ Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-rigward tal-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

(31) Jenħtieġ li jiġu żviluppati u aġġornati pjaniċiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi **għat-tnaqqis** tal-esponent medju . Is-sustanzi niġġiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tīgi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjaniċiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jkunu konsistenti fejn fattibbli mal-pjaniċiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸, id-Direttiva (UE) 2016/2284, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹.

⁴⁸ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁴⁹ Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-rigward tal-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

Ġustifikkazzjoni

“2001/80/KE” tħassret peress li dan in-numru huwa ħażin. Id-Direttiva 2001/80/KE tħassret bid-Direttiva 2010/75/UE, li tissemmha eżatt qabel.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 31a (ġdida)

(31a) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja^{1a}, id-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ma jippermettux li tiġi estiża l-iskadenza għall-konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja. Il-fatt li tfassal pjan dwar il-kwalità tal-arja ma jfissirx, fih innifsu, li Stat Membru madankollu ssodisfa l-obbligi tiegħu li jiżgura li l-livelli ta' sustanzi niġġiesa tal-arja ma jaqbżux l-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti b'din id-Direttiva.

^{1a} Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana, C-644/18, ECLI:EU:C:2020:895, il-paragrafu 154, u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth vs The Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs, C-404/13, ECLI:EU:C:2014:2382, il-paragrafu 49.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Premessa 32

(32) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitħejjew ukoll qabel l-2030 fejn ikun hemm riskju li l-Istati Membri ma jilhqqu il-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa dik id-data sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' sustanzi niġġiesa jitnaqqsu kif xieraq.

(32) Sabiex tallinja l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mal-aħħar evidenza xjentifika u mal-Linji Gwida l-aktar reċenti tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ġodda tal-kwalità tal-arja li għandhom jiġu ssodisfati sal-2030. L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li b'antiċipazzjoni tal-iskadenza tal-2030 għal valuri ta' limitu ġodda stabbiliti fit-Taqsima 1, Tabella 1, tal-Anness I, jiżviluppaw tip distint ta' pjan dwar il-kwalità tal-arja, l-hekk imsejjaħ pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja, għal żoni li fihom il-

konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri ta' limitu rilevantti tal-kwalità tal-arja stabbiliti għall-2030. Il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jistabbilixxi politiki u miżuri f'perjodu ta' żmien qasir u twil sabiex jikkonforma ma' dawk il-valuri limitu sa mhux aktar tard mill-2030. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, u minkejja t-terminoloġija speċifika użata, pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitqies bħala pjan dwar il-kwalità tal-arja kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (36).

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, il-livell ta' sustanza niġgħiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponentiment medju jew il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niġgħiesa speċifiċi, bħall-ożonu u l-materja partikolata, **tista'** teżiġi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni **fuq perjodu ta'** żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku. Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun infurmata fil-ħin u mistiedna biex tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni bħal din.

Emenda

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, il-livell ta' sustanza niġgħiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponentiment medju jew il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niġgħiesa speċifiċi, bħall-ożonu u l-materja partikolata, **jenħtieġ li** teżiġi koordinazzjoni **rapida** bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni **għal** żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku **kemm jista' jkun malajr**. Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun infurmata fil-ħin u mistiedna biex tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni bħal din.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test. L-emenda hi marbuta mal-bidliet li saru fl-Artikolu 1.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li wkoll tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġgħiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien .

Emenda

(35) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li wkoll tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġgħiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, *il-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja* u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien ***b'mod koerenti u faċli biex jinftiehem.***

Ġustifikazzjoni

Emendat biex ikun koerenti mal-bidliet fit-test bħall-Artikolu 19(4) u l-Artikolu 15(3).

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35a) L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Digiitali (DESI) juri li aktar minn 40 % tal-adulti fl-Unjoni ma għandhomx ħiliet digiitali bażiċċi^{1a}. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni

li għandha ssir pubblika f'konformità ma' din id-Direttiva tīgħi kkomunikata, meta rilevanti, anke permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni mhux digħi.

1a L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Digideli (DESI) 2022 (<https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/desi>).

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosseva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fejn tkun seħħet ħsara għas-saħħha tal-bniedem minħabba l-ksur tal-Artikoli 19, 20, 21 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati minn tali ksur ikunu jistgħu jitkolu u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara mill-awtoritā kompetenti rilevanti. ***Ir-regoli dwar il-kumpens, l-aċċess għall-għustizzja u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom l-objettiv li jevitaw, jipprejx u jnaqqsu l-effetti ta' ħsara mit-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, huma jfittxu li jintegraw fil-politika tal-Unjoni livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta, u jpoġġu f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-***

Emenda

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosseva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fejn tkun seħħet ħsara għas-saħħha **u l-benesseri** tal-bniedem minħabba l-ksur tal-Artikoli **13, 19, 20 u 21** ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati minn tali ksur ikunu jistgħu jitkolu u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara mill-awtoritā kompetenti rilevanti. **Din** id-Direttiva **għandha** l-objettiv li **tevita, tipprevjeni u tnaqqas** l-effetti **dannużi tat-tniġġis** tal-arja fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, **hija tfittex li tintegħra fil-politiki** tal-Unjoni livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta, u **tpoġġi** f'termini konkreti l-obbligu li **jiġi protetti d-dritt** għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna, **ir-rispett għall-ħajja privata u d-dritt** **għall-kura tas-saħħha stabbiliti** fl-Artikoli **2, 3, 7**

Artikoli 2 u 3 tal-Karta. Id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem.

u 35 tal-Karta. Id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem. **Barra minn hekk, tirrikonoxxi u tipproteġi dd-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli kif rikonoxxut mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-riżoluzzjoni 76/300 tat-28 ta' Lulju 2022.**

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 40a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(40a) *Preżunzjonijiet konfutabqli huma mekkaniżmu komuni biex jittaffew id-diffikultajiet evidenziali tar-rikorrent, filwaqt li jiġu ppreservati d-drittijiet tal-konvenut. Preżunzjonijiet konfutabqli huma applikabbi biss dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Sabiex jinżamm tqassim ġust tar-riskju, u sabiex jiġi evitat treggħiġ lura tal-oneru tal-provi, jenħtieġ li rikorrent ikun meħtieġ juri evidenza rilevanti biżżejjed, inkluża data xjentifika, li twassal għal preżunzjoni li l-ksur ikkawża jew ikkontribwixxa għall-okkorrenza tad-dannu. Fid-dawl tal-isfidi evidenzjarji li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni midruba, speċjalment f'każijiet kumplessi, tali preżunzjoni konfutabqli se tikseb bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-individwi li jsorfu minn ħsara għas-sahħha tal-bniedem u l-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tintuża data xjentifika rilevanti bħala evidenza f'konformità mad-dritt nazzjonali. Meta tali data xjentifika rilevanti ma tkunx disponibbli, jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża evidenza oħra biex tappoġġa t-talba f'konformità mad-dritt nazzjonali. Meta wieħed iqis li l-istandards tal-kwalità tal-arja huma stabbiliti abbażi tal-gharfiem*

xjentifiku dwar l-effetti dannużi tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem, meta jinqabżu l-valuri limitu, it-tniġġis tal-arja jsir potenzjalment ta' ħsara għas-saħħa u l-benesseri ta' dawk esposti għaliha^{1a}.

^{1a} Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Fadeyeva vs ir-Russja, 55723/00, (QEDB, 9 ta' Ġunju 2005), §87.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi objettiv ta' tniġġis żero għall-kwalità tal-arja, sabiex fl-Unjoni l-kwalità tal-arja tittejjeb progressivament għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem **u** għall-ekosistemi naturali, kif definit **mill-evidenza** xjentifika, u b'hekk tikkontribwixxi għal ambient ħieles mis-sustanzi tossiċi sa mhux aktar tard mill-2050.

Emenda

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi objettiv ta' tniġġis żero għall-kwalità tal-arja, sabiex fl-Unjoni l-kwalità tal-arja tittejjeb progressivament għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem, għall-ekosistemi naturali **u għall-bijodiversità**, kif definit **mill-aħjar evidenza** xjentifika **disponibbli u aġġornata**, u b'hekk tikkontribwixxi għal ambient ħieles mis-sustanzi tossiċi sa mhux aktar tard mill-2050.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu **intermedji**, valuri fil-mira, obbligi **ta' tnaqqis** tal-esponent medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju, livelli kritiċi, **livelli limitu ta' informazzjoni**, **livelli limitu ta' allert** u **objettivi fit-tul** (“standards tal-kwalità tal-arja”) li għandhom jintlaħqu

Emenda

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu, valuri fil-mira, obbligi **għat-tnaqqis** tal-esponent medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju **u** livelli kritiċi, **li għandhom jintlaħqu kemm jiġi jkun malajr u sa' mhux aktar tard mis-sena** 2030, u rieżaminati regolarment minn **hemm 'il quddiem**

sas-sena 2030, u rieżaminati regolarmen
minn **hemm' il** quddiem f'konformità mal-
Artikolu 3.

f'konformità mal-Artikolu 3. **Din
tistabbilixxi wkoll objettivi fit-tul, livelli
limitu ta' informazzjoni u livelli limitu ta'
allert bħala parti mill-istandard tal-
kwalità tal-arja.**

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Barra minn hekk, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba **ta'**: *l-objettivi tal-Unjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis, tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f'konformità mat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

Emenda

3. Barra minn hekk, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba **tal-objettivi tal-Unjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis, tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f'konformità mat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵, kif ukoll għal sinerġji msaħħa bejn il-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u politiki rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari *l-politiki dwar il-klima, it-trasport u l-enerġija.***

⁵⁵ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

⁵⁵ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. miżuri għall-monitoraġġ **tal-kwalità tal-arja ambjentali tax-xejriet għal perjodu fit-tul u miżuri tal-Unjoni u nazzjonali *dwar il-kwalità tal-arja ambjentali* ;**

Emenda

3. miżuri għall-monitoraġġ **tal-kwalità tal-arja ambjentali tax-xejriet u *l-impatti* għal perjodu fit-tul u miżuri tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll miżuri stabbiliti f'kooperazzjoni ma' paxiżi terzi, fuq il-kwalità tal-arja ambjentali;**

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. miżuri għall-assigurazzjoni li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

Emenda

4. miżuri għall-assigurazzjoni li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali ***tiġi armonizzata fl-Unjoni kollha u*** titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

Ġustifikazzjoni

Din hi emenda għall-konsistenza mal-bidiet fl-Artikolu 22, li jeħtieġu indiċijiet armonizzati tal-kwalità tal-arja madwar l-UE.

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. miżuri dwar il-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Emenda

6. miżuri dwar il-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ***l-awtoritajiet regionali u lokali, fi ħdan u bejn l-Istati Membri, kif ukoll ma' pajjiżi terzi li għandhom fruntiera komuni mal-Unjoni,*** fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza fit-test. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-tniġġis tal-arja u l-effetti ta' ħsara fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent ma jiqfix fil-fruntiera tal-Istat Membru, b'mod partikolari meta fäċilità tal-produzzjoni ma tkunx 'il bogħod mill-fruntiera, li jfisser li jridu jiġu stabbiliti modi affidabbli u effettivi ta' kooperazzjoni fil-livell transfruntier, inkluż ma' pajjiżi kandidati jew mhux tal-UE, biex jippermettu interventi fl-iqsar żmien possibbli u bl-aktar mod effiċċienti, kif huwa rrakkomandat ukoll fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, il-punt 37.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test proposi mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2028, u kull ħames snin minn hemm' il quddiem, u aktar ta' spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru 2028, u kull ħames snin minn hemm' il quddiem, u aktar ta' spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Ir-rieżami għandu jitwettaq mingħajr dewmien żejjed wara l-publikazzjoni tal-aħħar Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja.***

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 2

Test proposi mill-Kummissjoni

Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ir-rieżami għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva għandhiex bżonn tīgħi riveduta bil-ħsieb li jiġi żgurat l-allinjament mal-Linji Gwida ***dwar il-Kwalità tal-Arja*** tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO) u mal-aħħar informazzjoni xjentifika.

Emenda

Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, ir-rieżami għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva għandhiex bżonn tīgħi riveduta bil-ħsieb li jiġi żgurat l-allinjament ***sħiħ u kontinwu*** mal-Linji Gwida ***l-aktar aġġornati*** tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO), ***mal-aktar rieżami reċenti mill-Uffiċċju Regionali tad-WHO għall-Ewropa*** u mal-aħħar informazzjoni xjentifika.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt a

Test proposi mill-Kummissjoni

(a) l-informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti ***mid-WHO*** u organizzazzjonijiet rilevanti oħra,

Emenda

(a) l-informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti ***mill-korpi rilevanti tal-Unjoni, id-WHO*** u organizzazzjonijiet ***xjentifiċi***

rilevanti oħra,

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

(b) żviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-kwalitā tal-arja u l-valutazzjoni tagħha,

Emenda

(b) *bidliet fl-imġiba, politiki fiskali u* żviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-kwalitā tal-arja u l-valutazzjoni tagħha,

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt c

Test propos mill-Kummissjoni

(c) *is-sitwazzjonijiet tal-kwalitā* tal-arja u l-impatti assoċjati fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fl-Istati Membri,

Emenda

(c) *il-kwalitā* tal-arja u l-impatti assoċjati fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fl-Istati Membri,

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt ca (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) *il-kostijiet diretti u indiretti tal-kura tas-saħħa u ambjentali assoċjati mat-tniġġis tal-arja kif ukoll l-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji,*

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt da (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(da) *il-progress li sar fl-*

*implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni rilevanti
oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-
qasam tal-klima, it-trasport u l-enerġija,*

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt db (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(db) l-introduzzjoni minn Stati Membri
individwali ta' standards tal-kwalità tal-
arja aktar stretti f'konformità mal-
Artikolu 193 tat-TFUE.*

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u
taħdem mill-qrib mal-Uffiċċju Regionali
tad-WHO għall-Ewropa biex
timmonitorja u tirrieżamina l-evidenza
xjentifika dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja
fuq is-sahħha.*

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*2a. Fl-ewwel rieżami regolari, sal-
31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni
għandha tiproponi, jekk xieraq, valuri
ta' limitu, valuri fil-mira jew livelli kritiċi
għas-sustanzi niġġiesa tal-arja mkejla
mis-supersiti ta' monitoraġġ imsemmija
fl-Artikolu 10 iżda li bħalissa mhumiex
inklużi fl-Anness I. Dawk il-valuri jew il-
livelli għandhom ikunu f'konformità mal-*

aħħar evidenza xjentifika dwar dak li huwa meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Fil-qafas tal-ewwel rieżami regolari, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni dwar il-possibbiltà li l-valur fil-mira għall-ożonu jiġi kkonvertit f'valur limitu, akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Emenda 53

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, b'riżultat tar-rieżami, għandha tippreżenta proposta biex tirrevedi l-istandardi tal-kwalità tal-arja jew biex tkopri sustanzi niċċiesa oħra tal-arja.

Emenda

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, b'riżultat tar-rieżami, għandha tippreżenta proposta biex tirrevedi l-istandardi tal-kwalità tal-arja jew biex tkopri sustanzi niċċiesa oħra tal-arja. **Tali proposta għandha tiġi żviluppata f'konformità mal-prinċipju tan-nonregressjoni.**

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) “standards tal-kwalità tal-arja” tfisser valuri ta’ limitu, valuri fil-mira, obbligi għat-tnaqqis tal-esponent medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju, livelli kritiċi, livelli limitu ta’ informazzjoni u livelli limitu ta’ allert;

Ġustifikazzjoni

Terminu użat fl-Artikolu 1(2). Huwa inkluż hawnhekk ukoll, sabiex id-definizzjonijiet kollha jkunu fl-istess artikolu għal aktar ċarezza u konsistenza tat-test.

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) “stima oġġettiva” tfisser metodu ta’ valutazzjoni biex tinkiseb informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva dwar il-konċentrazzjoni jew il-livell ta’ depożizzjoni ta’ sustanza niġġiesa permezz ta’ ġudizzju espert, li jista’ jinkludi l-użu ta’ għodod statistiċi, telerilevament, u sensuri in situ;

imħassar

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) “postijiet bi sfond urban” tfisser postijiet f’żoni urbani fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponent tal-popolazzjoni urbana ġenerali;

(23) “postijiet bi sfond urban” tfisser postijiet f’żoni urbani fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponent tal-popolazzjoni urbana ġenerali, *inklużi l-popolazzjoni sensittiva urbana u l-gruppi vulnerabbi;*

Ġustifikazzjoni

L-emenda toħloq koerenza mal-kunċett ta’ “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi” definit fl-Artikolu 4(39).

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) “postijiet bi sfond rurali” tfisser postijiet f’żoni rurali b’densità tal-popolazzjoni baxxa fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponent tal-

(24) “postijiet bi sfond rurali” tfisser postijiet f’żoni rurali b’densità tal-popolazzjoni baxxa fejn il-livelli jirrappreżentaw l-esponent tal-popolazzjoni rurali ġenerali, *inklużi l-*

popolazzjoni rurali ġeneral;

popolazzjoni sensittiva rurali u l-gruppi vulnerabbi;

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) “hotspot tat-tniġġis tal-arja” tfisser post fejn il-livell tat-tniġġis huwa influenzat ħafna mill-emissjonijiet minn sorsi ta’ tniġġis qawwi bħal, iżda mhux limitat għal, toroq konġestjonati u traffikati ħafna, awtostradi jew toroq pubbliċi oħra, sors industrijali wieħed jew żona industrijali b’haġna sorsi, portijiet, ajruporti, tisħin residenzjali intensiv, jew taħlita tagħhom;

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) “valur ta’ limitu” tfisser livell li **ma għandux jinqabeż u li** huwa fiss fuq il-bażi **tal-konoxxa xjentifika**, bil-għan li **jkunu** evitati, ipprevenuti jew **jitnaqqsu** l-effetti ta’ ħsara fuq is-saħħha tal-bniedem **u** jew l-ambjent;

(26) “valur ta’ limitu” tfisser livell li huwa fiss fuq il-bażi **tal-gharfiex xjentifiku**, bil-għan li **jiġu** evitati, ipprevenuti jew **imnaqqsa** l-effetti ta’ ħsara fuq is-saħħha tal-bniedem jew l-ambjent, **u li** għandu jintlaħaq sa perjodu ta’ żmien partikolari **u li** ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq;

Ġustifikazzjoni

Emenda għal finijiet ta’ kjarifika. Il-kliem “ma għandux jinqabeż” jitmexxa lejn it-tmiem.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) “indikatur tal-esponiment medju” tfisser livell medju determinat abbażi tal-kejl f’ambjenti urbani fl-unità territorjali sħiħa fil-livell NUTS1 kif deskrift fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, jew, jekk ma jkunx hemm żona urbana f’dik l-unità territorjali, fil-postijiet bi sfond rurali, u li jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni ,użat għall-verifika ta’ jekk intlaħqux l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dik l-unità territorjali ;

Emenda

(28) “indikatur tal-esponiment medju” tfisser livell medju determinat abbażi tal-kejl f’ambjenti urbani fl-unità territorjali sħiħa fil-livell NUTS 2 kif deskrift fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, jew, jekk ma jkunx hemm żona urbana f’dik l-unità territorjali, fil-postijiet bi sfond rurali, u li jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni ,użat għall-verifika ta’ jekk intlaħqux l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dik l-unità territorjali;

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) “obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju” tfisser tnaqqis perċentwali tal-indikatur tal-esponiment medju tal-popolazzjoni, espress bħala l-indikatur tal-esponiment medju, ta’ unità territorjali fil-livell NUTS 1 kif deskrift fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷ stabbilit għas-sena ta’ referenza bil-għan li jitnaqqsu l-effetti ta’ ħsara fuq is-sahħha tal-bniedem, u li għandu jinkiseb f’perjodu partikolari;

Emenda

(29) “obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju” tfisser tnaqqis perċentwali tal-indikatur tal-esponiment medju tal-popolazzjoni, espress bħala l-indikatur tal-esponiment medju, ta’ unità territorjali fil-livell NUTS 2 kif deskrift fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷ stabbilit għas-sena ta’ referenza bil-għan li jitnaqqsu l-effetti ta’ ħsara fuq is-sahħha tal-bniedem, u li għandu jinkiseb f’perjodu partikolari **u ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq;**

⁵⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 dwar l-istababiliment ta’ klassifikazzjoni komuni ta’ unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

⁵⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta’ klassifikazzjoni komuni ta’ unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-formulazzjoni dwar id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4, il-

paragrafu 1, il-punt 26.

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) “**objettiv** tal-konċentrazzjoni tal-esponenti **medju**” tfisser livell tal-indikatur tal-esponenti medju **li jrid jinkiseb**, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-effetti ħżiena fuq is-sahħha tal-bniedem ;

Emenda

(30) “**objettiv** tal-konċentrazzjoni tal-esponenti **medju**” tfisser livell tal-indikatur tal-esponenti medju **stabilit** bil-ħsieb li jitnaqqsu l-effetti ħżiena fuq is-sahħha tal-bniedem, **li għandu jintlaħaq f'perjodu partikolari u li ma għandux jinqabeż ladarba jintlaħaq;**

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) “kontributi minn sorsi naturali” tfisser emissjonijiet ta’ sustanzi niġġiesa li ma jkunux direttament jew indirettament ikkawżati minn attivitajiet tal-bniedem, inklużi avvenimenti naturali bħal żbroffi vulkaniċi, attivitajiet siżmiċi, attivitajiet ġeotermali, nirien ta’ art selvaġġa, avvenimenti ta’ riħ qawwi, raxx tal-baħar jew risospensjoni tal-atmosfera jew it-trasport ta’ partikoli naturali minn reġjuni nixfin;

Emenda

(35) “kontributi minn sorsi naturali” tfisser emissjonijiet ta’ sustanzi niġġiesa li ma jkunux direttament jew indirettamente ikkawżati minn attivitajiet tal-bniedem, inklużi avvenimenti naturali bħal żbroffi vulkaniċi, attivitajiet siżmiċi, attivitajiet ġeotermali, nirien ta’ art selvaġġa, avvenimenti ta’ riħ qawwi, raxx tal-baħar jew risospensjoni tal-atmosfera jew it-trasport ta’ partikoli naturali minn reġjuni nixfin, **li l-Istat Membru kkonċernat ma setax jippreyjeni jew itaffi b’azzjonijiet ta’ politika;**

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-bidla fl-Anness I.

Emenda 64

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(35a) “*pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja*” tfisser *pjan* dwar il-kwalità tal-arja, adottat qabel l-iskadenza għall-ilħuq tal-valuri ta’ limitu ġodda stabbiliti fit-Taqsima 1, it-Tabella 1, tal-Anness I, li jistabbilixxu politiki u miżuri fuq terminu qasir u twil sabiex ikun hemm konformità ma’ dawk il-valuri ta’ limitu;

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-bidliet li saru fl-Artikolu 19, sabiex issir distinzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jridu jiġu adottati biex jiggarrantixxu l-il-ħuq tal-valuri ta’ limitu ġodda, minn dawk li jridu jiġu adottati meta jinqabżu l-valuri ta’ limitu.

Emenda 65

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 36**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(36) “*pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja*” tfisser pjanijiet li jistabbilixxu miżuri sabiex ikun hemm konformità **ma l-valuri** ta’ limitu, il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi għat-taqeqi tal-esponent medju ;

(36) “*pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja*” tfisser pjanijiet li jistabbilixxu miżuri sabiex ikun hemm konformità **mal-valuri** ta’ limitu, il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi għat-taqeqi tal-esponent medju **ladarba dawn ikunu nqabżu**;

Emenda 66

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 38**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(38) “*il-pubbliku kkonċernat*” tfisser il-pubbliku affettwat jew li x’aktarx jiġi affettwat minn qabżiet tal-istandardi tal-kwalità tal-arja, jew li għandu interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implementazzjoni tal-obbligli skont din

(38) “*il-pubbliku kkonċernat*” tfisser il-pubbliku affettwat jew li x’aktarx jiġi affettwat minn qabżiet tal-istandardi tal-kwalità tal-arja, jew li għandu interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implementazzjoni tal-obbligli skont din

id-Direttiva, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem jew tal-ambjent ***u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali;***

id-Direttiva, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem jew tal-ambjent;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi” tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma aktar vulnerabbi ***għall-esponiment għat-tniġġis*** tal-arja mill-popolazzjoni medja, minħabba li għandhom sensittività oħħla jew limitu aktar baxx għall-effetti fuq is-saħħha jew għandhom kapaċità mnaqqsia li jipproteġu lilhom infushom.

Emenda

(39) “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi” tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma ***b'mod permanenti jew temporanju aktar sensittivi*** jew aktar vulnerabbi ***għall-effetti tat-tniġġis*** tal-arja mill-popolazzjoni medja, minħabba ***karatteristiċi speċifiċi li jagħmlu l-konsegwenzi fuq is-saħħha tal-esponiment aktar sinifikanti jew minħabba li għandhom sensittività oħħla jew *livell* limitu aktar baxx għall-effetti fuq is-saħħha jew għandhom kapaċità mnaqqsia li jipproteġu lilhom infushom.***

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-approvazzjoni ta’ sistemi ***tal-kejl*** (metodi, tagħmir, networks u laboratorji);

Emenda

(b) l-approvazzjoni ta’ sistemi ***ta’ kejl (postijiet***, metodi, tagħmir, networks u laboratorji) ***u l-iżgurar ta’ funzjonament u manutenzjoni adegwatitan-network ta’ monitoraġġ;***

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-bidiet li saru fl-Anness IV, il-Parti D, il-punt 10a (ġdid).

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) ***l-assigurazzjoni*** tal-preċiżjoni tal-kejl;

Emenda

- (c) ***l-iżgurar*** tal-preċiżjoni tal-kejl ***u t-trasferiment u l-kondiviżjoni tad-data tal-kejl, inkluża l-konformità tagħhom mal-objettivi tal-kwalità tad-data stabbiliti fl-Anness V;***

Ġustifikazzjoni

Emenda konsistenti mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 22 u 23 dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku u r-rapportar ta' informazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-applikazzjonijiet ta' mmudellar;

Emenda

- (d) l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-applikazzjonijiet ta' mmudellar ***tal-kwalità tal-arja;***

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

- (g) il-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni;

Emenda

- (g) il-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn, ***il-pajjiżi terzi*** u l-Kummissjoni;

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza tat-test (eż. premessa 34 u l-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti 3 u 6).

Emenda 72

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h**

Test propost mill-Kummissjoni

(h) l-istabbiliment ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

Emenda

(h) l-istabbiliment ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***u pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja;***

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) provvista u manutenzjoni ta' indiċi tal-kwalità tal-arja aġġornat kull siegħa u informazzjoni pubblika rilevanti oħra.

Emenda 74

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fiż-żoni kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa ***ikun*** anqas ***mil-limitu*** ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġġiesa, l-użu ta' applikazzjonijiet ta' mmudellar, kejl indikattiv, ***metodi tekniċi ta' valutazzjoni tal-objettiv, jew taħlita tagħhom*** huwa biżżejjed sabiex tīgħi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali.

Emenda

4. Fiż-żoni kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa ***jkun*** anqas ***mil-livell limitu*** ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġġiesa, l-użu ta' ***taħlita ta'*** applikazzjonijiet ta' mmudellar ***u*** kejl indikattiv huwa biżżejjed sabiex tīgħi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali.

Ġustifkazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-bidliet fil-paragrafu 5.

Emenda 75

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 5**

Test proposet mill-Kummissjoni

5. Jekk l-immudellar **juri** qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu jew valur fil-mira għall-ożonu f'erja taż-żona mhux koperta minn kejl fiss, għandu **jintuża** kejl fiss **jew indikattiv** addizzjonali **matul mill-inqas sena kalendarja waħda** wara li tkun għiet irreġistrata l-qabża, biex jiġi vvalutat il-livell ta' konċentrazzjoni tas-sustanza niġgħiesa rilevanti.

Emenda

5. Jekk l-immudellar **jew il-kejl indikattiv juru** qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu jew valur fil-mira għall-ożonu f'erja taż-żona mhux koperta minn kejl fiss, għandu **jīgi installat** kejl fiss addizzjonali **fi żmien sitt xhur** wara li tkun għiet irreġistrata l-qabża **u għandu jintuża matul mill-anqas sena kalendarja waħda** biex jiġi vvalutat il-livell ta' konċentrazzjoni tas-sustanza niġgħiesa rilevanti.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 7

Test proposet mill-Kummissjoni

7. Minbarra l-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom, **fejn applikabbli**, jimmonitorjaw il-livelli ta' partikoli ultrafini f'konformità mal-Punt D tal-Anness III u **t-Taqsima** 3 tal-Anness VII.

Emenda

7. Minbarra l-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-livelli ta' partikoli ultrafini, **il-karbonju iswed, l-ammonijaka u l-merkurju** f'konformità mal-Punt D tal-Anness III u **t-Taqsimiet 3, 3a, 3b u 3c** tal-Anness VII.

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagraphu 1a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Il-post tal-punti ta' kampjunar għandu jkun rappreżentattiv tal-esponent ta' komunitajiet f'riskju u tal-esponent ta' popolazzjoni sensittiva waħda jew aktar u ta' gruppi vulnerabbi.

Ġustifikazzjoni

Emenda konsistenti mal-bidliet li saru fl-Anness VIII.

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

2. F'kull żona fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa jaqbeż il-livell **ta'** limitu ta' valutazzjoni speċifikat fl-Anness II, in-numru ta' punti ta' kampjunar għal kull sustanza niġġiesa m'għandux ikun anqas min-numru minimu tal-punti ta' kampjunar speċifikat **fit-Tabelli 3 u 4 tal-Punt A u tal-Punt C, tal-Anness III**.

Emenda

2. F'kull żona fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa jaqbeż il-livell limitu ta' valutazzjoni speċifikat fl-Anness II, in-numru ta' punti ta' kampjunar għal kull sustanza niġġiesa m'għandux ikun anqas min-numru minimu tal-punti ta' kampjunar speċifikat **fil-Punti A u C tal-Anness III**.

Ġustifikazzjoni

Emenda biex jiġi msewwi żball tat-tipa fil-proposta tal-Kummissjoni. It-tabelli 3 u 4 japplikaw għall-każijiet fejn l-ġaddha ta' siti ta' monitora ggħi jista' jitnaqqas b'50 %, ittrattati fil-paragrafu li ġej.

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt c

Test proposet mill-Kummissjoni

(c) in-numru ta' kejl indikattiv huwa l-istess bħan-numru ta' kejl fiss li qed jiġi sostitwit u l-kejl indikattiv għandu durata minima ta' xahrejn għal kull sena kalendarja;

Emenda

(c) in-numru ta' kejl indikattiv huwa l-istess bħan-numru ta' kejl fiss li qed jiġi sostitwit u l-kejl indikattiv għandu durata minima ta' xahrejn għal kull sena kalendarja **imqassam b'mod indaqs matul is-sena kalendarja**;

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 5

Test proposet mill-Kummissjoni

5. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mal-Anness IV, jiżgura li t-

Emenda

5. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mal-Anness IV, jiżgura li t-

tqassim użat għall-kalkolu tal-indikaturi tal-esponent medju għall-PM_{2.5} u u **n-NO₂**, jirrifletti l-esponent tal-popolazzjoni ġenerali b'mod adegwat. In-numru ta' punti ta' kampjunar m'għandux ikun anqas minn dak determinat mill-applikazzjoni tal-Punt B, tal-Anness III.

tqassim użat għall-kalkolu tal-indikaturi tal-esponent medju għall-PM_{2.5} u u **d-diōssidu tan-nitroġenu (NO₂)**, jirrifletti l-esponent tal-popolazzjoni ġenerali b'mod adegwat. In-numru ta' punti ta' kampjunar m'għandux ikun anqas minn dak determinat mill-applikazzjoni tal-Punt B, tal-Anness III.

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-punti ta' kampjunar li fihom il-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I ġie rreġistrat fit-tliet snin preċedenti ma għandhomx jiġi rilokati, sakemm ma tkunx meħtieġa rilokazzjoni **minħabba ċirkostanzi speċjali, inkluż l-iżvilupp spazjali**. Ir-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għandha ssir fiż-żona ta' rappreżentattività spazjali tagħhom, tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar.

Emenda

7. Il-punti ta' kampjunar li fihom il-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I ġie rreġistrat fit-tliet snin preċedenti ma għandhomx jiġi rilokati, sakemm ma tkunx **assolutament** meħtieġa rilokazzjoni. Ir-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għandha ssir fiż-żona ta' rappreżentattività spazjali tagħhom, **tiżgura l-kontinwità tal-kejl** u tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar.

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi **mill-inqas** supersit wieħed ta' monitoraġġ għal kull **10** miljun abitant f'post bi sfond urban. L-Istati Membri li għandhom **inqas** minn **10** miljun abitant għandhom jistabbilixxu **mill-inqas** supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond urban.

Emenda

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi **mill-anqas** supersit wieħed ta' monitoraġġ għal kull **2** miljun abitant f'post bi sfond urban. L-Istati Membri li għandhom **anqas** minn **2** miljun abitant għandhom jistabbilixxu **mill-anqas** supersit wieħed ta' monitoraġġ f'post bi sfond urban.

Emenda 83

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-kejl fis-supersiti kollha tal-monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban għandu jinkludi kejl fiss **jew indikattiv** tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli ultrafini u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata.

Emenda

5. Il-kejl fis-supersiti kollha tal-monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban għandu jinkludi kejl fiss tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli ultrafini u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata.

Emenda 84

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kejl fiss tal-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$), tad-dirossidu tan-nitroġenu (NO_2), tal-ożonu (O_3), tal-karbonju iswed (BC), tal-ammonijaka (NH_3) u tal-partikoli ultrafini (UFP).

Emenda

(a) kejl fiss tal-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$), tad-dirossidu tan-nitroġenu (NO_2), **tad-dirossidu tal-kubrit (SO_2)**, **tal-monossidu tal-karbonju (CO)**, tal-ożonu (O_3), tal-karbonju iswed (BC), tal-ammonijaka (NH_3) u tal-partikoli ultrafini (UFP).

Emenda 85

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kejl fiss **jew indikattiv** ta' materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) **bil-għan** li tīgħi pprovduta, bħala minimu, informazzjoni dwar il-konċentrazzjoni tal-massa totali tagħhom u l-konċentrazzjonijiet ta' speċjazzjoni kimika tagħhom fuq bażi medja annwali f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Anness VII;

Emenda

(b) kejl fiss ta' materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) **bil-għan** li tīgħi pprovduta, bħala minimu, informazzjoni dwar il-konċentrazzjoni tal-massa totali tagħhom u l-konċentrazzjonijiet ta' speċjazzjoni kimika tagħhom fuq bażi medja annwali f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Anness VII;

Emenda 86

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) kejl fiss **jew indikattiv** tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju gassuż totali, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), u tad-depożizzjoni totali tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), irrispettivament mil-livelli tal-konċentrazzjoni.

Emenda

(c) kejl fiss tal-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-merkurju gassuż totali, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), u tad-depożizzjoni totali tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil, **iċ-ċomb, il-benżen**, il-benżo(a)piren u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 8(6), irrispettivament mil-livelli tal-konċentrazzjoni.

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-kejl tal-merkurju divalenti partikolat u gassuż **jista'** jitwettaq ukoll f'supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali.

Emenda

7. Il-kejl tal-merkurju divalenti partikolat u gassuż **għandu** jitwettaq ukoll f'supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban u f'postijiet bi sfond rurali.

Emenda 88

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Rekwiżiti fejn il-livelli jkunu anqas mill-valuri ta' limitu, mill-valur fil-mira għall-ożonu u mill-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju, **iżda ogħla mil-limiti tal-valutazzjoni**

Emenda

Rekwiżiti fejn il-livelli jkunu anqas mill-valuri ta' limitu, mill-valur fil-mira għall-ożonu u mill-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tar-referenza għal-livelli limitu ta' valutazzjoni minħabba li mhijiex koerenti mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Jekk l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiksbu l-aħjar kwalità ta' arja ambientali, ma hemm l-ebda raġuni għala l-obbligu għandu jiġi limitat

biss għaż-żoni fejn il-konċentrazzjonijiet huma ogħla mil-livelli limitu ta' valutazzjoni.

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu huma taħt il-valur fil-mira għall-ożonu , l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt il-valur fil-mira għall-ożonu u ***jaħdmu*** biex jilħqu l-objettivi fit-tul speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I , sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, ***u dment li l-miżuri meħtieġa ma jfissrux kost sproporzjonat.***

Emenda

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu huma taħt il-valur fil-mira għall-ożonu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt il-valur fil-mira għall-ożonu u biex jilħqu l-objettivi fit-tul speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I, sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi. ***Ladarba jintlaħqu l-objettivi fit-tul, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli tal-ożonu taħt l-objettivi fit-tul.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. F'unitajiet territorjali fil-livell NUTS 1 kif deskritti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2 fejn l-indikaturi tal-esponiment medju għall-PM_{2,5} u l-NO₂ huma taħt il-valur rispettiv tal-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dawk is-sustanzi niġġiesa kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju.

Emenda

3. F'unitajiet territorjali fil-livell NUTS 2 kif deskritti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2 fejn l-indikaturi tal-esponiment medju għall-PM_{2,5} u l-NO₂ huma taħt il-valur rispettiv tal-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dawk is-sustanzi niġġiesa kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' dawk is-sustanzi niġġiesa taħt l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju.

Emenda 91

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiksbu u jippreżervaw l-aħjar kwalità tal-arja ambjentali u livell ġholi ta' protezzjoni lill-ambjent u lis-saħħha tal-bnedmin, f'konformità mal-linji gwida dwar il-kwalità tal-arja ppubblikati **mill-WHO** u taħt il-limiti ta' valutazzjoni stipulati fl-Anness II.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiksbu u jippreżervaw l-aħjar kwalità tal-arja ambjentali u livell ġholi ta' protezzjoni lill-ambjent u lis-saħħha tal-bnedmin, f'konformità mal-linji gwida **tad-WHO** dwar il-kwalità tal-arja **u r-rapporti ta' analiżi l-aktar reċenti** ppubblikati **mill-Uffiċċju Regionali għall-Ewropa tad-WHO** u taħt il-limiti ta' valutazzjoni stipulati fl-Anness II, **filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi.**

Emenda 92

**Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi għat-tnaqqis tal-esponent medju għal PM_{2.5} u NO₂ kif stipulat fit-Taqsima 5, il-Punt B, tal-Anness I, jintlaħqu fl-unitajiet territorjali fil-livell NUTS 1 tagħhom kollha, fejn jaqbżu l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju stipulati fit-Taqsima 5, il-Punt C, tal-Anness I.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi għat-tnaqqis tal-esponent medju għal PM_{2.5} u NO₂ kif stipulat fit-Taqsima 5, il-Punt B, tal-Anness I, jintlaħqu fl-unitajiet territorjali fil-livell NUTS 2 tagħhom kollha, fejn jaqbżu l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju stipulati fit-Taqsima 5, il-Punt C, tal-Anness I.

Emenda 93

**Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-iskadenza biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 **ta fl-Anness I** tista' tīgi posposta f'konformità mal-Artikolu 18.

Emenda

6. L-iskadenza biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 **tal-Anness I għas-sustanzi niġġiesa msemmija fl-Artikolu 18(1)** tista' tīgi posposta f'konformità mal-Artikolu 18.

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

- Il-livelli limitu ta' allert għall-konċentrazzjonijiet tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, **u** tal-materja partikolata (PM₁₀ u PM_{2.5}) fl-arja ambjentali għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, il-Punt A tal-Anness I.

Emenda

- Il-livelli limitu ta' allert għall-konċentrazzjonijiet tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata (PM₁₀ u PM_{2.5}) **u tal-ożonu** fl-arja ambjentali għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, il-Punt A tal-Anness I.

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

- Il-livell** limitu ta' **allert u l-livell limitu ta' informazzjoni għall-ożonu** għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, Punt B, tal-Anness I.

Emenda

- Il-livelli** limitu ta' **informazzjoni għall-konċentrazzjonijiet tad-diōssidu tal-kubrit, tad-diōssidu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata (PM₁₀ u PM_{2.5}) u tal-ożonu** għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 4, Punt B, tal-Anness I.

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 2a. Meta jinqabeż kwalunkwe livell limitu ta' allert stabbilit fl-Anness I, it-Taqsima 4, il-Punt A, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mingħajr dewmien żejjed il-miżuri ta' emerġenza indikati fil-pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir imfassla skont l-Artikolu 20.**

Emenda 97

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn jinqabeż kwalunkwe livell limitu ta' allert *jew kwalunkwe livell limitu ta' informazzjoni* stabilit fit-Taqsima 4 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinformataw lill-pubbliku wara massimu ta' ffit sīgħat, *bl-użu ta' midja* u kanali tal-komunikazzjoni differenti u *bl-iżgurar ta' accès pubbliku wiesa'*.

Emenda

3. Fejn jinqabeż kwalunkwe livell limitu ta' allert stabbilit fit-Taqsima 4 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinformataw lill-pubbliku wara massimu ta' ffit sīgħat, *b'manjiera koerenti u li faċli tinfiehem, billi jipprova informazzjoni dettaljata dwar is-severità tal-qabża u l-impatti assoċċjati fuq is-sahħha, kif ukoll suġġerimenti għall-protezzjoni tal-popolazzjoni, b'enfasi speċjali fuq il-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn kanali tal-media u tal-komunikazzjoni differenti u jiżguraw accès pubbliku wiesa'*.

Emenda 98

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. *Meta jinqabeż kwalunkwe livell limitu ta' allert stabbilit fl-Anness I, it-Taqsima 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinformataw lill-pubbliku, u l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli b'mod partikolari, sa massimu ta' ffit sīgħat, b'manjiera accèsibbli, koerenti u li faċli tinfiehem.*

Emenda 99

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar *il-qbiż* attwali jew *imbassar* ta' kwalunkwe livell limitu ta' allert jew livell limitu ta' informazzjoni tīġi pprovdu lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-punti 2 u 3 tal-Anness IX.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar *il-qabżiet* attwali jew *imbassarin* ta' kwalunkwe livell limitu ta' allert jew livell limitu ta' informazzjoni tīġi pprovdu lill-pubbliku *b'manjiera koerenti u li faċli tinfiehem*, malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-punti 2 u 3 tal-Anness IX.

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

(b) Unitajiet territorjali NUTS 1 fejn *il-qbiż* tal-livell determinat mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju huma attribwibbli għal sorsi naturali.

Emenda

(b) Unitajiet territorjali NUTS 2 fejn *il-qabżiet* tal-livell determinat mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju huma attribwibbli għal sorsi naturali.

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'listi ta' tali żoni u unitajiet territorjali NUTS 1, kif imsemmi fil-paragrafu 1, flimkien ma' *informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u s-sorsi u l-evidenza li juru li l-qabżiet huma attribwibbli lil sorsi naturali*.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'listi ta' tali żoni u unitajiet territorjali NUTS 2, kif imsemmi fil-paragrafu 1, flimkien ma':

(a) informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u s-sorsi;

(b) l-evidenza li turi li l-qabżiet huma attribwibbli għal sorsi naturali u ma setgħux jiġu antiċipati, prevenuti jew mitigati mill-Istat Membru kkonċernat, inkluża, fejn xieraq, l-evidenza li turi l-impatt tal-perturbazzjonijiet tal-ekosistema xprunati mit-tibdil fil-klima li

jirriżultaw f'tali qabżiet;

(c) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti taħt l-istrateġija nazzjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima adottati skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2021/1119;

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa minħabba raġunijiet imperattivi relatati mal-loġika interna tat-test.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn il-Kummissjoni tiġi informata dwar qabża **minn** sorsi naturali f'konformità mal-paragrafu 2, dik il-qabża **m'għandhiex** tkun kunsidrata bħala qabża għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda

3. Fejn il-Kummissjoni tiġi informata dwar qabża **attribwibbli lil** sorsi naturali f'konformità mal-paragrafu 2, **hija għandha tirrieżamina l-evidenza u tinforma lill-Istat Membru** dwar jekk dik il-qabża **ma tistax** tkun kunsidrata bħala qabża għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-Artikolu u minħabba l-ammont ta' evidenza ġdida li Stat Membru jeħtieġ li jipprovi sabiex tiġi eskluża l-qabża għall-finijiet ta' konformità, għandu jiġi ċċarat li l-Kummissjoni se tirrieżamina l-evidenza u tinforma lill-Istat Membru b'mod korrispondenti.

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu, għal **sena** partikolari, jidentifikaw żoni li fihom il-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ ikunu nqabżu fl-arja ambjentali minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel fix-

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu, għal **xahar** partikolari, jidentifikaw żoni li fihom il-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ ikunu nqabżu fl-arja ambjentali minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel fix-

xitwa jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa.

xitwa jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn, f'żona partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) jew id-diġġis id-dioxisidu tan-nitrogħu ma jistgħux jinkisbu sal-iskadenza spċifikata fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, minħabba karatteristiċi ta' dispersjoni spċifik i-ġħas-sit, kundizzjonijiet ta' konfini orografiċi, kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena jew kontribuzzjonijiet transkonfinali, Stat Membru jista' jipposponi dik l-iskadenza darba sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona partikolari, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. Fejn, f'żona partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu għall-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) jew id-diġġis id-dioxisidu tan-nitrogħu ma jistgħux jinkisbu sal-iskadenza spċifikata fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, minħabba karatteristiċi ta' dispersjoni spċifik i-ġħas-sit ***eċċeżżjonali u li ma jistgħux jiġu pprevenuti***, kundizzjonijiet ta' konfini orografiċi, kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena jew kontribuzzjonijiet transkonfinali, Stat Membru jista' jipposponi dik l-iskadenza darba sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona partikolari, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali fiż-żona rilevanti huma taħbi il-valuri ta' limitu spċifikati fl-Anness I, it-Taqsima 1, it-Tabella 2;

Għustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza mal-emenda għall-Anness I, it-Taqsima 5, il-Punt B.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

- (a) ikun ġie stabbilit pjan dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Artikolu 19(4) u li jissodisfa r-rekwiżiti elenkti fl-Artikolu 19(5) sa (7) għaż-żona li għalihom japplika l-posponiment;

Emenda

- (a) ikun ġie stabbilit pjan **direzzjonali** dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Artikolu 19(-I) u li jissodisfa r-rekwiżiti elenkti fl-Artikolu 19(5) sa (7) għaż-żona li għalihom japplika l-posponiment;

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza ma' bidla fl-ordni magħmulu minn emendi oħra għall-Artikolu 19, fejn il-paragrafu 4 jitmexxa għall-bidu tal-Artikolu, u bl-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 107

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

- (b) il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) huwa supplimentat mill-informazzjoni esposta fil-Punt B tal-Anness VIII dwar is-sustanzi niġġiesa kkonċernati u juri kif il-perjodi ta' qbiż tal-valuri ta' limitu se jinżammu qosra kemm jista' jkun;

Emenda

- (b) il-pjan **direzzjonali** dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) huwa supplimentat mill-informazzjoni esposta fil-Punt B tal-Anness VIII dwar is-sustanzi niġġiesa kkonċernati **kif ukoll il-projezzjonijiet annwali dwar l-evoluzzjoni ta' emissjonijiet u konċentrazzjonijiet fiziż-żona kkonċernata sad-data ta' ksib ta' konformità u juri kif il-valuri ta' limitu se jinkisbu sal-iskadenza posposta għall-konformità u kif il-perjodi ta' qbiż tal-valuri ta' limitu se jinżammu qosra kemm jista' jkun;**

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 108

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt c

Test proposet mill-Kummissjoni

(c) il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif il-pubbliku u, b'mod partikolari, il-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi se jiġu infurmati dwar il-konsegwenzi tal-posponiment għas-saħħha tal-bniedem u ġħall-ambjent;

Emenda

(c) il-pjan ***direzzjonali*** dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif il-pubbliku u, b'mod partikolari, il-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi se jiġu infurmati ***b'manjiera koerenti u li faċli tinfiehem*** dwar il-konsegwenzi tal-posponiment għas-saħħha tal-bniedem u ġħall-ambjent;

Emenda 109

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

(d) il-pjan dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif se jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali, inkluż permezz ta' programmi ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, bixx jitħaffef it-titjib tal-kwalità tal-arja fiż-żona li għaliha japplika l-posponiment;

Emenda

(d) il-pjan ***direzzjonali*** dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-punt (a) jiddeskrivi kif se jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali, inkluż permezz ta' programmi ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, ***meta tali finanzjament huwa previst***, bixx jitħaffef it-titjib tal-kwalità tal-arja fiż-żona li għaliha japplika l-posponiment;

Emenda 110

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafu 1 huwa applikabbli, u għandhom jikkomunikaw il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-paragrafu 1 u kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun ***valutat*** jekk ir-raġuni mogħtija għall-posponiment u l-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-paragrafu humiex ***sodisfati***. Fil-valutazzjoni tagħha,

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafu 1 huwa applikabbli, u għandhom jikkomunikaw il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja msemmi fil-paragrafu 1 u kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun ***ivvalutat*** jekk ir-raġuni mogħtija għall-posponiment u l-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-paragrafu humiex ***issodisfati***. Fil-valutazzjoni tagħha,

il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati fuq il-kwalità tal-arja ambjentali fl-Istati Membri, kemm fil-preżent u kemm fil-ġejjieni, ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati **Komunitarji** fuq il-kwalità tal-arja ambjentali ta' miżuri tal-Unjoni.

il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati fuq il-kwalità tal-arja ambjentali fl-Istati Membri, kemm fil-preżent u kemm fil-ġejjieni, ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati fuq il-kwalità tal-arja ambjentali ta' miżuri tal-Unjoni. **Meta l-projezzjonijiet annwali pprovduti f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b), juru li l-miżuri stabiliti fil-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja mhumiex biżżejjed biex tinkiseb konformità probabbli mal-valur limitu tas-sustanza niġgħiesa kkonċernata sal-iskadenza posposta għall-kisba, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja u jirrevedu l-miżuri fih sabiex jiżguraw il-konformità sa dik l-iskadenza.**

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja

Emenda

Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja **u pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja**

Ġustifikazzjoni

Emendat biex ikun hemm koerenza mal-bidliet fl-Artikolu 19, il-paragrafu 4.

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Meta minn ... Itliet xhur wara d-

dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], f'żona jew f'unità territorjali NUTS 2, il-livelli ta' kwalunkwe sustanza niġgħiesa rreġistrati għas-sena kalendarja preċedenti jkunu ogħla minn kwalunkwe valur ta' limitu jew fil-mira li għandu jinkiseb sal-1 ta' Jannar 2030, kif stabbilit fl-Anness I, it-Taqsima 1, it-Tabella 1 u fl-Anness I, it-Taqsima 2, il-Punt B, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja għal dik is-sustanza niġgħiesa malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha tkun ġiet irreġistrata l-qabża biex jintlaħqu l-valuri limitu rispettivi jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa tmiem l-iskadenza għall-kisba.

Meta, għall-istess sustanza niġgħiesa kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, Stat Membru jkun meħtieġ jistabbilixxi pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja f'konformità ma' dak is-subparagrafu kif ukoll pjan dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan Artikolu 1, huwa jista' jistabbilixxi pjan direzzjonali ikkombinat dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu u jipprovdi informazzjoni dwar l-impatt mistenni tal-miżuri biex tintlaħaq il-konformità għal kull valur ta' limitu li jindirizza, kif meħtieġ mill-Punt A, il-punti 5 u 6, tal-Anness VIII. Kwalunkwe pjan direzzjonali kkombinat bħal dan dwar il-kwalità tal-arja għandu jistabbilixxi miżuri xierqa biex jinkisbu l-valuri ta' limitu relatati kollha u biex il-perjodi kollha ta' qbiż jinżammu qosra kemm jista' jkun.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għal-loġika interna tat-test. Il-paragrafu 4 tressaq hawn għax jiġi l-ewwel bħala żmien.

Emenda 113

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn, fiż-żoni stipulati, il-livelli ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu, stipulat fit-Taqsima 1 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilxxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni malajr kemm jista' jkun u mhux iktar minn **sejnejn** wara s-sena kalendarja li matulha ġiet irreggistrata dik il-qabża ta' kwalunkwe valur ta' limitu. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistipulaw **miżuri** xierqa jinkiseb il-valur ta' limitu kkonċernat u **li l-perjodu** ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża.

Emenda

Fejn, fiż-żoni stipulati, il-livelli ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu, stipulat fit-Taqsima 1 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilxxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni malajr kemm jista' jkun u mhux iktar minn **sejnejn** wara s-sena kalendarja li matulha ġiet irreggistrata dik il-qabża ta' kwalunkwe valur ta' limitu. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistipulaw **il-miżuri** xierqa u **sufficienti kollha biex** jinkiseb il-valur ta' limitu kkonċernat u **biex il-perjodu** ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża.

Emenda 114

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe **valuri** ta' limitu jippersisti matul **it-tielet** sena kalendarja wara **l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja**, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fi, u jieħdu Miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe **valur** ta' limitu jippersisti matul **it-tieni** sena kalendarja wara **tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irreggistrata l-ewwel qabża**, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fi, **inkluża informazzjoni aġġornata dettaljata dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttivi msemmija fil-Punt B, il-punt 1, tal-Anness VIII** u jieħdu Miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun **u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sena kalendarja wara l-aġġornament tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja**.

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn f'unità territorjali NUTS 1 partikolari, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambientali jaqbżu l-valur fil-mira għall-ożonu, stabbilit fit-TaqSIMA 2 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS 1 malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-valur fil-mira għall-ożonu. Dawk il-pjanijet dwar il-kwalità tal-arja għandhom ***jistabbilixxu*** miżuri xierqa ***sabiex*** jinkiseb il-valur fil-mira ***għall-ożonu u sabiex*** il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn f'unità territorjali NUTS 2 partikolari, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambientali jaqbżu l-valur fil-mira għall-ożonu, stabbilit fit-TaqSIMA 2 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS 2 malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-valur fil-mira għall-ożonu. Dawk il-pjanijet dwar il-kwalità tal-arja għandhom ***jistipulaw*** miżuri xierqa ***u suffiċjenti biex*** jinkiseb il-valur fil-mira ***u biex*** il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża.***

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valur fil-mira għall-ożonu jippersisti matul ***il-ħames*** sena kalendarja wara ***l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja*** fl-unità territorjali NUTS 1 rilevanti, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valur fil-mira għall-ożonu jippersisti matul ***it-tielet*** sena kalendarja wara ***t-tmiem tas-sena kalendarja li fiha l-ewwel qabża ġiet irreġistrata*** fl-unità territorjali NUTS 2 rilevanti, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sentejn kalendarji wara l-aġġornament tal-pjan***

dwar il-kwalità tal-arja.

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

Għall-unitajiet territorjali NUTS **1** fejn il-valur fil-mira għall-ożonu jinqabeż, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programm nazzjonali rilevanti għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejji skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jinkludi miżuri li jindirizzaw dak il-qbiż.

Emenda

Għall-unitajiet territorjali NUTS **2** fejn il-valur fil-mira għall-ożonu jinqabeż, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programm nazzjonali rilevanti għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejji skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jinkludi miżuri li jindirizzaw dak il-qbiż.

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Fejn f'unità territorjali NUTS **1** partikolari, jinqabeż l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS **1** malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-obbligu ta' tnaqqis tal-esponent medju. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa sabiex jinkiseb l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa sabiex jinkiseb l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa **u suffiċċenti** sabiex jinkiseb l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju u sabiex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, **u fi kwalunkwe każ-mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża.**

Emenda

Fejn f'unità territorjali NUTS **2** partikolari, jinqabeż l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk l-unitajiet territorjali NUTS **2** malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha ġie rreġistrat il-qbiż tal-obbligu ta' tnaqqis tal-esponent medju. Dawk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa **u suffiċċenti** sabiex jinkiseb l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju u sabiex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, **u fi kwalunkwe każ-mhux aktar minn tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irrapportata l-ewwel qabża.**

Emenda 119

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagraphu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju jippersistu matul ***il-ħames*** sena kalendarja wara ***l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja***, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar ***stretti***, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn il-qabżiet tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju jippersistu matul ***it-tielet tniem is-sena kalendarja li fiha tkun ġiet irreggistrata l-ewwel qabża***, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri fih, ***inkluża informazzjoni aġġornata dettaljata dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttivi msemmija fil-Punt B, il-punt 1, tal-Anness VIII*** u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar ***effettivi***, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sena kalendarja wara l-aġġornament tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja***.

Emenda 120

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn minn [daħħal is-sena sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], sal-31 ta' Diċembru 2029 f'żona jew f'unità territorjali NUTS 1, il-livelli ta' sustanzi niċċiesa jkunu oħħla minn kwalunkwe valur ta' limitu li għandu jintlaħaq sal-1 ta' Jannar 2030 kif stabbilit fit-Tabella I tat-Taqsimha 1 tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan dwar il-kwalità tal-arja għas-sustanza niċċiesa kkonċernata malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sentejn wara s-sena kalendarja li matulha jkun ġie rreggistrat il-qbiż biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu rispettivi jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa tniem l-iskadenza għall-kisba.

Meta, għall-istess sustanza niċċiesa, l-

Emenda

imħassar

*Istati Membri jkunu meħtieġa
jistabbilixxu pjan dwar il-kwalità tal-arja
f'konformità ma' dan il-paragrafu kif
ukoll pjan dwar il-kwalità tal-arja
f'konformità mal-Artikolu 19(1), huma
jistgħu jistabbilixxu pjan ikkombinat
dwar il-kwalità tal-arja f'konformità mal-
Artikolu 19(5), (6) u (7) u jipprovdu
informazzjoni dwar l-impatt mistenni tal-
miżuri biex tintlaħaq il-konformità għal
kull valur limitu li jindirizza, kif meħtieġ
mill-punti 5 u 6 tal-Anness VIII.
Kwalunkwe pjan ikkombinat bħal dan
dwar il-kwalità tal-arja għandu
jistabbilixxi miżuri xierqa biex jinkisbu l-
valuri ta' limitu relatati kollha u biex il-
perjodi kollha ta' qbiżżejjen jinżammu qosra
kemm jista' jkun.*

Emenda 121

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagraphu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandu
jkun fihom tal-inqas l-informazzjoni li
ġejja:

Emenda

Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja **u l-**
pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-
arja għandu jkun fihom tal-inqas l-
informazzjoni li ġejja:

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagraphu 1 – punt ba (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ba) l-informazzjoni msemmija fil-punt
B, il-punt 1, tal-Anness VIII, u b'mod
partikolari l-miżuri inklużi fil-Programm
Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-
Arja (NAPCP);**

Emenda 123

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **fejn xieraq**, informazzjoni dwar mīzuri ta' tnaqqis elenkti fil-Punt B, **Punt 2** tal-Anness VIII.

Emenda

(c) informazzjoni dwar mīzuri ta' tnaqqis elenkti fil-Punt B, **il-punt 2**, tal-Anness VIII.

Emenda 124

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom ***iqisu li*** jinkludu ***mīzuri*** msemmija fl-Artikolu 20(2) u mīzuri speċifċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi, inklużi t-tfal fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***tagħhom***.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinkludu ***l-mīzuri*** msemmija fl-Artikolu 20(2) u mīzuri speċifċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi, inklużi t-tfal fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***u l-pjan direzzjonali tagħhom***.

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 125

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskju li jinqabżu l-livelli limitu ta' allert rispettivi. Dik l-analiżi għandha tintuża biex jiġu stabbiliti pjaniżiet ta' azzjoni għal żmien qasir fejn applikabbli.

Emenda

Fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa kkonċernati, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***jew il-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja***, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskju li jinqabżu l-livelli limitu ta' allert rispettivi. Dik l-analiżi għandha tintuża biex jiġu stabbiliti pjaniżiet ta' azzjoni għal żmien qasir fejn applikabbli.

Emenda 126

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

Fejn għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja fir-rigward ta' diversi sustanzi niċċiesa jew standards tal-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun ***il-każ***, jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja integrati li jkopru l-sustanzi niċċiesa u l-standards tal-kwalità tal-arja kollha kkonċernati.

Emenda

Fejn għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***jew pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja*** fir-rigward ta' diversi sustanzi niċċiesa jew standards tal-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun ***xieraq***, jistabbilixxu pjanijiet ***dwar il-kwalità tal-arja jew pjanijiet direzzjonali*** dwar il-kwalità tal-arja integrati li jkopru l-sustanzi niċċiesa u l-standards tal-kwalità tal-arja kollha kkonċernati.

Ġustifikazzjoni

*Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “*pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja*”.*

Emenda 127

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 5

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom, safejn ikun fattibbli, jiżguraw il-konsistenza tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja tagħhom ma' pjanijiet oħra li għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, inkluż dawk meħtieġa skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, id-Direttivi (UE) 2016/2284 u 2002/49/KE u skont leġiżlazzjoni dwar il-klima, l-enerġija, it-trasport u l-agrikultura.

Emenda

L-Istati Membri għandhom, safejn ikun fattibbli, jiżguraw il-konsistenza tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ***jew tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja*** tagħhom ma' pjanijiet oħra li għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, inkluż dawk meħtieġa skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, id-Direttivi (UE) 2016/2284 u 2002/49/KE u skont leġiżlazzjoni dwar il-klima, ***il-protezzjoni tal-bijodiversità***, l-enerġija, it-trasport u l-agrikultura.

⁵⁸ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁵⁸ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 128

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 5a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru, tiprovd assistenza u għarfien espert tekniku fil-qafas tal-Instrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) sabiex tappoġġa l-politiki u l-miżuri dwar il-kwalità tal-arja fl-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 129

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagraphu -1 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma jibda l-perjodu ta' żmien biex jaslu l-kumenti mill-pubbliku, l-abbozz tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja jew l-abbozz tal-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja li jkun fihom l-informazzjoni minima meħtieġa skont il-Punti A u B tal-Anness VIII jsiru disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet, bla ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess

għall-utenti rreġistrati, u, fejn xieraq, permezz ta' kanali oħra ta' komunikazzjoni mhux diġitali. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet, bla ħlas u mingħajr restrizzjoni tal-aċċess għall-utenti rreġistrati, u, fejn xieraq, permezz ta' kanali oħra ta' komunikazzjoni mhux diġitali kif ġej:

- (a) *informazzjoni dwar il-metodi użati biex jiġi vvalutat l-impatt stmat tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja jew il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja skont il-Punt Ba tal-Anness VIII, u d-dokumenti u l-informazzjoni ta' sfond użati għall-iżvilupp tal-abbozz tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja jew l-abbozz tal-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja;*
- (b) *sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni msemmija f'dan is-subparagrafu.*

Emenda 130

Proposta għal direktiva

Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, u lill-awtoritajiet kompetenti, li, minħabba r-responsabbiltajiet tagħħom fil-qasam tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja, x'aktarx li jkunu kkonċernati mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, dwar abbozzi ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u kwalunkwe aġġornament sinifikanti tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja qabel ma jiġi ffinalizzati.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, u lill-awtoritajiet kompetenti, li, minħabba r-responsabbiltajiet tagħħom fil-qasam tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja, x'aktarx li jkunu kkonċernati mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u **tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja**, dwar abbozzi ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u **l-abbozzi tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja u tal-pjanijiet direzzjonali** dwar il-kwalità tal-arja u kwalunkwe aġġornament sinifikanti tal-pjanijiet **dwar il-kwalità tal-arja u tal-pjanijiet direzzjonali** dwar il-kwalità tal-arja qabel ma jiġi ffinalizzati.

⁵⁹ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

⁵⁹ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni ta' qbiż jiġu mistiedna jiproponu miżuri li jkunu kapaċi jieħdu biex jgħinu biex jintemmu l-qabżiet u li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti *jitħallew* jieħdu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinkoragġġixxu l-involviment attiv tal-partijiet interessati kollha fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fit-tħejjija, ir-rieżami u l-aġġornament tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni ta' qbiż jiġu mistiedna jiproponu miżuri li jkunu kapaċi jieħdu biex jgħinu biex jintemmu l-qabżiet u li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali **u tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa, *inklużi l-professionisti tal-kura tas-saħħa* u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti *jiġu inkoragġġiti* jieħdu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati rilevanti u ċ-ċittadini jkunu infurmati kif xieraq dwar is-sorsi speċifiċi u s-sustanzi niġġiesa tal-arja li jaffettwaw il-kwalità tal-arja u l-miżuri rilevanti ta'**

mitigazzjoni tat-tniġġis tal-arja li jeżistu u li huma disponibbli fis-suq.

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 7

Test propos mill-Kummissjoni

7. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħhom.

Emenda

7. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja **u l-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja** għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, mudell bil-format u l-istruttura tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 26(2).

Emenda 134

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 7b (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

7b. *Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi gwida dwar it-tfassil, l-implementazzjoni u r-revizzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u, fejn xieraq, tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja.*

Emenda 135

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 7c (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

7c. *Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita t-tfassil u l-implementazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja, fejn xieraq, permezz tal-iskambju ta' prattiki tajba.*

Emenda 136

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Madankollu, meta jkun hemm periklu li l-livell limitu ta' allert fir-rigward tal-ożonu **kif speċifikat fit-TaqSIMA B tal-Anness XII** jinqabeż, l-Istati Membri jistgħu ma jfasslux tali pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir ta' żmien meta ma jkunx hemm potenzjal sinifikanti, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas ir-riskju, il-perjodu jew il-gravità ta' din il-qabża.

Emenda

Madankollu, meta jkun hemm periklu li l-livell limitu ta' allert fir-rigward tal-ożonu **jkun se** jinqabeż, l-Istati Membri jistgħu ma jfasslux tali pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir ta' żmien meta ma jkunx hemm potenzjal sinifikanti, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas ir-riskju, il-perjodu jew il-gravità ta' din il-qabża.

Ġustifikazzjoni

Emenda konsistenti mal-bidliet li saru fl-Anness IX.

Emenda 137

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 - paragrafu 1 - subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalitāt ħażina tal-arja u l-effetti tagħha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu l-wiri permanenti ta' informazzjoni li faċli tinfiehem dwar sintomi assoċjati mal-ogħla livelli ta' tniġġis tal-arja u dwar l-imġiba biex jitnaqqas l-esponenti għat-tiġġis tal-arja fil-viċinanza ta' komunitajiet ta' popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi.

Emenda 138

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Huma u jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir kif **jissemmew** fil-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu, skont il-każ individwali, jipprovdu miżuri ta' kontroll u, fejn meħtieġ, jissospendu temporanjament attivitajiet li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rispettivi. Skont is-sehem tas-sorsi tat-tniġġis ewlenin għall-qabżiet li għandhom jiġu indirizzati, **dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu qasir għandhom jikkunsidraw li jinkludu miżuri fir-rigward tat-trasport, **xogħlijiet** ta' kostruzzjoni, **istallazzjonijiet** industriali u l-użu ta' prodotti u t-tisħin domestiku. Fil-qafas ta' dawn il-pjanijiet għandhom jiġu kkunsidrati wkoll azzjonijiet speċifiċi favur il-protezzjoni tal-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, inklużi t-tfal.**

2. Huma u jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir kif **imsemmi** fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, skont il-każ individwali, jipprovdu miżuri ta' kontroll u, fejn meħtieġ, jissospendu temporanjament attivitajiet li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rispettivi. **L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll il-lista ta' miżuri deskritti fl-Anness VIIa għall-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għal żmien qasir, u** skont is-sehem tas-sorsi tat-tniġġis ewlenin għall-qabżiet li għandhom jiġu indirizzati, għandhom jikkunsidraw **mill-inqas** li jinkludu miżuri fir-rigward tat-trasport, **ix-xogħlijiet** ta' kostruzzjoni, **I-installazzjonijiet** industriali u l-użu ta' prodotti u t-tisħin domestiku. Fil-qafas ta' dawn il-pjanijiet għandhom jiġu kkunsidrati wkoll azzjonijiet speċifiċi favur il-protezzjoni tal-popolazzjoni sensittiva u

gruppi vulnerabili, inklużi t-tfal.

Emenda 139

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tiprovvdi assistenza teknika u appoġġ fit-tfassil tal-pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir.

Emenda 140

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fejn l-Istati Membri jkunu fasslu programm ta' azzjoni għal perjodu qasir, huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet adatti bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi u gruppi vulnerabili entitajiet oħra rilevanti għall-protezzjoni tas-sahħha u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti kemm ir-riżultati tal-istħarriġ tagħihom dwar il-fattibbiltà u l-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal perjodu qasir kif ukoll l-informazzjoni dwar l-implementazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

4. Fejn l-Istati Membri jkunu fasslu programm ta' azzjoni għal perjodu qasir, huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet adatti bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-ambjent **u tas-sahħha**, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi u gruppi vulnerabili, **professjonisti tas-sahħha**, entitajiet oħra rilevanti għall-protezzjoni tas-sahħha u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti kemm ir-riżultati tal-istħarriġ tagħihom dwar il-fattibbiltà u l-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal perjodu qasir kif ukoll l-informazzjoni dwar l-implementazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet huma marbuta mal-Artikolu 27, li jipprevedi aċċess għall-ġustizzja għall-membri tal-pubbliku, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi. Il-bidliet proposti jiżguraw konsistenza mal-premessi 39 u 40, u huma marbuta b'mod inerenti mal-Artikolu 27.

Emenda 141

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jużaw l-immuḍellar u t-tbassir biex jidtifikaw ir-riskju li l-livelli ta' sustanzi niċċiesa jaqbżu wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert u għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' emerġenza jidħlu fis-sekk awtomatikament hekk kif jiġi mbassar riskju ta' qbiż sabiex tali qabża tiġi pprevenuta.

Għustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għal-loġika interna tat-test.

Emenda 142

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni tista' tippubblika linji gwida u tistipula l-aħjar prattiki għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir, inklużi eżempji tal-aħjar prattiki għall-żmien qasir, inklużi eżempji tal-aħjar prattiki għall-żmien qasir, inklużi t-tfal. Dawn l-eżempji għandhom jiġu aġġornati regolarment. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri permezz tal-Forum tal-UE dwar l-Arja Nadira.

Emenda 143

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw biex jidentifikaw is-sorsi tat-tniġgix tal-arja u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jindirizzaw dawk is-sorsi, u **ifasslu** attivitajiet b'mod konġunt, bħalma huma t-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konġunti jew koordinati skont l-Artikolu 19 sabiex ikunu eliminati l-qabżiet.

Emenda

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw **fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż billi jistabbilxxu timijiet konġunti ta' esperti**, biex jidentifikaw is-sorsi tat-tniġgix tal-arja u **s-sehem ta' tniġgix li joriġinaw minn kull pajiż u l-miżuri li għandhom jittieħdu individwalment u b'mod konġunt** biex jindirizzaw dawk is-sorsi, u **ifasslu** attivitajiet b'mod konġunt, bħalma huma t-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konġunti jew koordinati skont l-Artikolu 19 sabiex ikunu eliminati l-qabżiet.

Emenda 144

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed dwar is-sitwazzjoni u l-miżuri meħuda.

Emenda 145

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom iwieġbu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn **tliet xhur** wara li jkunu ġew notifikati minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Emenda

L-Istati Membri għandhom iwieġbu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn **xahrejn** wara li jkunu ġew notifikati minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Emenda 146

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propos mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata u mistiedna sabiex tkun preżenti u **tassisti** fi kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha, meta tieħu kont tar-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tikkunsidra jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet prekursuri responsabbli għat-tnejx transkonfinali.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata u mistiedna sabiex tkun preżenti, **tassisti u tissorvelja** fi kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. **Il-Kummissjoni tista' wkoll, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, tfassal pjanijet ta' ħidma għall-implementazzjoni tal-miżuri proposti.** Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha, meta tieħu kont tar-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tikkunsidra jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet prekursuri responsabbli għat-tnejx transkonfinali.

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għal-loġika interna tat-test.

Emenda 147

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġidid)**

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta Stat Membru jieħu azzjoni legali għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, kif imsemmi fl-Artikolu 29, li jkunu kkawżaw tnigġi tal-arja fi Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw b'mod effiċċenti.

Emenda 148

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttora**

Test propositum mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet adatti bħal organizzazzjonijiet tal-ambjent, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi u gruppi vulnerabbi u korpi oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jkunu mgħarrfa, b'mod adegwat u fil-ħin, dwar dan li ġej:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet adatti bħal organizzazzjonijiet tal-ambjent **u tas-saħħa**, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi u gruppi vulnerabbi, **il-professjonisti tal-kura tas-saħħa** u korpi oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jkunu mgħarrfa, b'mod adegwat u fil-ħin, dwar dan li ġej:

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet huma marbuta mal-Artikolu 27, li jipprevedi aċċess għall-ġustizzja għall-membri tal-pubbliku, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi. Il-bidliet proposti jiżguraw konsistenza mal-premessi 39 u 40, u huma marbuta b'mod inerenti mal-Artikolu 27.

Emenda 149

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a

Test propositum mill-Kummissjoni

(a) il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Anness IX, **il-punti 1 u 3;**

Emenda

(a) il-kwalità tal-arja f'konformità mal-Anness IX;

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni teknika, neċċessarja biex tiġi żgurata l-loġika interna tat-test.

Emenda 150

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propositum mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) kwalunkwe nuqqas osservat ta' data mill-punti ta' kampjunar, b'mod

*partikolari fir-rigward tad-data msemmija
fil-punt 1, il-punti (a) u (b), tal-
Anness IX;*

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għal-loġika interna tat-test (Anness IX).

Emenda 151

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja kif previsti fl-Artikolu 19;

Emenda

(c) pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja **u pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja** kif previsti fl-Artikolu 19;

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mal-introduzzjoni tat-terminu “pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja”.

Emenda 152

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir **kif previst fl-Artikolu 20**;

Emenda

(d) pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir **imfassla f'konformità mal-Artikolu 20**;

Emenda 153

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ħarsa ġenerali ta' sorsi tat-tniġġis

*tal-arja u sustanzi niġġiesa l-arja li
jaffettaw il-kwalitā tal-arja fi stat
Membru kkonċernat;*

Emenda 154

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt db (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(db) id-dokumentazzjoni mgħoddija lill-
Kummissjoni fir-rigward tal-qabżiet
ikkawżati minn sorsi naturali msemmija
fl-Artikolu 16(2);*

Emenda 155

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt dc (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(dc) dokumentazzjoni dwar l-għażla
tas-sit imsemmija fil-punt D tal-
Anness IV;*

Emenda 156

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) L-effetti **tal-qbiż** tal-valuri limitu, tal-valuri fil-mira għall-ożonu, tal-obbligi għat-tnaqqis tal-esponent medju, tal-livelli limitu ta' informazzjoni u tal-livelli limitu ta' allert f'valutazzjoni sommarju ; il-valutazzjoni sommarju għandha tinkludi, fejn ikun **il-każ**, iktar informazzjoni u valutazzjonijiet għall-protezzjoni tal-foresti kif ukoll informazzjoni dwar sustanzi niġġiesa koperti mill-Artikolu 10 u l-Anness VII.

(e) L-effetti **tal-qabżiet** tal-valuri limitu, tal-valuri fil-mira għall-ożonu, tal-obbligi għat-tnaqqis tal-esponent medju **u objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju**, tal-livelli limitu ta' informazzjoni u tal-livelli limitu ta' allert f'valutazzjoni sommarju; il-valutazzjoni sommarju għandha tinkludi , fejn ikun **xieraq**, iktar informazzjoni u valutazzjonijiet għall-protezzjoni tal-foresti kif ukoll informazzjoni dwar sustanzi niġġiesa koperti mill-Artikolu 10 u l-

Emenda 157

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indiċi għall-kwalità tal-arja li jkɔpri d-diċċi d-dioxisidu tal-kubrit, id-diċċi d-dioxisidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, u jagħmluh disponibbli permezz ta' sors pubbliku li jagħti aġġornamenti kull siegħa. L-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu **jikkunsidra r-rakkmandazzjonijiet tad-WHO u jibni** fuq l-indiċi jiet tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indiċi għall-kwalità tal-arja li jkɔpri d-diċċi d-dioxisidu tal-kubrit, id-diċċi d-dioxisidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, u jagħmluh disponibbli **b'manjiera koerenti u li faċli tinfiehem,** permezz ta' sors pubbliku li jagħti aġġornamenti kull siegħa, **filwaqt li jiġi żgurat li data suffiċċenti f'ħin reali tkun disponibbli fl-istazzjonijiet kollha.** L-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu **jkun komparabbi fl-Istati Membri kollha u jsegwi r-rakkmandazzjonijiet l-aħħar aġġornati** tad-WHO u **jkun ibbażat** fuq l-indiċi jiet tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. **L-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu jkun akkumpanjat minn informazzjoni dwar ir-riskji għas-saħħa assoċjati għal kull sustanza niġġiesa, inkluża informazzjoni mfassla għall-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi.**

Emenda 158

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Fi żmien ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika kif l-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu jiġi kkalkulat u

ppreżentat, u l-format u l-istruttura tal-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku.

Emenda 159

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-wiri ta' informazzjoni dwar sintomi assoċjati ma' livelli massimi ta' tniġġis tal-arja u dwar it-naqqis tal-esponenti għat-tniġġis tal-arja u l-imġiba ta' protezzjoni, f'binjet frekwentati minn popolazzjoni sensitiva u gruppi vulnerabbi, bħal faċilitajiet tal-kura tas-sahħha.

Emenda 160

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jinformataw lill-pubbliku rigward l-awtorità jew il-korp kompetenti maħtur għall-kompli msemmija fl-Artikolu 5.

3. L-Istati Membri għandhom jinformataw lill-pubbliku rigward l-awtorità jew il-korp kompetenti maħtur għall-kompli msemmija fl-Artikolu 5 **u dwar l-awtorità jew il-korp kompetenti li joperaw il-punti ta' kampjunar stabbiliti skont l-Artikolu 9 tal-Anness IV.**

Ġustifikazzjoni

Emenda għall-konsistenza, marbuta mad-dispożizzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja (Artikolu 27) u l-kumpens għal danni għas-sahħha tal-bniedem (Artikolu 28).

Emenda 161

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 4

Test proposi mill-Kummissjoni

4. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bla ħlas b'mezzi aċċessibbli tal-medja u kanali tal-komunikazzjoni, f'konformità mad-Direttiva 2007/2/KE⁶⁰ u mad-Direttiva (UE) 2019/1024⁶¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁶⁰ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

⁶¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

Emenda

4. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bla ħlas b'mezzi aċċessibbli tal-medja u kanali tal-komunikazzjoni ***b'manjiera koerenti u faciilment aċċessibbli***, f'konformità mad-Direttiva 2007/2/KE⁶⁰ u mad-Direttiva (UE) 2019/1024⁶¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ***filwaqt li jiġi żgurat aċċess pubbliku wiesa'***.

⁶⁰ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

⁶¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

Emenda 162

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test proposi mill-Kummissjoni

2. Għall-għan speċifiku li tiġi valutata l-konformità mal-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira għall-ożonu, l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi magħmula disponibbli għall-Kummissjoni, mhux aktar tard minn erba' xħur wara l-aħħar ta' kull sena, u għandha tinkludi:

Emenda

2. Għall-għan speċifiku li tiġi valutata l-konformità mal-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira għall-ożonu, l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju, ***l-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju, u l-livelli kritiċi***, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi magħmula disponibbli għall-Kummissjoni, mhux aktar tard minn erba' xħur wara l-aħħar ta' kull sena, u għandha tinkludi:

Emenda 163

**Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) il-bidliet li saru f'dik is-sena għal-lista u d-delimitazzjoni ta' żoni stabbiliti taħt l-Artikolu 6 jew kwalunkwe unità territorjali NUTS 1;

Emenda

- (a) il-bidliet li saru f'dik is-sena għal-lista u d-delimitazzjoni ta' żoni stabbiliti taħt l-Artikolu 6 jew kwalunkwe unità territorjali NUTS 2;

Emenda 164

**Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttora**

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) il-lista ta' żoni u l-unitajiet territorjali NUTS 1 u l-livelli ta' sustanzi niġġiesa vvalutati. Għal żoni li fihom il-livelli ta' sustanzi niġġiesa wieħed jew aktar ikunu ogħla mill-valuri ta' limitu jew livelli kritiċi, kif ukoll għall-unitajiet territorjali NUTS 1 fejn il-livelli ta' wieħed jew iktar mis-sustanza niġġiesa jkunu ogħla mill-valuri fil-mira jew **mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju**:

Emenda

- (b) il-lista ta' żoni u l-unitajiet territorjali NUTS 2 u l-livelli ta' sustanzi niġġiesa vvalutati. Għal żoni li fihom il-livelli ta' sustanzi niġġiesa wieħed jew aktar ikunu ogħla mill-valuri ta' limitu jew livelli kritiċi, kif ukoll għall-unitajiet territorjali NUTS 2 fejn il-livelli ta' wieħed jew iktar mis-sustanza niġġiesa jkunu ogħla mill-valuri fil-mira, **mill-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju**, jew **mill-objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju**:

Emenda 165

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikolu 24** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 22(2a), l-Artikolu 24 u l-Artikolu 29(3a)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **ħames snin** minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xħur qabel it-tmien tal-perjodu ta' **ħames snin**. Id-delega ta' setgħa għandha**

tiġi estiżza taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 166

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 24 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fi. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun digġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 22(2a), l-Artikolu 24 u l-Artikolu 29(3a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fi. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun digġà fis-seħħ.

Emenda 167

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Att delegat adottat skont l-Artikolu 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogħżejjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

Att delegat adottat skont l-Artikolu 22(2a), l-Artikolu 24 u l-Artikolu 29(3a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogħżejjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 168

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew ***l-omissjonijiet*** kollha ***dwar il-pjanijiet*** dwar il-kwalità tal-arja msemmija fl-Artikolu 19 u l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir imsemmija fl-Artikolu 20, ***tal-Istat Membru*** dment li tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew ***l-omissjonijiet*** kollha ***mill-Istati Membri, inklużi, iż-żejt mhux biss, dawk rigward il-klassifikazzjoni ta' żoni taħt l-Artikolu 7, id-disinn tan-network, il-post u r-rilokazzjoni ta' punti ta' kampjunar skont l-Artikolu 9***, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja msemmija fl-Artikolu 19 u l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir imsemmija fl-Artikolu 20, dment li tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 169

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-interess ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li ***hija membru*** tal-pubbliku kkonċernat għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (a). Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġi indeboliti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (b).

Emenda

L-interess ta' kwalunkwe ***persuna fiżika affettwata jew li x'aktarx tiġi affettwata minn każijiet ta' qbiż tal-istandards tal-kwalità tal-arja, jew li jkollha interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implementazzjoni tal-obbligli skont din id-Direttiva, u ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li t-tnejn huma membri tal-pubbliku kkonċernat għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (a).***

Dawn *il-persuni fiżiċi u l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġi indeboliti għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (b).*

Emenda 170

Proposta għal direttiva Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Li jkollu *locus standi* biex jipparteċipa fil-proċedura ta' rieżami ma għandux ikun jiddependi fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet *relatati mal-Artikolu 19 jew 20.*

Emenda

2. Li jkollu *locus standi* biex jipparteċipa fil-proċedura ta' rieżami ma għandux ikun jiddependi fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet *skont din id-Direttiva.*

Emenda 171

Proposta għal direttiva Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jsorfu ħsara lis-saħħha tal-bniedem ikkawżata minn ksur *tal-Artikoli 19* (1) sa 19 (4), 20 (1) u 20 (2), 21 (1) it-tieni subparagrafu u 21 (3) ta' din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti jkunu intitolati għal kumpens f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jsorfu ħsara lis-saħħha tal-bniedem ikkawżata minn ksur *ta' din id-Direttiva, inkluż, iżda mhux biss, l-Artikolu 13, l-Artikoli 19(1) sa 19(4), 20(1) u 20(2), l-Artikolu 21(1) it-tieni subparagrafu u l-Artikolu 21(3) ta' din id-Direttiva b'ommissjoni, deċiżjoni, att jew dewmien ta' deċiżjoni jew att mill-awtoritajiet kompetenti jkunu intitolati għal kumpens f'konformità ma' dan l-Artikolu.*

Emenda 172

Proposta għal direttiva Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent **u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali** jitħallew jirrappreżentaw lill-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2020/1828 għandhom jaapplikaw *mutatis mutandis* għal tali azzjonijiet kollettivi.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent jitħallew jirrappreżentaw lill-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 **u fl-Artikolu 12(1)** tad-Direttiva (UE) 2020/1828 għandhom jaapplikaw *mutatis mutandis* għal tali azzjonijiet kollettivi.

Emenda 173

**Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

Test propos mill-Kummissjoni

Meta talba għal kumpens tkun appoġġata minn evidenza li *turi* li l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 **huwa l-aktar spjegazzjoni plawżibbli** għall-okkorrenza tad-dannu ta' dik il-persuna, għandha tiġi preżunta r-rabta kawżali bejn il-ksur u l-okkorrenza tad-dannu.

Emenda

Meta talba għal kumpens tkun appoġġata minn evidenza, *inkluża data xjentifika rilevanti*, li *minnha wieħed jista'* **jippreżumi** li l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 *ikkawża jew ikkontribwixxa* għall-okkorrenza tad-dannu ta' dik il-persuna, għandha tiġi preżunta r-rabta kawżali bejn il-ksur u l-okkorrenza tad-dannu.

Emenda 174

**Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)**

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ir-rikorrent ikun ipprova evidenza raġonevolment disponibbli biex isostni talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, u jkun issostanza b'mod raġonevoli li hemm evidenza addizzjonal

fil-kontroll tal-konvenut jew ta' parti terza, jekk mitluba mir-rikorrent, il-qorti jew l-awtorità amministrativa tkun tista' tordna li tali evidenza tiġi żvelata mill-konvenut jew mill-parti terza f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, soġġett għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli dwar il-kunfidenzjalitā u l-proporzjonalitā.

Emenda 175

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-ksur ta' din id-Direttiva mill-awtorità pubblika konvenuta għandu jiġi preżunt meta l-awtorità pubblika konvenuta tkun naqset milli tikkonforma ma' obbligu li tiżvela evidenza fid-dispożizzjoni tagħha rikjesta skont dan il-paragrafu.

Emenda 176

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 4a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, “data xjentifika rilevanti” tfisser data statistika, epidemjoloġika u data oħra li turi rabta ta' kawżalitā statistikament soda bejn ġerti tipi ta' tniġġis u ġerti kundizzjonijiet tas-sahħha.

Emenda 177

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom

6. L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni biex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux inqas minn **ħames** snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdew qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf, jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur kif imsemmi fil-paragrafu 1.

jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni biex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux inqas minn **għaxar** snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdew qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf, jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda 178

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-benefiċċji ekonomiċi reali jew stmati derivati mill-ksur;

Emenda 179

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-popolazzjoni, inklużi popolazzjoni sensittiva u grupp vulnerabbi, jew l-ambjent affettwat mill-ksur, b'kont meħud tal-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent;

(c) il-popolazzjoni, inklużi popolazzjoni sensittiva u grupp vulnerabbi, jew l-ambjent affettwat mill-ksur, **u l-ħsara kkawżata**, b'kont meħud tal-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent;

Emenda 180

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-karatru repetittiv jew singulari tal-ksur;

(d) il-karatru repetittiv jew singulari tal-ksur, **inkluża kwalunkwe riċevuta preċedenti ta' penali ta' twissija, jew sanzjoni amministrattiva jew kriminali.**

Emenda 181

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Fi żmien ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi kriterji komuni biex jiġu determinati l-ammonti ta' penali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 182

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3b (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dħul mill-penali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jintuża, bi prioritā, biex jiġu ffinanzjati miżuri relatati mat-titjib tal-kwalità tal-arja. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar l-użu ta' dan id-dħul. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28, id-dħul miġbur mill-penali ma għandux jintuża għall-fini ta' dak l-Artikolu.

Emenda 183

Proposta għal direttiva Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji

sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikolu 4, il-punti (2), (13), (14), (16), (18), (19), (21), (22), il-punti (24) sa (30), il-punti (36), (37), (38) u (39), l-Artikoli 5 sa 12, l-Artikolu 13(1), (2), (3), (6) u (7), l-Artikolu 15, l-Artikolu 16(1) u (2), l-Artikoli 17 **sa** 21, l-Artikolu 22(1), (2) u (4), l-Artikoli 23 sa 29 u l-Annessi I sa IX sa mhux iktar tard minn [daħħal id-data: **sentejn** wara d-dħul fis-seħħ].

sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikolu 4, il-punti (2), (13), (14), (16), (18), (19), (21), (22), il-punti (24) sa (30), il-punti (36), (37), (38) u (39), l-Artikoli 5 sa 12, l-Artikolu 13(1), (2), (3), (6) u (7), l-Artikolu 15, l-Artikolu 16(1) u (2), l-Artikoli 17, **18, 20 u** 21, l-Artikolu 22(1), (2) u (4), l-Artikoli 23 sa 29 u l-Annessi I sa IX sa mhux iktar tard minn [daħħal id-data: **tmintax-il xahar** wara d-dħul fis-seħħ].

Ġustifikazzjoni

Emenda meħtieġa għal-loġika interna tat-test.

Emenda 184

Proposta għal direttiva

Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità mal-Artikolu 19 sa mhux aktar tard minn ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda 185

Proposta għal direttiva

Anness I – taqsima 1 – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

| Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur ta' limitu | |
|-----------------------------------|----------------------|--|
| PM _{2,5} | | |
| Ġurnata | 25 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 10 µg/m ³ | |
| PM ₁₀ | | |
| Ġurnata | 45 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |

| | | |
|--|------------------------------|--|
| Sena kalendarja | 20 µg/m ³ | |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO₂) | | |
| Siegħa | 200 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ćurnata | 50 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 20 µg/m ³ | |
| Diossidu tal-kubrit (SO₂) | | |
| Siegħha | 350 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ćurnata | 50 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | | |
| Benżen | | |
| Sena kalendarja | 3,4 µg/m ³ | |
| Monossilidu tal-karbonju (CO) | | |
| medja massima ta' kuljum fuq 8 sīgħat (1) | 10 mg/m ³ | |
| Ćurnata | 4 mg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Ċomb (Pb) | | |
| Sena kalendarja | 0,5 µg/m ³ | |
| Arseniku (As) | | |
| Sena kalendarja | 6,0 ng/m ³ | |
| Kadmju (Cd) | | |
| Sena kalendarja | 5,0 ng/m ³ | |
| Nikil (Ni) | | |
| Sena kalendarja | 20 ng/m ³ | |
| Benzo[a]piren | | |
| Sena kalendarja | 1,0 ng/m ³ | |
| (1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sīgħat se tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sīgħat, ikkalkolati minn data ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sīgħat ikkalkulata b'dan il-mod se tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispicċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 ta' dik il-ġurnata. | | |

Emenda

| | | |
|--|-----------------------------|--|
| Perjodu li fuqu tinhad dem il-medja | Valur ta' limitu | |
| PM_{2,5} | | |
| Ćurnata | 15 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 5 µg/m ³ | |
| PM₁₀ | | |
| Ćurnata | 45 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 15 µg/m ³ | |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO₂) | | |

| | | |
|--|------------------------|--|
| Siegħa | 200 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ġurnata | 25 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 10 µg/m ³ | |
| Diossidu tal-kubrit (SO₂) | | |
| Siegħa | 200 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn darba f'sena kalendarja |
| Ġurnata | 40 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Sena kalendarja | 20 µg/m ³ | |
| Benżen | | |
| Sena kalendarja | 0,17 µg/m ³ | |
| Monossilidu tal-karbonju (CO) | | |
| medja massima ta' kuljum fuq 8 sīgħat (1) | 10 mg/m ³ | |
| Ġurnata | 4 mg/m ³ | ma għandux jinqabeż aktar minn 18-il darba f'sena kalendarja |
| Ċomb (Pb) | | |
| Sena kalendarja | 0,15 µg/m ³ | |
| Arseniku (As) | | |
| Sena kalendarja | 0,66 ng/m ³ | |
| Kadmju (Cd) | | |
| Sena kalendarja | 5,0 ng/m ³ | |
| Nikil (Ni) | | |
| Sena kalendarja | 2,5 ng/m ³ | |
| Benzo[a]piren | | |
| Sena kalendarja | 0,25 ng/m ³ | |
| (1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sīgħat se tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sīgħat, ikkalkolati minn data ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sīgħat ikkalkulata b'dan il-mod se tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispicċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata se jkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 ta' dik il-ġurnata. | | |

Emenda 186

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 2 – punt B – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

B Valuri fil-mira għall-ożonu

| Objettiv | Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur fil-mira | |
|-----------------------------------|---|-----------------------|--|
| Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sīgħat (1) | 120 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż f'aktar minn 18-il ġurnata |

| | | | |
|---|---------------------|---|---|
| | | | kalendarja fis-sena kalendarja fuq medja ta' 3 snin (2) |
| Protezzjoni tal-ambjent | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis-siegħa) | 18 000 µg/m ³ × h fuq medja ta' 5 snin (2) |
| (1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sīghat għandha tintgħażel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sīghat, ikkalkolati minn data ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sīghat ikkalkulata b'dan il-mod għandha tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispicċċa, jīġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 tal-ġurnata. | | | |
| (2) Jekk il-medji fuq 3 jew 5 snin ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta' sett sħiħ u konsekuttiv ta' data annwali, id-data annwali minima meħtieġa għall-verifika tal-konformità mal-valuri fil-mira tkun kif ġej: – fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem: id-data valida għal sena, – fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni: id-data valida għal 3 snin. | | | |

Emenda

B Valuri fil-mira għall-ożzonu

| Objettiv | Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Valur fil-mira | |
|--|---|---|--|
| Protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sīghat (1) | 110 µg/m ³ | ma għandux jinqabeż f'aktar minn 18-il ġurnata kalendarja fis-sena kalendarja fuq medja ta' 3 snin (2) |
| Protezzjoni tal-ambjent | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis-siegħa) | 18 000 µg/m ³ × h fuq medja ta' 5 snin (2) |
| (1) Il-konċentrazzjoni medja massima ta' kuljum fuq 8 sīghat għandha tintgħażzel billi jiġu eżaminati l-medji kontinwi matul it-8 sīghat, ikkalkolati minn data ta' kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sīghat ikkalkulata b'dan il-mod għandha tkun assenjata lil dik il-ġurnata li fiha tispicċċa, jīġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu bejn il-17.00 tal-ġurnata ta' qabel u s-1.00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe ġurnata sejkun il-perjodu mill-16.00 sa 24.00 tal-ġurnata. | | | |
| (2) Jekk il-medji fuq 3 jew 5 snin ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta' sett sħiħ u konsekuttiv ta' data annwali, id-data annwali minima meħtieġa għall-verifika tal-konformità mal-valuri fil-mira tkun kif ġej: – fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem: id-data valida għal sena, – fir-rigward tal-valur fil-mira għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni: id-data valida għal 3 snin. | | | |

Emenda 187

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 2 – punt C – tabella

Test proposal mill-Kummissjoni

C Objettivi fit-tul għall-ożonu (O3)

| Objettiv | Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Objettiv fit-tul |
|---|---|---|
| Protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat f'sena kalendarja | |
| Protezzjoni tal-veġetazzjoni | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis-siegħa) 6 000 µg/m ³ × h |
| (1) Id-99 perċentil (jiġifieri tlett ijiem fejn ikun hemm qbiż fis-sena). | | |

Emenda

| Objettiv | Perjodu li fuqu tinħadem il-medja | Objettiv fit-tul |
|-----------------------------------|---|---|
| Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem | Medja massima ta' kuljum fuq 8 sigħat f'sena kalendarja <i>L-eqqel tal-istaġun</i> | 100 µg/m ³ (1) <i>60 µg/m³ (2)</i> |
| Protezzjoni tal-veġetazzjoni | Minn Mejju sa Lulju | AOT40 (ikkalkolat mill-valuri fis-siegħa) 6 000 µg/m ³ × h |

Emenda 188

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt A – titlu

Test proposst mill-Kummissjoni

Emenda

A Livelli *limiti* ta' allert *għal sustanzi niċċiesa minbarra l-ożonu*

A Livelli *limitu* ta' allert

Emenda 189

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt A – paragrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

Għandhom jitkejlu fuq medda ta' 3 sīgħat konsekuttivi fil-każ tad-diossidu tal-kubrit **u** tad-diossidu tan-nitroġenu, u fuq tlett ijiem konsekuttivi għall-PM₁₀ u l-PM_{2.5}, fil-postijiet rappreżentattivi tal-kwalità tal-arja fuq tal-inqas 100 km² jew żona sħiħa, skont **liem** tkun l-iżgħar.

Emenda

Il-livelli limitu ta' allert jiġu skattati meta l-valuri fit-tabella li ġejja jinqabżu fuq medda ta' 3 sīgħat konsekuttivi fil-każ tad-diossidu tal-kubrit, tad-diossidu tan-nitroġenu **u l-ożonu**, u fuq **medda ta'** tlett ijiem konsekuttivi għall-PM₁₀ u l-PM_{2.5}, fil-postijiet rappreżentattivi tal-kwalità tal-arja fuq tal-inqas 100 km² jew żona sħiħa, skont **liema** tkun l-iżgħar.

Emenda 190

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt A – tabella

Test proposet mill-Kummissjoni

| | |
|---|------------------------------|
| Sustanza niġġiesa | Livell limitu ta' allert |
| Diossidu tal-kubrit (SO ₂) | 500 µg/m ³ |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO ₂) | 400 µg/m ³ |
| PM _{2.5} | 50 µg/m ³ |
| PM ₁₀ | 90 µg/m ³ |

Emenda

| | |
|---|------------------------------|
| Sustanza niġġiesa | Livell limitu ta' allert |
| Diossidu tal-kubrit (SO ₂) | 200 µg/m ³ |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO ₂) | 100 µg/m ³ |
| PM _{2.5} | 50 µg/m ³ |
| PM ₁₀ | 90 µg/m ³ |
| Ożonu (O₃) | 240 µg/m ³ |

Emenda 191

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt B – titlu

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

B Limiti ta' informazzjoni **u ta' allert**
għall-ożonu

B Livelli **limitu** ta' informazzjoni

Emenda 192

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt B – paragrafu -1 (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-livelli limitu ta' informazzjoni jiġu skattati meta l-valuri fit-tabella li ġejja jinqabżu għal perjodu ta' 24 siegħa fil-każ tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-PM₁₀ u l-PM_{2.5}, u għal 3 sīghat konsekuttivi fil-każ tal-ożonu.

Emenda 193

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 4 – punt B – tabella

Test propos mill-Kummissjoni

| <i>Skop</i> | <i>Perjodu li fuqu tinħadem il-medja</i> | <i>Livell limitu</i> |
|----------------------|--|---------------------------------------|
| <i>Informazzjoni</i> | <i>Siegħa</i> | $180 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |
| <i>Alert</i> | <i>Siegħa (1)</i> | $240 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |

(1) Għall-implementazzjoni tal-Artikolu 20, il-qbiż tal-livell limitu għandu jitkejjel jew jiġi previst għal 3 sīghat konsekuttivi.

Emenda

| <i>Sustanza niċċiesa</i> | <i>Livell limitu tal-informazzjoni</i> |
|--|--|
| <i>Diossidu tal-kubrit (SO₂)</i> | $40 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |
| <i>Diossidu tan-nitroġenu (NO₂)</i> | $25 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |
| <i>PM_{2.5}</i> | $15 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |
| <i>PM₁₀</i> | $45 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |
| <i>Ozonus (O₃)</i> | $180 \text{ } \mu\text{g}/\text{m}^3$ |

Emenda 194

Proposta għal direttiva

Anness I – Taqsima 5 – punt A – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-Indikatur tal-Esponent Medju espress f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$ (AEI) għandu jkun ibbażat fuq il-kejl meħud f'postijiet bi sfond urban f'unitajiet territorjali fil-livell tan-NUTS 1 madwar it-territorju kollu ta' Stat Membru.

L-Indikatur tal-Esponent Medju espress f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$ (AEI) għandu jkun ibbażat fuq il-kejl meħud *fil-punti kollha ta' kampjunar* f'postijiet bi sfond urban f'unitajiet territorjali fil-livell tan-NUTS 2 madwar it-

Għandha tīgi vvalutata bħala medja kontinwa tal-konċentrazzjoni annwali fuq medda ta' 3 snin kalendarji maħduma fuq il-punti ta' kampjunar kollha tas-sustanza niġgħiesa rilevanti ***stabbilità skont il-Punt B tal-Anness III*** f'kull unità territorjali tan-NUTS 1. L-AEI għal sena partikolari għandu jkun il-konċentrazzjoni medja ta' dik l-istess sena u s-sentejn preċedenti.

territorju kollu ta' Stat Membru. Għandha tīgi vvalutata bħala medja kontinwa tal-konċentrazzjoni annwali fuq medda ta' 3 snin kalendarji maħduma fuq il-punti ta' kampjunar kollha tas-sustanza niġgħiesa rilevanti f'kull unità territorjali tan-NUTS 2. L-AEI għal sena partikolari għandu jkun il-konċentrazzjoni medja ta' dik l-istess sena u s-sentejn preċedenti.

Emenda 195

Proposta għal direttiva Anness I – Taqsima 5 – punt A – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Istati Membri jidtekk qabżiet attribwibbli għas-sorsi naturali, il-kontributi mis-sorsi naturali għandhom jitnaqqsu qabel ma jiġi kkalkulat l-AEI.

Emenda

Meta l-Istati Membri jidtekk qabżiet attribwibbli għas-sorsi naturali, ***li l-Istati Membri ma setgħux jimmittigaw***, il-kontributi mis-sorsi naturali għandhom jitnaqqsu qabel ma jiġi kkalkulat l-AEI.

Emenda 196

Proposta għal direttiva Anness I – Taqsima 5 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– għall-PM_{2.5}, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI **10** snin qabel, dment li mhux digħi daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju għall-PM_{2.5} definit fit-Taqsima C.

Emenda

– għall-PM_{2.5}, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI **7** snin qabel, dment li mhux digħi daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponent medju għall-PM_{2.5} definit fit-Taqsima C.

Emenda 197

Proposta għal direttiva Anness I – Taqsima 5 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– għall-NO₂, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI **10** snin qabel, dment li mhux digħi daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-

Emenda

– għall-NO₂, 25 % iktar baxx milli kien l-AEI **7** snin qabel, dment li mhux digħi daqs jew aktar baxx mill-objettiv tal-

konċentrazzjoni tal-esponent medju ġħall-NO₂ definit fit-TaqSIMA C.

konċentrazzjoni tal-esponent medju ġħall-NO₂ definit fit-TaqSIMA C.

Emenda 198

Proposta għal direttiva

Anness I – TaqSIMA 1 – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

| Sustanza niġġiesa | Livell limitu ta' valutazzjoni (medja annwali, dment li ma jkunx speċifikat) |
|---|--|
| PM _{2,5} | 5 µg/m ³ |
| PM ₁₀ | 15 µg/m ³ |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO ₂) | 10 µg/m ³ |
| Diossidu tal-kubrit (SO ₂) | 40 µg/m ³ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| Benżen | 1,7 µg/m ³ |
| Monossidu tal-karbonju (CO) | 4 mg/m ³ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| Ċomb (Pb) | 0,25 µg/m ³ |
| Arseniku (As) | 3,0 ng/m ³ |
| Kadmju (Cd) | 2,5 ng/m ³ |
| Nikil (Ni) | 10 ng/m ³ |
| Benzo[a]piren | 0,12 ng/m ³ |
| Ożonu (O ₃) | 100 µg/m ³ (medja massima ta' 8 sigħħat)(1) |

(1) id-99 perċentil (jiġifieri tlett ijiem fejn ikun hemm qbiż fis-sena).

Emenda

| Sustanza niġġiesa | Livell limitu ta' valutazzjoni (medja annwali, dment li ma jkunx speċifikat) |
|---|--|
| PM _{2,5} | 3,5 µg/m ³ |
| PM ₁₀ | 10,5 µg/m ³ |
| Diossidu tan-nitroġenu (NO ₂) | 8 µg/m ³ |
| Diossidu tal-kubrit (SO ₂) | 24 µg/m ³ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| Benżen | |
| Monossidu tal-karbonju (CO) | 4 mg/m ³ (medja ta' 24 siegħa)(1) |
| Ċomb (Pb) | 0,1 µg/m ³ |
| Arseniku (As) | 0,46 ng/m ³ |
| Kadmju (Cd) | 2,5 ng/m ³ |
| Nikil (Ni) | 1,75 ng/m ³ |
| Benzo[a]piren | 0,12 ng/m ³ |
| Ożonu (O ₃) | 100 µg/m ³ (medja massima ta' 8 sigħħat)(1) |

(1) id-99 perċentil (jiġifieri tlett ijiem fejn ikun hemm qbiż fis-sena).

Emenda 199

Proposta għal direttiva
Anness III – Taqsima 1– punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Tabella 1 - In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tīgħi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u għall-livelli **limiti** ta' allert f'żoni fejn il-kejl fiss ikun l-uniku sors ta' informazzjoni (għas-sustanzi niċċiesa kollha minbarra l-ożonu)

Emenda

Tabella 1 - In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tīgħi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u għall-livelli **limitu tal-informazzjoni u** ta' allert f'żoni fejn il-kejl fiss ikun l-uniku sors ta' informazzjoni (għas-sustanzi niċċiesa kollha minbarra l-ożonu)

Emenda 200

Proposta għal direttiva

Anness III – Taqsima A – punt 1 – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-livell limitu tal-valutazzjoni | | | | | |
|---|--|-----------------------------|-------------------------------|--------------------------------|-------------------------------------|------------------------------------|
| | NO ₂ , SO ₂ , CO, benżen | Somma tal-PM ^(a) | PM Minimu₁₀ | PM Minimu_{2,5} | Pb, Cd, As, Ni fil-PM ₁₀ | Benżo[a]piren fil-PM ₁₀ |
| 0 - 249 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 000 - 1 499 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 500 - 1 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 2 |
| 2 000 - 2 749 | 6 | 8 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| 2 750 - 3 749 | 7 | 10 | 4 | 4 | 2 | 3 |
| 3 750 - 4 749 | 8 | 11 | 4 | 4 | 3 | 4 |
| 4 750 - 5 999 | 9 | 13 | 5 | 5 | 4 | 5 |
| 6 000+ | 10 | 15 | 5 | 5 | 5 | 5 |
| (I) In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-PM_{2,5} u l-NO₂ fil-postijiet bi sfond urban taż-żoni urbani għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B. | | | | | | |

Emenda

| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-livell limitu tal-valutazzjoni | | | | | |
|------------------------------|--|--------------|-------------------------------|--------------------------------|-------------------------------------|------------------------------------|
| | NO ₂ , SO ₂ , CO, benżen | Somma tal-PM | PM₁₀ Minimu | PM_{2,5} Minimu | Pb, Cd, As, Ni fil-PM ₁₀ | Benżo[a]piren fil-PM ₁₀ |
| 0 - 249 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 2 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 000 - 1 499 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 1 500 - 1 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 2 |
| 2 000 - | 6 | 8 | 3 | 3 | 2 | 3 |

| | | | | | | |
|---------------|----|----|---|---|---|---|
| 2 749 | | | | | | |
| 2 750 - 3 749 | 7 | 10 | 4 | 4 | 2 | 3 |
| 3 750 - 4 749 | 8 | 11 | 4 | 4 | 3 | 4 |
| 4 750 - 5 999 | 9 | 13 | 5 | 5 | 4 | 5 |
| 6 000+ | 10 | 15 | 5 | 5 | 5 | 5 |

Emenda 201

Proposta għal direttiva

Anness III – Taqsima A – punt 1 – tabella 2

Test propost mill-Kummissjoni

| | |
|------------------------------|--|
| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk <i>in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 %⁽¹⁾</i> |
| < 250 | 1 |
| < 500 | 2 |
| < 1 000 | 2 |
| < 1 500 | 3 |
| < 2 000 | 4 |
| < 2 750 | 5 |
| < 3 750 | 6 |
| ≥ 3 750 | Punt ta' kampjunar addizzjonali għal kull żewġ miljun abitant |

(1) Mill-anqas punt ta' kampjunar wieħed f'żoni fejn ikun probabbli li jseħħ l-esponent tal-popolazzjoni għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu. Fl-agglomerazzjoni, mill-inqas 50 % tal-punti ta' kampjunar għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

Emenda

| | |
|------------------------------|--|
| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk <i>il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-livell limitu tal-valutazzjoni⁽¹⁾</i> |
| < 250 | 1 |
| < 500 | 2 |
| < 1 000 | 2 |
| < 1 500 | 3 |
| < 2 000 | 4 |
| < 2 750 | 5 |
| < 3 750 | 6 |
| ≥ 3 750 | Punt ta' kampjunar addizzjonali għal kull żewġ miljun abitant |

(1) Mill-anqas punt ta' kampjunar wieħed f'żoni fejn ikun probabbli li jseħħ l-esponent tal-popolazzjoni

għall-ogħla konċentrazzjonijiet tal-ożonu. Fl-agglomerazzjonijiet, mill-inqas 50 % tal-punti ta' kampjunar għandhom ikunu fiż-żoni suburbani.

Emenda 202

Proposta għal direttiva Anness III – Taqsima A – punt 1 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

Tabella 3 - In-numru minimu ta' postijiet ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tīgi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u l-livelli limiti ta' allert f'żoni fejn japplika tnaqqis ta' 50 % ta' tali kejl (għas-sustanzi niġġiesa kollha minbarra l-ożonu)

Emenda

Tabella 3 - In-numru minimu ta' postijiet ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tīgi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u l-livelli limiti **ta' informazzjoni u** ta' allert f'żoni fejn japplika tnaqqis ta' 50 % ta' tali kejl (għas-sustanzi niġġiesa kollha minbarra l-ożonu)

Emenda 203

Proposta għal direttiva Anness III – Taqsima A – punt 1 – tabella 3 *Test propos mill-Kummissjoni*

| Popolazzjoni taż-żona (eluf) | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 % | | | | | |
|------------------------------|--|-----------------------------|-------------------------|--------------------------|-------------------------------------|------------------------------------|
| | NO ₂ , SO ₂ , CO, benżen | Somma tal-PM ⁽¹⁾ | PM ₁₀ Minimu | PM _{2,5} Minimu | Pb, Cd, As, Ni fil-PM ₁₀ | Benzo[a]piren fil-PM ₁₀ |
| 0 - 249 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 000 - 1 499 | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 500 - 1 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 2 000 - 2 749 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 2 750 - 3 749 | 4 | 5 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 3 750 - 4 749 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 4 750 - 5 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| 6 000+ | 5 | 8 | 3 | 3 | 3 | 3 |

(1) In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-PM_{2,5} u l-NO₂ fil-postijiet bi sfond urban taż-żoni urbani għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

Emenda

| | |
|-----------------------|--|
| Popolazzjoni taż-żona | Numru minimu ta' punti ta' kampjunar jekk in-numru ta' punti ta' kampjunar jitnaqqas sa 50 % |
|-----------------------|--|

| (eluf) | NO ₂ , SO ₂ , CO, benżen | Somma tal-PM | PM ₁₀ Minimu | PM _{2,5} Minimu | Pb, Cd, As, Ni fil-PM ₁₀ | Benzo[a]piren fil-PM ₁₀ |
|---------------|--|--------------|-------------------------|--------------------------|-------------------------------------|------------------------------------|
| 0 - 249 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 250 - 499 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 500 - 749 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 750 - 999 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 000 - 1 499 | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 1 500 - 1 999 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 1 |
| 2 000 - 2 749 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 2 750 - 3 749 | 4 | 5 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| 3 750 - 4 749 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| 4 750 - 5 999 | 5 | 7 | 3 | 3 | 2 | 3 |
| 6 000+ | 5 | 8 | 3 | 3 | 3 | 3 |

Emenda 204

Proposta għal direttiva

Anness III – Taqsima A – punt 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kull żona, in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss stabbilit fit-tabelli f'dan il-punt għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar ta' post fl-isfond u punt ta' kampjunar wieħed **fiż-żona bl-ogħla konċentrazzjonijiet** skont il-Punt B, tal-Anness IV **sakemm dan ma jżidx in-numru ta' punti ta' kampjunar**. Għad-di ossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, il-benżen u l-monossidu tal-karbonju, dan għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed iffukat fuq il-kejl tal-kontribut mill-emissjonijiet tat-trasport. Madankollu, fil-każijiet fejn ikun meħtieġ punt ta' kampjunar wieħed biss, dan għandu jkun fiż-żona bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni x'aktarx tkun esposta direttament jew indirettament.

Emenda

Għal kull żona, in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss stabbilit fit-tabelli f'dan il-punt għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar ta' post fl-isfond u punt ta' kampjunar wieħed **fil-hotspots tat-tniġġis tal-arja** skont il-Punt B, tal-Anness IV. Għad-di ossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, il-benżen, **id-di ossidu tal-kubrit** u l-monossidu tal-karbonju, dan għandu jinkludi mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed iffukat fuq il-kejl tal-kontribut mill-emissjonijiet tat-trasport. Madankollu, fil-każijiet fejn ikun meħtieġ punt ta' kampjunar wieħed biss, dan għandu jkun fiż-żona bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni x'aktarx tkun esposta direttament jew indirettament.

Emenda 205

**Proposta għal direttiva
Anness III – Taqsima A – punt 1 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kull żona, fir-rigward tad-diġġisu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata, tal-benżen u tal-monossidu tal-karbonju, in-numru totali ta' punti ta' kampjunar bi sfond urban u n-numru totali ta' punti ta' kampjunar ***fejn ikun hemm l-ogħla konċentrazzjonijiet*** meħtieġa ma għandhomx ivarjaw b'aktar minn fattur ta' 2. In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-PM_{2.5} u tad-diġġisu tan-nitroġenu fil-postijiet bi sfond urban għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

Emenda

Għal kull żona, fir-rigward tad-diġġisu tan-nitroġenu, tal-materja partikolata, tal-benżen u tal-monossidu tal-karbonju, in-numru totali ta' punti ta' kampjunar bi sfond urban u n-numru totali ta' punti ta' kampjunar ***fil-hotspots tat-tniġġis tal-arja*** meħtieġa ma għandhomx ivarjaw b'aktar minn fattur ta' 2. In-numru ta' punti ta' kampjunar tal-PM_{2.5} u tad-diġġisu tan-nitroġenu fil-postijiet bi sfond urban ***u fil-hotspots tat-tniġġis tal-arja*** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt B.

Emenda 206

**Proposta għal direttiva
Anness III – Taqsima B**

Test propost mill-Kummissjoni

B In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss biex tiġi vvalutata l-konformità mal-obbligi tat-tnaqqis tal-esponentiment medju tal-PM_{2.5} u l-NO₂ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem

Għall-PM_{2.5} u l-NO₂ kull wieħed, punt ta' kampjunar wieħed għal kull reġjun tan-NUTS 1 kif deskrritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, u mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed għal kull miljun abitant ikkalkolat fiziż-żoni urbani ta' aktar minn 100 000 abitant, għandu jkun imħaddem għal dan l-iskop. Dawk il-punti ta' kampjunar jistgħu jkunu l-istess punti ta' kampjunar taħt il-Punt A.

Emenda

imħassar

Emenda 207

**Proposta għal direttiva
Anness III – Taqsima D – titolu**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

D In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss tal-partikoli ultrafini fejn ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja

D In-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss tal-partikoli ultrafini, ***tal-karbonju iswed, tal-merkurju u tal-ammonijaka*** fejn ***x'aktarx*** ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja

Emenda 208

Proposta għal direttiva Anness III – Taqsima D – paragrafu 1

Test proposert mill-Kummissjoni

Emenda

Il-partikoli ultrafini għandhom jiġu mmonitorjati f'postijiet magħżula flimkien ma' sustanzi oħra li jniġġsu fl-arja. Il-punti ta' kampjunar għall-monitora ggħid-***tal-partikoli ultrafini*** għandhom jikkoinċidu, fejn xieraq, mal-punti ta' kampjunar għall-materja partikolata jew għad-diossidu tan-nitroġenu msemmija fil-Punt A, ***u*** jitqiegħed fu sit f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Anness VII. Għal dan l-iskop, għandu jiġi stabilit mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed għal kull 5 miljun abitant f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' ***UFP***. L-Istati Membri li għandhom inqas minn ***ħames*** miljun abitant għandhom jistabbilixxu mill-inqas punt ta' kampjunar fiss wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' ***UFP***.

x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' NH₃. L-Istati Membri li għandhom inqas minn miljun abitant għandhom jistabbilixxu mill-inqas punt ta' kampjunar fiss wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' UFP, *punt ta' kampjunar wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' BC, punt ta' kampjunar wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' NH₃, u punt ta' kampjunar wieħed f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għolja ta' merkurju.*

Emenda 209

Proposta għal direttiva Anness III – Taqsima D – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Is-supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban jew bi sfond rurali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 ma għandhomx jiġu inklużi għall-fini li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dwar in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-UFP stabbiliti hawnhekk.

Emenda

Is-supersiti ta' monitoraġġ f'postijiet bi sfond urban jew bi sfond rurali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 ma għandhomx jiġu inklużi għall-fini li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dwar in-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-UFP, *għall-BC u għall-NH₃* stabbiliti hawnhekk.

Emenda 210

Proposta għal direttiva Anness IV – Taqsima A – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għar-riżerva ċentrali għall-persuni mexjin.

Emenda

(c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għar-riżerva ċentrali għall-persuni mexjin *jew fejn ikun hemm korsiji għaċ-ċiklisti.*

Emenda 211

Proposta għal direttiva Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt a – parti introduttora

Test propos mill-Kummissjoni

(a) Il-punti ta' kampjunar maħsuba ġħall-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li tiġi provduta data dwar dawn kollha li ġejjin:

Emenda

(a) Il-punti ta' kampjunar maħsuba ġħall-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li tiġi provduta data ***affidabbi*** dwar dawn kollha li ġejjin:

Emenda 212

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt a – punt i

Test propos mill-Kummissjoni

(i) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet fiż-żoni bl-ogħla konċentrazzjonijiet li ġħalihom il-popolazzjoni aktarx tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti b'rabta mal-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu,

Emenda

(i) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet fiż-żoni bl-ogħla konċentrazzjonijiet li ġħalihom il-popolazzjoni aktarx tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti b'rabta mal-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu, ***inkluż fil-viċinanza tal-hotspots kollha tat-tniġġis tal-arja,***

Emenda 213

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt a – punt ii

Test propos mill-Kummissjoni

(ii) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet oħra fiż-żoni li jkunu rappreżentattivi tal-esponent tal-popolazzjoni ġenerali, u

Emenda

(ii) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet oħra fiż-żoni li jkunu rappreżentattivi tal-esponent tal-popolazzjoni ġenerali, ***kemm fil-postijiet bi-sfond urban kif ukoll rurali, u***

Emenda 214

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-postijiet maħsuba li jkunu rappreżentattivi tat-traffiku urban għandhom ikunu lokalizzati b'tali mod li jipprovduta data dwar it-toroq fejn iseħħu l-

ogħla konċentrazzjonijiet, filwaqt li jitqies il-volum tat-traffiku (mill-inqas 10 000 vettura kuljum jew li jirrappreżentaw l-akbar densità tat-traffiku fiż-żona), il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni lokali u l-użu tal-art spazjali (pereżempju f'toroq tat-tip canyon);

Emenda 215

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-postijiet bi sfond urban għandhom jitpoġġew b'mod li l-livell ta' tniġġis tagħhom ikun influwenzat mill-kontribut integrat tas-sorsi kollha fid-direzzjoni kontra r-riħ tal-punt ta' kampjunar. Il-livell ta' tniġġis ma għandux ikun iddominat minn sors wieħed sakemm din is-sitwazzjoni ma tkunx tipika ta' żona urbana akbar. Il-punti ta' kampjunar għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu rappreżentattivi għal bosta kilometri kwadri;

Emenda

(c) il-postijiet bi sfond urban għandhom jitpoġġew b'mod li l-livell ta' tniġġis tagħhom ikun influwenzat mill-kontribut integrat tas-sorsi kollha fid-direzzjoni kontra r-riħ tal-punt ta' kampjunar, ***skont id-direzzjoni ewlenija tar-riħ***. Il-livell ta' tniġġis ma għandux ikun iddominat minn sors wieħed sakemm din is-sitwazzjoni ma tkunx tipika ta' żona urbana akbar. Il-punti ta' kampjunar għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu rappreżentattivi għal bosta kilometri kwadri;

Emenda 216

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-hotspots tat-tniġġis tal-arja għandhom ikunu koperti minn numru suffiċjenti ta' punti ta' kampjunar installati fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ tas-sors fejn ikun hemm żona residenzjali qrib jew żona fejn il-popolazzjoni x'aktarx tkun esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti fir-rigward tal-perjodu medju tal-limitu jew valur jew valuri fil-mira, inklużi iżda mhux limitati għal skejjel, sptarijiet, faċilitajiet ta' għajxien assistit u żoni ta' ufficċċi;

Emenda 217

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) fejn l-objettiv huwa li jitkejlu l-livelli ta' konċentrazzjoni fiziż-żoni msemmija fil-punti (a)(i) u (a)(ii), il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu qrib postijiet iffrekventati minn popolazzjoni sensitiva u gruppi vulnerabbi u komunitajiet f'riskju, bħal skejjel, playgrounds, sptarijiet u djar għall-anzjani;

Emenda 218

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) meta l-objettiv ikun li jitkejjel il-kontribut tat-tiġi **domestiku**, għandu jiġi installat mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed **ta' kampjunar** fid-direzzjoni ewlenija favur ir-riħ ta' dawn is-sorsi;

(d) meta l-objettiv ikun li jitkejjel il-kontribut tat-tiġi, għandu jiġi installat mill-inqas punt ta' kampjunar wieħed fid-direzzjoni ewlenija favur ir-riħ ta' dawn is-sorsi; *il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu b'tali mod li l-arja li minnha jittieħdu l-kampjuni tkun rappreżentattiva tal-kwalità tal-arja għal żona ta' mill-inqas 250 m × 250 m;*

Emenda 219

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) **meta l-objettiv ikun li jiġu stmati livelli** bi sfond rurali, **il-punt ta' kampjunar** ma għandux ikun influenzat minn żoni urbani jew siti industrijni fil-qrib, jiġifieri, siti egreb minn 5 km;

(e) *il-punti ta' kampjunar f'postijiet bi sfond rurali għandhom ikunu lokalizzati sabiex ma jkunux influenzati minn żoni urbani u sabiex il-livell ta' tniġġis tagħhom ikun influenzat mill-kontribut integrat tas-sorsi rilevanti kollha,*

Emenda 220

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt f

Test propos mill-Kummissjoni

(f) meta jkollhom jiġu vvalutati kontributi minn sorsi industrijali, portijiet *jew* ajruporti, għandu jiġi installat mill-anqas post ta' kampjunar wieħed fl-eqreb żona residenzjali fuq in-naħħa ***tas-sorsi*** favur ir-riħ. Fejn ma tkunx magħrufa l-konċentrazzjoni tal-isfond, għandu ***jiġi ppushat*** punt ta' kampjunar addizzjonali fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ. Il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT tkun tista' tiġi mmonitorjata;

Emenda

(f) meta jkollhom jiġu vvalutati kontributi minn sorsi industrijali, portijiet ***u*** ajruporti, għandu jiġi installat mill-anqas post ta' kampjunar wieħed fl-eqreb żona residenzjali fuq in-naħħa ***tas-sors*** favur ir-riħ ***u fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ***. Fejn ma tkunx magħrufa l-konċentrazzjoni tal-isfond, għandu ***jitqiegħed*** punt ta' kampjunar addizzjonali fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ. Il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT tkun tista' tiġi mmonitorjata;

Emenda 221

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 2 – punt i

Test propos mill-Kummissjoni

(i) il-punti ta' kampjunar li jkejlu l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi għandhom, ***fejn possibbli***, jiġu kolokati mal-punti ta' kampjunar għall-PM₁₀.

Emenda

(i) il-punti ta' kampjunar li jkejlu l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi għandhom jiġu kolokati mal-punti ta' kampjunar għall-PM₁₀.

Emenda 222

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima B – punt 4 – tabella

Test propos mill-Kummissjoni

| Tip ta' punt ta' kampjunar | Objettivi tal-kejl | Rappreżentattivitā (1) | Għażla tas-siti fuq skala makro |
|--|---|-------------------------|--|
| Siti bi sfond urban għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem: biex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni urbana għall-ożonu, jiġifieri meta d-densità tal-popolazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-ożonu jkunu | 1 sa 10 km ² | Lil hinn mill-influwenza tal-emissjonijiet lokali bħalma huma t-traffiku, il-pompi tal-petrol, eċċ.; postijiet arjużi fejn jistgħu jitkejlu livelli mħallta sew; postijiet bħalma huma |

| | | | |
|--|---|---|--|
| | relativament għolja u jirrapreżentaw l-esponent tal-popolazzjoni ġenerali | | żoni residenzjali u kummerċjali tal-bliet, parks (lil hinn mis-siġar), toroq wesgħin jew pjazez bi ftit li xejn jew xejn traffiku, żoni miftuħa karakteristiċi tal-faċilitajiet edukattivi, sportivi jew rikreattivi. |
| Postijiet suburbani għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni u tal-veġetazzjoni li jinsabu fil-periferija taż-żona urbana, bl-ogħla livelli ta' ożonu li għalihom huma mistennija li jkunu esposti l-aktar il-popolazzjoni u l-veġetazzjoni, direttament jew indirettament. | 10 sa 100 km ² | F'ċerta distanza miż-żona ta' emissjonijiet massimi, favur ir-riħ skont id-direzzjoni(jiet) ewlenja/ewlenin tar-riħ waqt kondizzjonijiet li jiffavorixxu l-formazzjoni tal-ożonu; meta l-popolazzjoni, l-għejejjal sensittivi jew l-ekosistemi naturali li jinsabu fil-periferija ta' barra ta' żona urbana jkunu esposti għal livelli għolja ta' ożonu; fejn ikun xieraq, xi punti ta' kampjunar suburbani wkoll fid-direzzjoni kontra r-riħ taż-żona tal-emissjonijiet massimi, sabiex jiġu determinati l-livelli ta' ożonu fl-isfond tar-reġjun. |
| Postijiet rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni, tal-għejjel u tal-ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala subregjonal. | Livelli subregjonal (100 sa 1 000 km ²) | Il-punti ta' kampjunar jistgħu jkunu f'irħula żgħar/jew żoni b'ekosistemi naturali, foresti jew għejjel; rappreżentattivi tal-ożonu lil hinn mill-influwenza ta' emissjonijiet lokali immedjati bħalma huma dawk minn siti industrijni u toroq; f'siti miftuħa, iżda mhux fuq il-qċaċet ta' muntanji għoljin. |

| | | | |
|--|---|--|--|
| Postijiet bi sfond rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent ta' uċuħ tar-raba u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta'ożonu fuq skala regionali kif ukoll l-esponent tal-popolazzjoni. | Livelli regionali/nazzjonali/kontinentali (1 000 sa 10 000 km ²) | Il-punti ta' kampjunar li jinsabu f'żoni b'densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, eż. b'ekosistemi naturali, foresti, f'distanza ta' mill-anqas 20 km minn żoni urbani u industrijni u lil hinn minn emissjonijiet lokali; għandhom jiġu evitati postijiet li huma soġġetti għall-formazzjoni lokali oħla tal- kondizzjonijiet ta'inverżjoni qrib l-art, kif ukoll il-qċaċet ta'muntanji għoljin; mħumix rakkommandati siti mal-kosta b'ċikli tal-irjieħ matul il-jum ta' karattru lokali. |
| (1) Il-punti ta' kampjunar għandhom, kemm jista' jkun, ikunu rappreżentattivi ta' postijiet simili mhux fil-viċinat immedja tal-punti ta' kampjunar. | | | |

Emenda

| Tip ta' punt ta' kampjunar | Objettivi tal-kejl | Rappreżentatività (1) | Għażla tas-siti fuq skala makro |
|--|---|-------------------------|---|
| Siti bi sfond urban għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem: biex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni urbana għall-ożonu, jiġifieri meta d-densità tal-popolazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-ożonu jkunu relativament għolja u jirrapreżentaw l-esponent tal-popolazzjoni ġenerali | 1 sa 10 km ² | Lil hinn mill-influwenza tal-emissjonijiet lokali bħalma huma t-traffiku, il-pompi tal-petrol, eċċ.; postijiet arjużi fejn jistgħu jitkejlu livelli mħallta sew; postijiet iffrekwentati minn popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, bħal skejjel, playgrounds, sptarijiet u djar għall-anżjani; postijiet bħalma huma |

| | | | |
|--|---|--|---|
| | | | żoni residenzjali u kummerċjali tal-bliet, parks (lil hinn mis-siġar), toroq wesgħin jew pjazez bi ftit li xejn jew xejn traffiku, żoni miftuħa karakteristiċi tal-faċilitajiet edukattivi, sportivi jew rikreattivi. |
| Postijiet suburbani għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni u tal-veġetazzjoni li jinsabu fil-periferija taż-żona urbana, bl-ogħla livelli ta' ożonu li għalihom huma mistennija li jkunu esposti l-aktar il-popolazzjoni u l-veġetazzjoni, direttament jew indirettament. | 10 sa 100 km ² | F'ċerta distanza miż-żona ta' emissjonijiet massimi, favur ir-riħ skont id-direzzjoni(jiet) ewlenja/ewlenin tar-riħ waqt kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-formazzjoni tal-ożonu; postijiet iffrekventati minn popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, bħal skejjel, playgrounds, sptarijiet u djar għall-anzjani; meta l-popolazzjoni, l-għejejjal sensittivi jew l-ekosistemi naturali li jinsabu fil-periferija ta' barra ta' żona urbana jkunu esposti għal livelli għolja ta' ożonu; fejn ikun xieraq, xi punti ta' kampjunar suburbani wkoll fid-direzzjoni kontra r-riħ taż-żona tal-emissjonijiet massimi, sabiex jiġu determinati l-livelli ta' ożonu fl-isfond tar-reġjun. |
| Postijiet rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent tal-popolazzjoni, tal-għejejjal u tal-ekosistemi naturali | Livelli subregionali (100 sa 1 000 km ²) | Il-punti ta' kampjunar jistgħu jkunu f'irħula żgħar/jew żoni b'ekosistemi naturali, foresti jew għejejjal; postijiet iffrekventati minn popolazzjoni sensittiva u gruppi |

| | | | |
|---|---|--|---|
| | għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala subreġjonali. | | <i>vulnerablli, bħal skejjel, playgrounds, sptarijiet u djar għall-anzjani;</i> rappreżentattivi tal-ożonu lil hinn mill-influwenza ta' emissjonijiet lokali immedjati bħalma huma dawk minn siti industrijali u toroq; f'siti miftuħa, iżda mhux fuq il-qċaċet ta' muntanji għoljin. |
| Postijiet bi sfond rurali għall-valutazzjonijiet tal-ożonu | Il-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-veġetazzjoni: sabiex jiġi vvalutat l-esponent ta' uċuħ tar-raba u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu fuq skala reġjonali kif ukoll l-esponent tal-popolazzjoni. | Livelli reġjonali/nazzjonali/kontinentali (1 000 sa 10 000 km ²) | Il-punti ta' kampjunar li jinsabu f'żoni b'densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, eż. b'ekosistemi naturali, foresti, f'distanza ta' mill-anqas 20 km minn żoni urbani u industrijali u lil hinn minn emissjonijiet lokali; għandhom jiġu evitati postijiet li huma soġġetti għall-formazzjoni lokali ogħla tal- kundizzjonijiet ta' inverżjoni qrib l-art, kif ukoll il-qċaċet ta' muntanji għoljin; mħumiex rakkommandati siti mal-kosta b'ċikli tal-irjieħ matul il-jum ta' karattru lokali. |
| (1) Il-punti ta' kampjunar għandhom, kemm jista' jkun, ikunu rappreżentattivi ta' postijiet simili mhux fil-viċinat immedjat tal-punti ta' kampjunar. | | | |

Emenda 223

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima C – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test proposet mill-Kummissjoni

Sa fejn ikun prattikabqli, għandu japplika dan li ġej:

Emenda 224

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima C – paragrafu 1 – punt b

Test proposet mill-Kummissjoni

(b) b'mod ġenerali, il-bokka tal-punt ta' kampjunar għandha tkun bejn 0,5 m (iż-żona ta' respirazzjoni) u **4 m** 'il fuq mill-art. Għażla tas-siti oħla (sa **8 m**) tista' tkun xierqa jekk il-punt ta' kampjunar ikun rappreżentattiv ta' żona kbira (post fl-isfond) **jew f'ċirkostanzi speċifiċi oħra u kwalunkwe deroga** għandha tiġi ddokumentata bis-sħiħ;

Emenda 225

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima C – paragrafu 1 – punt e

Test proposet mill-Kummissjoni

(e) għas-sustanzi niġġiesa kollha, issondi tal-kampjunar għandhom **ikunu mill-inqas** 25 m 'il bogħod mit-tarf tal-punti prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq u **mhux aktar minn 10 m mill-bankina**; għall-finijiet ta' dan il-punt, "bankina" tfisser il-linja li tissepara t-traffiku motorizzat minn żoni oħra; "punt prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq" tfisser punt fejn jiltaqgħu t-toroq li jinterrompi l-fluss tat-traffiku u jikkawża emissjonijiet differenti (ta' waqfien u startjar) mill-bqija tat-triq;

Emenda

Għandu japplika dan li ġej:

Emenda

(b) b'mod ġenerali, il-bokka tal-punt ta' kampjunar għandha tkun bejn 0,5 m (iż-żona ta' respirazzjoni) u **3 m** 'il fuq mill-art. Għażla tas-siti oħla (sa **6 m**) tista' tkun xierqa jekk il-punt ta' kampjunar ikun rappreżentattiv ta' żona kbira (post fl-isfond). **Id-deċiżjoni li tiġi applikata tali għażla tas-siti oħla** għandha tiġi ddokumentata bis-sħiħ;

Emenda

(e) għas-sustanzi niġġiesa kollha, issondi tal-kampjunar għandhom **jitqiegħdu mhux aktar minn 5 m mill-bankina; għandu jitqies jekk is-sejbien tal-punt tat-teħid tal-kampjuni f'anqas minn 25 m** 'il bogħod mit-tarf tal-punti prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq **jirriżultax f'konċentrazzjonijiet eċċessivi jew sottovalutati u jwassalx għall-kejl ta' mikroambjent żgħir ħafna li ma jkunx rappreżentattiv tal-livelli tul dik il-parti tat-triq; għall-finijiet ta' dan il-punt, "bankina" tfisser il-linja li tissepara t-traffiku motorizzat minn żoni oħra; "punt prinċipali fejn jiltaqgħu t-toroq" tfisser punt fejn jiltaqgħu t-toroq li jinterrompi l-fluss tat-traffiku u jikkawża emissjonijiet differenti (ta' waqfien u startjar) mill-bqija tat-triq;**

Emenda 226
Proposta għal direttiva
Anness IV – Taqsima C – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) għall-kejl ta' depożizzjoni f' postijiet bi sfond rurali, il-linji gwida u l-kriterji tal-EMEP għandhom japplikaw ***sa fejn ikun prattikkabbi;***

Emenda

(f) għall-kejl ta' depożizzjoni f' postijiet bi sfond rurali, il-linji gwida u l-kriterji tal-EMEP għandhom japplikaw; ***sa fejn ikun prattikkabbi;***

Emenda 227
Proposta għal direttiva
Anness IV – Taqsima D – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha għandhom jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-għażla tas-sit ***u*** jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-għażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha. It-tfassil tan-network ta' monitoraġġ għandu mill-inqas ikun appoġġat jew permezz ta' mmudellar jew permezz ta' kejl indikattiv.

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha għandhom ***jipprovdu valutazzjoni bbażata fuq id-data***, jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-għażla tas-sit, jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-għażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha ***u jipprovdu ġustifikazzjonijiet.*** It-tfassil tan-network ta' monitoraġġ għandu mill-inqas ikun appoġġat jew permezz ta' mmudellar ***b'livell baxx biżżejjed ta' inċertezza*** jew permezz ta' kejl indikattiv.

Emenda 228 Proposta għal direttiva
Anness IV – Taqsima D – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-post tal-punti ta' kampjunar permezz ta' koordinati spazjali, mapep dettaljati u għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-punti ta' kampjunar kollha.

Emenda

2. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-post tal-punti ta' kampjunar permezz ta' koordinati spazjali, ***ritratti u*** mapep dettaljati, u għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-punti ta' kampjunar kollha.

Emenda 229

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima D – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokumentazzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji tal-għażla tas-siti fuq skala mikro, ir-raġunijiet sottostanti tagħha u l-impatt probabbli fuq il-livelli mkejla.

Emenda

3. Id-dokumentazzjonijiet għandhom jinkludu **evidenza li tispjega r-raġunijiet għat-tfassil tan-network u prova ta' konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-Punti B u C, b'mod partikolari:**

- (a) *ir-raġunijiet għall-ġħażla ta' postijiet rappreżentattivi tal-ogħla livelli ta' tniġġis fiziż-żona jew l-agglomerazzjoni għal kull sustanza niġgħiesa;*
- (b) *ir-raġunijiet għall-ġħażla ta' postijiet rappreżentattivi tal-esponentiment ġenerali tal-popolazzjoni; u*
- (c) kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji tal-ġħażla tas-siti fuq skala mikro, ir-raġunijiet sottostanti tagħha u l-impatt probabbli fuq il-livelli mkejla.

Emenda 230

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima D – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta f'żona jintuża l-kejl indikattiv, l-immudellar **jew l-istima oġġettiva** jew taħlita tagħhom, id-dokumentazzjoni għandha tħalli dettalji ta' dawn il-metodi u l-informazzjoni dwar kif jiġi ssodisfati l-kriterji elenkti fl-Artikolu 9(3).

Emenda

4. Meta f'żona jintuża l-kejl indikattiv **jew l-immudellar** jew taħlita tagħhom, id-dokumentazzjoni għandha tħalli dettalji ta' dawn il-metodi u l-informazzjoni dwar kif jiġi ssodisfati l-kriterji elenkti fl-Artikolu 9(3).

Emenda 231

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima D – punt 5

Test propos mill-Kummissjoni

5. Meta jintuża l-kejl indikattiv, l-immudellar **jew l-istima oġġettiva**, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw id-data f'forma ta' grilja rrapportata skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet irrapportata skont id-Direttiva 2010/75/UE.

Emenda

5. Meta jintuża l-kejl indikattiv **jew l-immudellar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw id-data f'forma ta' grilja rrapportata skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet irrapportata skont id-Direttiva 2010/75/UE.**

Emenda 232

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima D – punt 9

Test propos mill-Kummissjoni

9. Mill-anqas kull ġumes snin, il-kriterji tal-għażla, it-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ, definiti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, għandhom jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li jibqgħu validi u ottimali maż-żmien. Dan ir-rieżami għandu jkun appoġġat mill-inqas jew permezz tal-immudellar jew tal-kejl indikattiv.

Emenda

9. Mill-anqas kull ġumes snin, il-kriterji tal-għażla, it-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ, definiti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, għandhom jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li jibqgħu validi u ottimali maż-żmien. Dan ir-rieżami għandu jkun appoġġat mill-inqas jew permezz tal-immudellar jew tal-kejl indikattiv **u għandu jidentifika l-miżuri li għandhom jittieħdu f'qafas ta' żmien f'konformità mal-linji gwida biex jiġi żgurat li t-tfassil tan-network jibqa' validu u ottimali. Meta tali rieżami jiżvela li t-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ ma għadhomx validi (pereżempju, ma hemm l-ebda stazzjon ta' monitoraġġ fissiż-żona tal-livelli massimi mmudellati), l-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi u taġġorna t-tfassil tan-network fiżmien sena.**

Emenda 233

Proposta għal direttiva

Anness IV – Taqsima D – punt 10a (ġdid)

10a. L-awtoritajiet kompetenti responsabili għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja għandhom iwettqu u jiddokumentaw kontrolli u manutenzjoni regolari tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja ambjentali biex jiżguraw li jkomplu joperaw u biex jiżguraw il-preċiżjoni tal-kejl u l-affidabbiltà tal-istrumentazzjoni.

Emenda 234

**Proposta għal direttiva
Anness V – Taqsima A – punt 1 – tabella
Test propos mill-Kummissjoni**

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Inċertezza massima tal-kejl fiss | | Inċertezza massima tal-kejl indikattiv ⁽¹⁾ | | Proporzione massimu tal-inċertezza tal-immudellar u l-istima oġġettiva firrigward tal-inċertezza tal-kejl fiss |
|-----------------------------------|----------------------------------|----------------|---|----------------|---|
| | Valur assolut | Valur relattiv | Valur assolut | Valur relattiv | Proporzione massimu |
| PM _{2,5} | 3,0 µg/m ³ | 30 % | 4,0 µg/m ³ | 40 % | 1,7 |
| PM ₁₀ | 4,0 µg/m ³ | 20 % | 6,0 µg/m ³ | 30 % | 1,3 |
| NO ₂ / NO _x | 6,0 µg/m ³ | 30 % | 8,0 µg/m ³ | 40 % | 1,4 |
| Benżen | 0,75 µg/m ³ | 25 % | 1,2 µg/m ³ | 35 % | 1,7 |
| Ċomb | 0,125 µg/m ³ | 25 % | 0,175 µg/m ³ | 35 % | 1,7 |
| Arseniku | 2,4 ng/m ³ | 40 % | 3,0 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Kadmju | 2,0 ng/m ³ | 40 % | 2,5 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Nikil | 8,0 ng/m ³ | 40 % | 10,0 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Benzo[a]piren | 0,5 ng/m ³ | 50 % | 0,6 ng/m ³ | 60 % | 1,1 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra għajnej għall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-rieżami tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċertezza tista' tkun dik stabbilita għall-applikazzjoni tal-immudellar.

Emenda

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Inċertezza massima tal-kejl fiss | Inċertezza massima tal-kejl indikattiv ⁽¹⁾ | Proporzione massimu tal-inċertezza tal-immudellar |
|-----------------------------|----------------------------------|---|---|
| | | | |

| | | | | | fir-rigward tal-inċerċezza tal-kejl fiss |
|-----------------------------------|---------------------------------|----------------|--------------------------------|----------------|--|
| | Valur assolut | Valur relattiv | Valur assolut | Valur relattiv | Proporzjon massimu |
| PM _{2,5} | 1,25 µg/m ³ | 25 % | 2,0 µg/m ³ | 40 % | 1,7 |
| PM ₁₀ | 3,0 µg/m ³ | 20 % | 4,5 µg/m ³ | 30 % | 1,3 |
| NO ₂ / NO _x | 1,5 µg/m ³ | 15 % | 2,5 µg/m ³ | 25 % | 1,4 |
| Benżen | 0,0425 µg/m ³ | 25 % | 0,05 µg/m ³ | 30 % | 1,7 |
| Ċomb | 0,0375 µg/m ³ | 25 % | 0,045 µg/m ³ | 30 % | 1,7 |
| Arseniku | 0,26 ng/m ³ | 40 % | 0,33 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Kadmju | 2,0 ng/m ³ | 40 % | 2,5 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Nikil | 1,0 ng/m ³ | 40 % | 1,25 ng/m ³ | 50 % | 1,1 |
| Benżo[a]piren | 0,125 ng/m ³ | 50 % | 0,15 ng/m ³ | 60 % | 1,1 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra ghajj ġall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-riżamni tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċerċezza tista' tkun dik stabbilita għall-applikazzjonijiet tal-immudellar.

Emenda 235

Proposta għal direttiva

Anness V – Taqsima A – punt 2 – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Inċerċezza massima tal-kejl fiss | | Inċerċezza massima tal-kejl indikattiv ⁽¹⁾ | | Proporzjon massimu tal-inċerċezza tal-immudellar u l-istima oġġettiva fir-rigward tal-inċerċezza tal-kejl fiss |
|---------------------------------|----------------------------------|----------------|---|----------------|---|
| | Valur assolut | Valur relattiv | Valur assolut | Valur relattiv | Proporzjon massimu |
| PM _{2,5} (24sieħha) | 6,3 µg/m ³ | 25 % | 8,8 µg/m ³ | 35 % | 2,5 |
| PM ₁₀ (24 sieħha) | 11,3 µg/m ³ | 25 % | 22,5 µg/m ³ | 50 % | 2,2 |
| NO ₂ (kuljum) | 7,5 µg/m ³ | 15 % | 12,5 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| NO ₂ (kull sieħha) | 30 µg/m ³ | 15 % | 50 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| SO ₂ (kuljum) | 7,5 µg/m ³ | 15 % | 12,5 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| SO ₂ (kull sieħha) | 52,5 µg/m ³ | 15 % | 87,5 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| CO (24 sieħha) | 0,6 mg/m ³ | 15 % | 1,0 mg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| CO (8 sigħat) | 1,0 mg/m ³ | 10 % | 2,0 mg/m ³ | 20 % | 4,9 |

| | | | | | |
|---|-------------------------------|------|-------------------------------|------|-----|
| Ożonu (l-eqvel tal-istaġun): inċerċezza tal-valuri ta' 8 sīghat | 10,5 µg/m ³ | 15 % | 17,5 µg/m ³ | 25 % | 1,7 |
| Ożonu (medda fuq 8 sīghat) | 18 µg/m ³ | 15 % | 30 µg/m ³ | 25 % | 2,2 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra għajr għall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-rieżami tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċerċezza tista' tkun dik stabbilità għall-applikazzjonijiet tal-immudellar.

Emenda

| Sustanza li tniġġes fl-arja | Inċerċezza massima tal-kejl fiss | | Inċerċezza massima tal-kejl indikattiv ⁽¹⁾ | | Proporzione massimu tal-inċerċezza tal-immudellar fir-rigward tal-inċerċezza tal-kejl fiss |
|---|----------------------------------|----------------|---|----------------|--|
| | Valur assolut | Valur relattiv | Valur assolut | Valur relattiv | Proporzione massimu |
| PM _{2,5} (24sieħha) | 3,75 µg/m ³ | 25 % | 5,25 µg/m ³ | 35 % | 2,5 |
| PM ₁₀ (24 sieħha) | 11,25 µg/m ³ | 25 % | 22,5 µg/m ³ | 50 % | 2,2 |
| NO ₂ (kuljum) | 3,75 µg/m ³ | 15 % | 6,25 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| NO ₂ (kull sieħha) | 30 µg/m ³ | 15 % | 50 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| SO ₂ (kuljum) | 6,0 µg/m ³ | 15 % | 10,0 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| SO ₂ (kull sieħha) | 30,0 µg/m ³ | 15 % | 50,0 µg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| CO (24 sieħha) | 0,6 mg/m ³ | 15 % | 1,0 mg/m ³ | 25 % | 3,2 |
| CO (8 sīghat) | 1,0 mg/m ³ | 10 % | 2,0 mg/m ³ | 20 % | 4,9 |
| Ożonu (l-eqvel tal-istaġun): inċerċezza tal-valuri ta' 8 sīghat | 9,0 µg/m ³ | 15 % | 15,0 µg/m ³ | 25 % | 1,7 |
| Ożonu (medda fuq 8 sīghat) | 16,5 µg/m ³ | 15 % | 27,5 µg/m ³ | 25 % | 2,2 |

(1) Meta jintuża kejl indikattiv għal skopijiet oħra għajr għall-valutazzjoni tal-konformità, bħal, iżda mhux biss: it-tfassil jew ir-rieżami tan-network ta' monitoraġġ, il-kalibrar u l-validazzjoni tal-mudell, l-inċerċezza tista' tkun dik stabbilità għall-applikazzjonijiet tal-immudellar.

Emenda 236

Proposta għal direttiva Anness V – Taqsima A – punt 2 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

Il-persentaġġi għall-inċertezza fit-tabelli f'din it-Taqsima japplikaw għall-valuri ta' limitu kollha (u l-valur fil-mira għall-ożonu) li huma kkalkulati b'medja sempliċi tal-kejl individwali bħall-medja fis-siegħa, il-medja ta' kuljum jew il-valuri medji annwali mingħajr ma titqies l-inċertezza addizzjonali għall-kalkolu tan-numru ta' qabżiet. L-inċertezza għandha tiġi interpretata li tapplika fir-reġjun tal-valuri ta' limitu xierqa (jew il-valur fil-mira għall-ożonu). Il-kalkolu tal-inċertezza ma japplikax għal AOT40 u valuri li jinkludu aktar minn sena, aktar minn stazzjon wieħed (eż. l-AEI) jew aktar minn komponent wieħed. Lanqas ma huma applikabbli għal-livelli limiti ta' informazzjoni, għal-livelli limiti ta' allert u għal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali.

Emenda

Il-persentaġġi għall-inċertezza fit-tabelli f'din it-Taqsima japplikaw għall-valuri ta' limitu kollha (u l-valur fil-mira għall-ożonu) li huma kkalkulati b'medja sempliċi tal-kejl individwali bħall-medja fis-siegħa, il-medja ta' kuljum jew il-valuri medji annwali mingħajr ma titqies l-inċertezza addizzjonali għall-kalkolu tan-numru ta' qabżiet. **Għal livelli taħt 5 għall-PM_{2,5} u livelli taħt 10 għall-NO₂ għandhom jiġu permessi persentaġġi għall-inċertezza ta' 30 %.** L-inċertezza għandha tiġi interpretata li tapplika fir-reġjun tal-valuri ta' limitu xierqa (jew il-valur fil-mira għall-ożonu). Il-kalkolu tal-inċertezza ma japplikax għal AOT40 u valuri li jinkludu aktar minn sena, aktar minn stazzjon wieħed (eż. l-AEI) jew aktar minn komponent wieħed. Lanqas ma huma applikabbli għal-livelli limiti ta' informazzjoni, għal-livelli limiti ta' allert u għal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u tal-ekosistemi naturali.

Emenda 237

Proposta għal direttiva Anness V – Taqsima A – punt 2 – paragrafu 9

Test propos mill-Kummissjoni

Meta jintuża mudell tal-kwalità tal-arja għal skop ta' valutazzjoni, għandhom jiġu kkumpilati r-referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-mudell u l-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-objettiv tal-kwalità tal-immudellar.

Emenda

Meta jintuża mudell tal-kwalità tal-arja għal skop ta' valutazzjoni, għandhom jiġu kkumpilati r-referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-mudell, **inkluża rr-riżoluzzjoni spazjali tal-mudell innifsu u data tal-input speċifika għas-sors**, u l-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-objettiv tal-kwalità tal-immudellar.

Emenda 238

Proposta għal direttiva Anness V – Taqsima A – punt 2 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

L-inċertezza tal-istima oġġettiva ma għandhiex taqbeż l-inċertezza għall-kejl indikattiv b'aktar mill-proporzjon massimu applikabbli u ma għandhiex taqbeż il-85 %. L-inċertezza fir-rigward tal-istima oġġettiva hija definita bħala devjazzjoni massima tal-livelli tal-konċentrazzjoni mkejin u kkalkolati, matul il-perjodu kkunsidrat, bil-valur ta' limitu (jew il-valur fil-mira għall-ożonu), mingħajr ma jittieħed kont tat-twaqqit tal-avvenimenti.

Emenda

imħassar

Emenda 239

Proposta għal direttiva Anness V – Taqsima B – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-każijiet l-oħra, il-kejl għandu jitqassam b'mod ugwali matul is-sena kalendarja sħiħa (jew matul il-perjodu minn April sa Settembru għall-kejl indikattiv tal-O₃). Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf potenzjali ta' data ma jgħawwiġx ir-riżultati, ir-rekwiżiti minimi tal-kopertura tad-data għandhom jiġi ssodisfati għal perjodi speċifiċi (trimestru, xahar, ġurnata ta' matul il-ġimgħa) tas-sena kollha skont is-sustanza niġgħiesa u l-metodu/frekwenza tal-kejl.

Emenda

Għall-każijiet l-oħra, il-kejl għandu jitqassam b'mod ugwali matul is-sena kalendarja sħiħa (jew matul il-perjodu minn April sa Settembru għall-kejl indikattiv tal-O₃). Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf potenzjali ta' data ma jgħawwiġx ir-riżultati, ir-rekwiżiti minimi tal-kopertura **u tad-distribuzzjoni** tad-data għandhom jiġi ssodisfati għal perjodi speċifiċi (trimestru, xahar, ġurnata ta' matul il-ġimgħa) tas-sena kollha skont is-sustanza niġgħiesa u l-metodu/frekwenza tal-kejl.

Emenda 240

Proposta għal direttiva Anness V – Taqsima D – paragrafu 1 – parti introduttora

Test proposet mill-Kummissjoni

L-informazzjoni li ġejja għandha tinġabar
għal żoni fejn jintuża l-immudellar tal-
kwalità tal-arja **jew l-istima oġġettiva:**

Emenda

L-informazzjoni li ġejja għandha tinġabar
għal żoni fejn jintuża l-immudellar tal-
kwalità tal-arja:

Emenda 241

Proposta għal direttiva

Anness V – Taqsima D – paragrafu 1 – punt ca (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(ca) nuqqas osservat ta' data jew
informazzjoni minn punti speċifiċi ta'
kampjunar,*

Emenda 242

Proposta għal direttiva

Anness V – Taqsima D – paragrafu 1 – punt ea (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(ea) fir-rigward ta' kejl minn
stazzjonijiet transkonfinali, stima ta'
tniġġis transkonfinali relatat ma' Stat
Membru ieħor jew paċċiż terz;*

Emenda 243

Proposta għal direttiva

Anness V – Taqsima F – punt 1a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*1a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi
gwida u rekwiżiti ċari dwar l-użu tal-
mudelli tal-kwalità tal-arja, bil-għan li
taħdem lejn l-armonizzazzjoni.*

Emenda 244

Proposta għal direttiva

Anness VI – Taqsima B – punt 2

Test proposet mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tirrikjedi lill-Istati Membri jħejju u jissottomettu rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza f'konformità mal-punt 1.

Emenda

2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tirrikjedi lill-Istati Membri jħejju u jissottomettu rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza f'konformità mal-punt 1.

Emenda 245

Proposta għal direttiva

Anness VII – Taqsima 1 – punt A – paragrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

L-objettivi ewlenin ta' tali kejl huma li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli informazzjoni adegwata dwar il-livelli fil-postijiet bi sfond urban u dawk bi sfond rurali. Din l-informazzjoni hija essenzjali biex jiġu ġġudikati l-livelli mtejba f'żoni aktar imniċċgsa (bħalma huma ***l-isfond*** urban, il-postijiet marbuta mal-industrija, il-postijiet marbuta mat-traffiku), biex jiġi vvalutat il-kontribut possibbli mit-trasport fuq medda twila ta' sustanzi niġgħiesa, biex tiġi appoġġata l-analiżi tat-tqassim tas-sorsi u għall-apprezzament ta' sustanzi niġgħiesa speċifiċi bħall-materja partikolata. Hija wkoll essenzjali għal aktar użu ta' mmudellar f'żoni urbani wkoll.

Emenda

L-objettivi ewlenin ta' tali kejl huma li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli informazzjoni adegwata dwar il-livelli fil-postijiet bi sfond urban u dawk bi sfond rurali. Din l-informazzjoni hija essenzjali biex jiġu ġġudikati l-livelli mtejba f'żoni aktar imniċċgsa (bħalma huma ***l-postijiet bi sfond*** urban, ***il-hotspots tat-tniġġis tal-arja***, il-postijiet marbuta mal-industrija, il-postijiet marbuta mat-traffiku), biex jiġi vvalutat il-kontribut possibbli mit-trasport fuq medda twila ta' sustanzi niġgħiesa, biex tiġi appoġġata l-analiżi tat-tqassim tas-sorsi u għall-apprezzament ta' sustanzi niġgħiesa speċifiċi bħall-materja partikolata. Hija wkoll essenzjali għal aktar użu ta' mmudellar f'żoni urbani wkoll.

Emenda 246

Proposta għal direttiva

Anness VII – Taqsima 1 – punt C – paragrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

Il-kejl għandu jittieħed f'postijiet bi sfond urban u bi sfond rurali f'konformità mal-Anness IV.

Emenda

Il-kejl għandu jittieħed f'postijiet bi sfond urban, ***f'hotspots tat-tniġġis tal-arja u f'postijiet*** bi sfond rurali f'konformità mal-Anness IV.

Emenda 247

Proposta għal direttiva Anness VII – Taqsima 2 – punt B – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kejl tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu għandu jinkludi tal-anqas l-ossidi tan-nitroġenu (NO u NO₂), u ***l-komposti*** organiċi volatili (VOC) adatti. L-għażla tal-komposti speċifiċi li għandhom jitkejlu, kompletati b'komposti oħra ta' interess, tiddependi fuq l-objettiv mixtieq.

Emenda

Il-kejl tas-sustanzi prekursuri tal-ożonu għandu jinkludi tal-anqas l-ossidi tan-nitroġenu (NO u NO₂), ***il-metan (CH₄)*** u ***komposti*** organiċi volatili (VOC) ***oħra*** adatti. L-għażla tal-komposti speċifiċi li għandhom jitkejlu, kompletati b'komposti oħra ta' interess, tiddependi fuq l-objettiv mixtieq.

Emenda 248

Proposta għal direttiva Anness VII – Taqsima 3a (ġidida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

TAQSIMA 3A - KEJL TAL-KARBONJU ISWED (BC)

A. Objettivi

L-objettiv ta' tali kejl huwa li jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni adegwata f'postijiet fejn iseħħu konċentrazzjonijiet għoljin tal-BC li huma influwenzati prinċipalment minn sorsi mit-trasport bla-jru, bl-ilma jew bit-triq (bħal ajruporti, portijiet jew toroq), siti industrijali jew tisħin domestiku. L-informazzjoni għandha tkun xierqa biex tiġġiduka fuq livelli msaħħa ta' konċentrazzjonijiet tal-BC minn dawk is-sorsi.

B. Sustanzi

BC

C. Għażla tas-sit

Il-punti ta' kampjunar għandhom jiġu stabiliti f'konformità mal-Annessi IV u V f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin tal-BC u fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ.

Emenda 249

Proposta għal direttiva Anness VII – Taqsima 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

TAQSIMA 3B - KEJL TAL-AMMONIJAKA (NH_3)

A. Objettivi

L-objettiv ta' tali kejl huwa li jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni adegwata f'postijiet fejn ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin tal- NH_3 li huma influenzati prinċipalment minn sorsi mill-agrikoltura u mit-trobbija tal-animali (għelieqi u art bil-ħaxix soġġetti għall-applikazzjoni ta' fertilizzanti, stalel u ħażniet ta' demel). L-informazzjoni għandha tkun xierqa biex tiġġidika fuq livelli msaħħa ta' konċentrazzjonijiet tal- NH_3 minn dawk is-sorsi.

B. Sustanzi

NH_3

C. Għażla tas-sit

Il-punti ta' kampjunar għandhom jiġu stabiliti f'konformità mal-Annessi IV u V f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin tal- NH_3 u fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ.

Emenda 250

Proposta għal direttiva Anness VII – Taqsima 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

TAQSIMA 3C - KEJL TAL-MERKURJU

A. Objettivi

L-objettiv ta' tali kejl huwa li jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni adegwata f'postijiet fejn ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin tal-merkurju li

huma influwenzati principally mill-produzzjoni tal-enerġija u l-industrija. L-informazzjoni għandha tkun xierqa biex tiġġidika fuq livelli msaħħa ta' konċentrazzjonijiet tal-merkurju minn dawk is-sorsi.

B. Sustanza

Merkurju

C. Għażla tas-sit

Il-punti ta' kampjunar għandhom jiġu stabiliti f'konformità mal-Annessi IV u V f'post fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin tal-merkurju u fid-direzzjoni ewlenija tar-riħ.

Emenda 251

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Informazzjoni li għandha tīgħi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja għal titjib fil-kwalitā tal-arja ambjentali

Emenda

Informazzjoni li għandha tīgħi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja **u fil-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalitā tal-arja** għal titjib fil-kwalitā tal-arja ambjentali

Emenda 252

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – Taqsima A – punt 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tip ta' żona (urbana, industrijali jew rurali) jew il-karatteristiċi tal-unità territorjali NUTS 1 (inkluż żoni urbani, industrijali jew rurali);

Emenda

(a) tip ta' żona (urbana, industrijali, **hotspot tat-tniġġis tal-arja** jew rurali) jew il-karatteristiċi tal-unità territorjali NUTS 2 (inkluż żoni urbani, industrijali, **hotspots tat-tniġġis tal-arja** jew **żoni** rurali);

Emenda 253

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – Taqsima A – punt 2 – punt c**

Test propos mill-Kummissjoni

(c) konċentrazzjonijiet jew indikatur tal-esponiment medju tas-sustanza niġgħiesa rilevanti osservati mill-inqas 5 snin qabel il-qbiż;

Emenda

(c) konċentrazzjonijiet jew indikatur tal-esponiment medju tas-sustanza niġgħiesa rilevanti osservati mill-inqas 5 snin qabel il-qbiż **u t-tqabbil mal-valuri ta' limitu jew l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju;**

Emenda 254

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 3 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsablli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja.

Emenda

Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsablli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja **jew tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja.**

Emenda 255

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 3a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Valutazzjoni tal-impatti ambjentali u tal-effetti fuq is-sahħha

(a) il-konċentrazzjonijiet u l-qabżiet irregistratori fis-snin preċedenti, qabel il-bidu tal-implimentazzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, il-pjan aġġornat dwar il-kwalità tal-arja jew il-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja;

(b) fil-każ ta' pjan aġġornat dwar il-kwalità tal-arja, il-konċentrazzjonijiet u l-qabżiet imkejla mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan aġġornat dwar il-kwalità tal-arja;

(c) valutazzjoni tal-impatti ambjentali u tal-effetti fuq is-sahħha relatati mal-

esponiment tal-popolazzjoni għal konċentrazzjonijiet imkejla, inkluża l-valutazzjoni tal-mortalità u l-morbidità kemm mill-effetti akuti kif ukoll kronic i fuq is-sahħha kemm fuq il-popolazzjoni ġenerali kif ukoll fuq il-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi;

(d) il-metodi użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-esponiment u tal-effetti fuq is-sahħha.

L-Istati Membri għandhom ikunu ggwidati fil-valutazzjoni tagħhom mill-funzjonijiet ta' konċentrazzjoni respons (C-R) definiti mid-WHO li torbot il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali mar-riskji ta' mortalità jew effetti negattivi oħra fuq is-sahħha (Riskji għas-Sahħha li jiġu mit-Tniġġis tal-Arja fl-Ewropa – il-proġett HRAPIE), kif ukoll il-konċentrazzjonijiet kontrofattwali li 'l fuq minn hom jiġu stmati l-impatti fuq is-sahħha (“punti ta’ limitu”).

Emenda 256

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) lista tas-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet responsabbli għat-tniġġis;

Emenda

(a) lista tas-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet **u, meta possibbli, tal-entitajiet speċifiċi** responsabbli għat-tniġġis;

Emenda 257

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwantità totali ta' emissjonijiet minn dawn is-sorsi (f'tunnellati metriċi/sena);

Emenda

(b) kwantità totali ta' emissjonijiet minn dawn is-sorsi, **u meta possibbli, tal-entitajiet speċifiċi** (f'tunnellati metriċi/sena);

Emenda 258

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tqassim tas-sors skont is-setturi rilevanti li jikkontribwixxu għall-qbiż fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.

Emenda

(d) tqassim tas-sors skont is-setturi rilevanti, *u meta possibbli, tqassim għal entitajiet speċifiċi*, li jikkontribwixxu għall-qbiż fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.

Emenda 259

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 4a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Identifikazzjoni ta' miżuri effettivi għat-tnaqqis tat-tniġġis

(a) informazzjoni dwar il-miżuri kollha possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li jistgħu jiġu adottati f'livell lokali, reżjonali jew nazzjonali xieraq biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja u l-effett stmat tagħhom fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja għal kull sustanza niġġiesa, inklużi mill-inqas il-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis elenkti taħt il-Punt B;

(b) valutazzjoni tal-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-impatt proġettata fuq it-taqqis tal-konċentrazzjonijiet li jirriżultaw mill-implementazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis identifikati, kemm impatti individuali kif ukoll dawk ikkombinati, inkluż il-metodu tal-analiżi u l-inċerzezzi assoċjati f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-Punt Ba.

Emenda 260

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 4b (ġidid)

4b. Xenarju bażi

- (a) deskrizzjoni tal-miżuri eżistenti għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fil-livell lokali, regionali, nazzjonali u internazzjonali, inkluża informazzjoni aġġornata dwar l-istatus u l-iskedha ta' żmien tal-implementazzjoni;
- (b) informazzjoni dwar l-istatus tal-implementazzjoni tad-Direttivi msemmija fil-punt B, il-punt 1, u b'mod partikolari l-miżuri inklużi fil-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja;
- (c) l-effetti osservati tal-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) fl-indirizzar tal-fatturi responsabli għall-qbiż tal-limiti (itt-naqqis tal-emissjonijiet miksub u tt-naqqis tal-konċentrazzjoni relatat);
- (d) evoluzzjoni ulterjuri proġettata tal-kwalità tal-arja, kemm fir-rigward tal-emissjonijiet kif ukoll tal-konċentrazzjoni, jekk wieħed jassumi li ma jkun hemm l-ebda bidla fil-miżuri digħà adottati (“xenarju bażi”), li tkopri s-snin kollha sad-data ta’ ksib ta’ konformità;
- (e) stima tal-effetti fuq is-saħħha relatati mal-esponenti tal-popolazzjoni għat-tniġġis tal-arja fix-xenarju bażi;
- (f) deskrizzjoni tal-metodu ta’ analiżi għall-projezzjoni, u l-inċertezzi assoċċjati f’konformità mal-metodoloġija msemmija fil-Punt Ba.

Emenda 261

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 5 – parti introduttorja

5. Impatt mistenni tal-miżuri biex tintlaħaq il-konformità fi żmien 3 snin wara l-adozzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja

5. Impatt mistenni tal-miżuri biex tintlaħaq il-konformità **mill-iktar fiss-possibbli u, l-aktar tard**, fi żmien 3 snin wara t-tmiem tas-sena kalendarja li fiha ġiet irregistratora l-ewwel qabża.

Emenda 262

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 5 – punt b

Test proposet mill-Kummissjoni

(b) **sena** stmata tal-konformità għal kull sustanza li tniġġes fl-arja koperta mill-pjan dwar il-kwalitā tal-arja filwaqt li jitqiesu l-miżuri msemmija fil-punt 6.

Emenda

(b) **trajettorja indikattiva lejn il-konformità u s-sena** stmata tal-konformità għal kull sustanza li tniġġes fl-arja koperta mill-pjan **direzzjonali dwar il-kwalitā tal-arja jew il-pjan** dwar il-kwalitā tal-arja filwaqt li jitqiesu l-miżuri msemmija fil-punt 6.

Emenda 263

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 5 – punt ba (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **għall-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalitā tal-arja skont l-Artikolu 19 (-1) u l-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja skont l-Artikolu 19(1), bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, raġunijiet dettaljati biex jiġi spjegat kif il-pjan jistabbilixxi l-miżuri msemmija fil-punt 4a ta' dan il-Punt, inklużi dawn li ġejjin:**

(i) **meta d-data tal-bidu tal-implimentazzjoni ta' miżura tkun aktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-adozzjoni tal-pjan dwar il-kwalitā tal-arja jew tal-pjan direzzjonali dwar il-kwalitā tal-arja, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma tkunx possibbli data tal-bidu aktar bikrija;**

(ii) **meta l-analiżi skont il-punt 4a tkun identifikat miżuri li jkollhom impatti akbar fuq it-titjib tal-kwalitā tal-arja, iżda ma jkunux intgħaż lu għall-adozzjoni, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-adozzjoni ta' tali miżuri ma titqiesx fattibbli.**

Emenda 264

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 6 – punt -a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-a). rieżami tal-miżuri effettivi kollha
possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis li jistgħu
jiġu adottati fil-livell nazzjonali, reġjonali
jew lokali u l-effett stmat tagħhom fit-
tnaqqis tat-tniġġis tal-arja ta' kull
emissjoni ta' sustanza li tniġġes fl-arja,
inklużi tal-inqas il-miżuri elenkti fil-
Punt B;*

Emenda 265

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha stabiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom;

(a) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha stabiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja *jew fil-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja u ġustifikazzjoni għal-dawk il-miżuri f'termini tas-sors tal-qbiż, tal-effettivitā tagħhom, tal-effiċjenza tagħhom u tad-disponibbiltà tagħhom fil-ħin*, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom;

Emenda 266

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (f'tunnellati metriċi/sena) ta' kull miżura skont il-punt (a);

(b) il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (f'tunnellati metriċi/sena), *skont is-sors u, meta possibbli, skont l-entitajiet spċifici, ta' kull miżura, kemm individwali kif ukoll ikkombinata*, skont il-punt (a);

Emenda 267

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 6 – punt c

Test proposet mill-Kummissjoni

(c) l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull miżura u ***l-atturi responsabili***;

Emenda

(c) l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull miżura u ***l-identifikazzjoni, meta possibbli, tal-entitajiet speċifċi li għandhom obbligi li jirriżultaw mill-miżuri stabbiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja jew fil-pjan direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja, u deskrizzjoni ta' dawk l-obbligi u tal-impatti ekonomiċi u soċjali tagħhom***;

Emenda 268

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 6 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

(d) stima tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni bħala konsegwenza ta' kull miżura tal-kwalità tal-arja, ***fir-rigward tal-qbiż ikkonċernat***;

Emenda

(d) stima tat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni ***fir-rigward tal-qbiż ikkonċernat***, bħala konsegwenza ta' kull miżura tal-kwalità tal-arja, ***kemm individwali kif ukoll ikkombinata, taħt il-punt (a)***;

Emenda 269

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 7 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

(d) l-elenkar u ***d-deskrizzjoni*** tal-miżuri addizzjonali kollha, li jiżvolġu l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambientali fi 3 snin jew aktar.

Emenda

(d) l-elenkar, ***id-deskrizzjoni, il-ġustifikazzjoni u l-impatt soċjoeconomiku*** tal-miżuri addizzjonali kollha, li jiżvolġu l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambientali fi 3 snin jew aktar.

Emenda 270

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima A – punt 7a (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Anness 2a Sommarju tal-informazzjoni pubblika u l-miżuri ta' konsultazzjoni meħuda skont l-

Artikolu 19(6), ir-riżultati tagħhom u spjegazzjoni ta' kif dawn ir-riżultati tqiesu fil-pjan finali dwar il-kwalità tal-arja jew fil-pjan direzzjonali finali dwar il-kwalità tal-arja.

Emenda 271

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Informazzjoni dwar il-miżuri kollha* għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li kienu kunsidrati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali għall-implementazzjoni f'konnessjoni mal-kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja, inkluż:

Emenda

2. *Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jew il-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw mill-inqas il-miżuri li ġejjin għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali għall-implementazzjoni f'konnessjoni mal-kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja, inkluż:*

Emenda 272

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi, b'mod konformi mal-manwal dwar l-akkwist pubbliku favur l-ambjent, ta' vetturi tat-triq, karburanti u tagħmir tal-kombustjoni b'emissjonijiet zero biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

Emenda

(c) akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi, f'konformità mal-manwal dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, ta' fjuwils, tagħmir tal-kombustjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u vetturi b'emissjonijiet zero kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

Emenda 273

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) it-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tal-użu ta' vetturi tat-trasport kollettiv u pubbliku b'emissjonijiet żero u baxxi u/jew vetturi mgħammra b'soluzzjonijiet diġitali moderni li jaffettaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet;

Emenda 274

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt cb (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) miżuri biex jittejbu l-kwalità, l-effiċjenza, l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u l-konnettività tat-trasport kollettiv u pubbliku;

Emenda 275

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt cc (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) miżuri relatati mal-użu u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils alternativi;

Emenda 276

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(d) miżuri biex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar u l-ġestjoni tat-traffiku (inkluż **tariffi marbuta mal-konġestjoni**, ħlasijiet differenti għall-ipparkjar jew incenċivi ekonomiċi oħra; l-istabbiliment ta' skemi ta' restrizzjonijiet tal-aċċess għall-vetturi **urbani**, inklużi żoni b'emissjonijiet baxxi);*

*(d) miżuri biex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar **urban** u l-ġestjoni tat-traffiku inkluż **mill-inqas**:*

- (i) tariffi marbuta mal-konġestjoni, *bħall-pedaġġ tat-triq u tariffi tal-utenti bbażati fuq il-kilometraġġ;*
- (ii) *għażla tal-materjali tat-triq;*
- (iii) ħlasijiet għall-ipparkjar *fuq art pubblika* jew incenċivi ekonomiċi oħra u *b'tariffi differenti għal vetturi li jniġġsu u dawk b'emmisionijiet zero;*
- (iv) l-istabbiliment ta' skemi ta' restrizzjonijiet tal-aċċess *għal żoni urbani* għall-vetturi, *inklużi żoni b'emmisionijiet baxxi f'konformità mal-istandard Euro l-aktar reċenti, u żoni b'emmisionijiet zero;*
- (v) *l-istabbiliment ta' viċinati b'ammont baxx ta' traffiku, superblokki u viċinati mingħajr karozzi;*
- (vi) *l-istabbiliment ta' toroq bla karozzi;*
- (vii) *l-introduzzjoni ta' limiti tal-veloċità baxxi;*
- (viii) *arrangġamenti ta' konsenza b'emmisionijiet (tal-egżost) zero “tal-aħħar mil”;*
- (ix) *il-promozzjoni tal-ċar-sharing u l-ċar-pooling;*
- (x) *l-implementazzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti u soluzzjonijiet diġitali relatati mat-tnejjix tal-emmisionijiet;*
- (xi) *il-ħolqien ta' ċentri multimodali li jgħaqqu diversi soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli u faċilitajiet ta' parkeġġ;*

Emenda 277

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) miżuri li jinkoraġġixxu bidla lejn forom ta' trasport li jniġġsu inqas;

Emenda

- (e) miżuri li jinkoraġġixxu bidla *modali* lejn *mobilità attiva u* forom ta' trasport li jniġġsu inqas (*eż. il-mixi, iċ-ċikliżmu, it-transport pubbliku jew bil-ferrovija, inkluż mill-inqas:*

- (i) *l-elettrifikazzjoni tat-transport pubbliku, it-tishħiħ tan-network tat-transport*

pubbliku, it-tnaqqis tal-ispejjeż tat-trasport pubbliku għaċ-ċittadini, u s-simplifikazzjoni tal-aċċess u l-użu, pereżempju permezz ta' prenotazzjoni diġitali u interkonnessa u informazzjoni dwar it-tranżitu f'ħin reali;

(ii) l-iżgurar ta' intermodalità bla xkiel għall-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura bejn żoni rurali u urbani, pereżempju bejn il-ferroviji u ċ-ċikliżmu, u bejn il-karozzi u t-trasport pubbliku (skemi ta' park and ride);

(iii) incēntivi għaċ-ċikliżmu u l-mixi, pereżempju billi jitwessa' l-ispazju għaċ-ċiklisti u għall-persuni bil-mixi, tingħata prioritā liċ-ċikliżmu u l-mixi fl-ippjanar tal-infrastruttura, jitwessa' n-network ta' rotot għaċ-ċikliżmu, u d-direzzjonar mill-ġdid tal-incēntivi fiskali u ekonomiċi lejn mobbiltà attiva u kondiviża, inklużi incēntivi għaċ-ċikliżmu u l-mixi lejn ix-xogħol;

(iv) l-ippjanar għal bliest kompatti;

(v) skemi ta' skrappjar għall-vetturi li jniġġsu l-aktar;

Emenda 278

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) *miżuri biex jiġi żgurat li l-fjuwils b'emissjonijiet baxxi jingħataw preferenza f'sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;*

Emenda

(g) *il-ħtieġa tal-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli biex jiġu eliminati jew, meta ma jkunx possibbli li jiġu eliminati, jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet minn sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;*

Emenda 279

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt ħa (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) miżuri biex jitnaqgas it-tniġġis tal-arja fil-hotspots tat-tniġġis tal-arja, inkluż fil-portijiet u fil-bliet portwarji, u li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għall-vapuri u d-dgħajjes īrmigġati u għat-traffiku fil-portijiet, filwaqt li jħaffu l-fornitura tal-enerġija fuq l-art u l-elettrifikazzjoni tal-bastimenti u tal-makkinarju tax-xogħol fil-portijiet;

Emenda 280

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt hb (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(hb) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, marittimu u bl-ajru permezz tal-użu ta' fjuwils alternattivi u l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, kif ukoll l-użu ta' incenċivi ekonomiċi biex jiġi aċċelerat l-adozzjoni tagħhom;

Emenda 281

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt hc (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(hc) miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-agrikoltura u l-forestrija;

Emenda 282

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt i

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(i) miżuri li jipproteġu s-saħħa tat-tfal jew ta' gruppi tal-popolazzjoni **sensittivi oħra.***

*(i) miżuri li jipproteġu s-saħħa tat-tfal jew ta' gruppi **oħra vulnerabbi u** tal-popolazzjoni **sensittiva;***

Emenda 283

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima B – punt 2 – punt ia (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ia) miziuri mill-awtoritajiet tas-saħħa
biex jinkoragħgixxu bidliet fl-imġiba.*

Emenda 284

Proposta għal direttiva

Anness VIII – Taqsima Ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ba. Gwida u rekwiżiti minimi għall-analiżi tal-impatt proġettat tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jew tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja u tal-miziuri għat-tnaqqis tat-tniġġis

1. L-Istati Membri għandhom jibbażaw fuq metodi oġġettivi u xjentifiċi biex jivvalutaw l-impatt progettatt tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, tal-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja u l-miziuri għat-tnaqqis tat-tniġġis. Meta jiddependu fuq l-impatti proġettati tal-miziuri għat-tnaqqis tat-tniġġis sabiex tintlaħaq il-konformità mal-objettivi tal-kwalità tal-arja, dawk l-projezzjonijiet għandhom jinkludu livell baxx ta' inċertezza.

2. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jew il-pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja għandu jkun fihom biżżejjed informazzjoni f'dettall suffiċjenti sabiex jiġiustifikaw il-valutazzjoni tal-impatt, inkluż:

- (a) deskrizzjoni tal-metodu użat għat-tbassir tal-evoluzzjoni tal-kwalità tal-arja;*
- (b) spjegazzjoni ta' jekk il-projezzjonijiet humiex ibbażati fuq data oġġettiva jew fuq suppożizzjonijiet; meta jiddependu fuq suppożizzjonijiet, analiżi tas-sensittività biex tispjega l-aħjar xenarju possibbli, l-aktar xenarji probabbli u l-agħar xenarji possibbli;*

- (c) dokumenti ta' sfond u informazzjoni użati għall-valutazzjoni;
- (d) valutazzjoni tal-impatt individwali ta' kull miżura għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet relatat u s-suppożizzjonijiet rilevanti;
- (e) valutazzjoni tal-impatt ikkombinat tal-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja inklużi fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja jew fil-pjan direzzjonalı dwar il-kwalità tal-arja dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet relatat u s-suppożizzjonijiet rilevanti.

3. *Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tħinkludi l-marġni ta' inċertezza tal-projezzjonijiet, u l-marġni ta' kunfidenza fuq fatturi, bħall-emissjonijiet f'sewqan reali ta' vetturi jew fużu reali ta' stuji, jew l-inċertezza dwar l-impatt ta' miżuri volontarji li għandhom l-għan li jwasslu għal bidliet fl-imġiba.*

4. *F'konformità mal-obbligu li tinkiseb konformità fl-iqsar żmien possibbli, meta jiġu mmudellati xenarji futuri, kull meta l-projezzjonijiet jestendu lil hinn minn tliet snin, ir-riżultati għandhom jintwerew għal kull sena tal-perjodu pproġettat.*

5. *Għandhom jiġu inklużi xenarji ta' sensittivit, li jiddeskrivu l-intervalli ta' kunfidenza l-aktar għolja u baxxi fid-dawl tal-varjazzjonijiet possibbli fis-suppożizzjonijiet differenti u d-deskrizzjoni l-aħjar u l-agħar xenarju possibbli flimkien ma' dak l-aktar probabbli.*

Emenda 285
Proposta għal direttiva
Anness IIIa (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNESS VIIIa
MIŻURI TA' EMERġENZA LI
GĦANDHOM JITQIESU GĦALL-

**INKLUŻJONI FIL-PJANIJIET TA'
AZZJONI FUQ PERJODU TA' ŻMIEN
QASIR MEĦTIEĠA SKONT L-
ARTIKOLU 20**

1. *Miżuri li għandhom jittieħdu fuq terminu qasir immirati biex jindirizzaw issorsi li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rilevanti:*

- (a) *ir-restrizzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi;*
- (b) *trasport pubbliku bi prezz baxx jew bla ħlas;*
- (c) *l-implementazzjoni ta' limiti ta' emissjonijiet aktar stretti;*
- (d) *is-sospensjoni ta' operazzjonijiet f'xogħlijet ta' kostruzzjoni;*
- (e) *it-tindif tat-toroq;*
- (f) *arranġamenti ta' xogħol flessibbli;*
- (g) *l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tas-sewqan madwar postijiet iffrekwentati mill-popolazzjoni sensittiva u minn gruppi vulnerabbi.*

3. *Miżuri proattivi li għandhom jittieħdu biex tiġi pprovduta informazzjoni speċifika dwar it-tnejx tal-arja, is-saħħa u l-protezzjoni tas-saħħa, kemm lill-pubbliku ġenerali kif ukoll lill-popolazzjoni sensittiva u lill-gruppi vulnerabbi, permezz ta' kanali tal-kommunikazzjoni online u offline aċċessibbli b'mod faċili, hekk kif jiġi proġettata il-qbiż tal-livelli limitu ta' informazzjoni u ta' allert u tal-valuri ta' limitu u tal-valuri fil-mira.*

**Emenda 286
Proposta għal direttiva
Anness IX – punt 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) konċentrazzjonijiet imkejla tas-sustanzi niġġiesa kollha **ppreżentati** skont il-perjodi xierqa kif stabbilit fl-Anness I;

Emenda

(b) konċentrazzjonijiet imkejla tas-sustanzi niġġiesa kollha **u kif jitqabblu mal-konċentrazzjonijiet massimi rakkomandati mid-WHO l-aktar reċenti,**

ippreżentati skont il-perjodi xierqa kif stabilit fl-Anness I;

Emenda 287

Proposta għal direttiva

Anness IX – punt 1 – punt c – parti introduttorja

Test propos mill-Kummissjoni

(c) l-informazzjoni dwar il-qabża/iet osservata/i ta' kwalunkwe valur ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, u l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponentiment medju, inkluż mill-inqas:

Emenda

(c) l-informazzjoni dwar il-qabża/iet osservata/i ta' kwalunkwe valur ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, ***il-livell limitu ta' informazzjoni, il-livell limitu ta' alert,*** u l-obbligu tat-tnaqqis tal-esponentiment medju, inkluż mill-inqas:

Emenda 288

Proposta għal direttiva

Anness IX – punt 1 – punt d – punt i

Test propos mill-Kummissjoni

(i) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha fil-popolazzjoni ġenerali,

Emenda

(i) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha, ***u speċifikament ta' kull sustanza niġġiesa mkejla fl-ambitu ta' din id-Direttiva,*** fil-popolazzjoni ġenerali,

Emenda 289

Proposta għal direttiva

Anness IX – punt 1 – punt d – punt ii

Test propos mill-Kummissjoni

(ii) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha fil-gruppi vulnerabbli,

Emenda

(ii) l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha, ***u speċifikament ta' kull sustanza niġġiesa mkejla fl-ambitu ta' din id-Direttiva,*** fil-gruppi vulnerabbli,

Emenda 290

Proposta għal direttiva

Anness IX – punt 1 – punt d – punt iv

Test propos mill-Kummissjoni

(iv) prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu,

Emenda

(iv) prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu, ***maqsuma fi prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-popolazzjoni ġenerali u mill-gruppi tal-popolazzjoni sensittiva u vulnerabbli, u***

*azzjonijiet biex jittaffew s-sintomi ladarba
jkun seħħ l-esponiment,*

Emenda 291
Proposta għal direttiva
Anness IX – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) informazzjoni dwar ***azzjoni preventiva*** biex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-esponiment għaliex: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkmandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

Emenda

(d) informazzjoni dwar ***miżuri fuq terminu qasir u azzjonijiet preventivi*** biex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-esponiment għaliex: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkmandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ***u l-limitazzjonijiet fuq l-esponiment;***

NOTA SPJEGATTIVA

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), it-tniġġis tal-arja huwa l-akbar theddida ambjentali għas-sahħha tal-bniedem¹, u jikkawża madwar 300 000 mewta prematura fis-sena fl-UE waħedha. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) identifikat li l-aktar sustanzi niġgħiesa li jagħmlu ħsara lis-sahħha tal-bniedem fl-Ewropa huma l-materja partikolata (PM), id-diġġis tan-nitroġenu (NO₂) u l-ożonu troposferiku (O₃). Il-materja partikolata fina (PM_{2.5}) waħedha kienet responsabbli għal 238 000 mewta prematura fl-UE-27 fl-2020.

L-evidenza xjentifika turi li ma hemm l-ebda livell limitu sikur għall-esponenti għas-sustanzi niġgħiesa. Dawn is-sustanzi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq saħħitna, li jwassal għal mard ta' indeboliment u jikkawża kundizzjonijiet bħal ażma, mard kardjovaskulari, mard pulmonari ostruttiv kroniku, pulmonite, puplesija, dijabete, kanċer tal-pulmun u demenzja. Għalkemm kulħadd huwa affettwat mit-tniġġis tal-arja, ċerti gruppi huma partikolarmen sensittivi u vulnerabbi u aktar probabbli li jesperjenzaw effetti negattivi fuq is-sahħha, inklużi dawk b'kundizzjonijiet sottostanti ta' saħħha speċifiċi, in-nisa tqal, it-trabi tat-twelid, it-tfal, l-anzjani, il-persuni li jgħixu b'diżabbiltà jew il-persuni li jgħixu fil-faqar.

It-tniġġis tal-arja għandu wkoll impatt sinifikanti fuq l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi. Ix-xita aċiduża, li tirriżulta mill-emissjonijiet tal-SO₂ u l-NO_x, tista' tikkawża aċidifikazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, li tista' taffettwa b'mod negattiv it-tkabbir tal-pjanti u l-organiżmi akkwatiċi. Livelli għoljin ta' O₃ jistgħu jagħmlu ħsara lill-għeleggħi agrikoli, lill-foresti u lill-pjanti billi jnaqqsu r-rati ta' tkabbir, inaqqsu r-rendiment, u jaffettwaw il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema. It-tniġġis jiista' jwassal ukoll għall-ewtrofikazzjoni, fejn nutrijenti żejda, bħan-nitroġenu u l-fosforu, fl-arja jew fl-ilma, jwasslu għal tkabbir eċċessiv tal-alka u jnaqqsu disponibbiltà tal-ossigħenu.

Is-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu minn firxa wiesgħa ta' sorsi, minn oriġini antropoġenika, naturali jew imħallta. L-emissjonijiet mill-attivitàjet tal-bniedem huma s-sorsi primarji tat-tniġġis tal-arja fl-Ewropa, u huma ggħġġerati minn varjetà ta' setturi fl-ekonomija kollha: Il-PM tiġi emessa principally mit-tisħin, l-industria u t-trasport; l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u l-NO₂ huma emessi mit-trasport u l-produzzjoni tal-enerġija; il-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit (SO_x) jiġi mill-produzzjoni tal-enerġija u mit-trasport mhux bit-triq; kważi l-emissjonijiet kollha tal-ammonijaka (NH₃) jiġi mill-agrikoltura. Is-settur tat-trasport huwa wieħed mill-kontributuri ewlenin għat-tniġġis tal-arja, b'mod partikolari fiż-żoni urbani.

Għalkemm hemm xejra 'l-isfel fl-emissjonijiet tas-sustanzi niġgħiesa ewlenin kollha fl-UE-27, bl-eċċeżżjoni tal-NH₃, it-tniġġis tal-arja għadu piż sinifikanti u l-biċċa l-kbira tal-bliet Ewropej jaqbżu l-limiti rakkommandati mid-WHO għas-sahħha tal-bniedem. Skont l-EEA, fl-2020, 96 % tal-popolazzjoni urbana tal-UE kienet esposta għall-konċentrazzjoni tal-PM_{2.5} oħla mil-linji gwida tad-WHO, 95 % għall-O₃ u 89 % għall-NO₂².

¹ Il-linji gwida globali tad-WHO dwar il-kwalità tal-arja, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahħha, 2021

² L-istatus tal-kwalità tal-arja tal-Ewropa 2022, EEA, 2022

2. IL-KWALITÀ TAL-ARJA U L-POLITIKI TAL-UE

L-UE għandha storja twila ta' implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja. Bl-ewwel direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-1980, l-UE kompliet tintroduċi leġiżlazzjoni ġidha u aktar stretta matul is-snин.

Il-qafas ta' politika attwali tal-UE dwar il-kwalità tal-arja huwa bbażat fuq tliet pilastri ewlenin. L-ewwel wieħed jikkonsisti mid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent³, li jistabbilixxu standards tal-kwalità tal-arja u jiddefinixxu metodi komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tagħha. It-tieni wieħed jinkludi d-Direttiva dwar it-tnejn tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva NEC)⁴, li tistabbilixxi miri vinkolanti għat-tnejn tal-emissjonijiet għall-Istati Membri dwar sustanzi niġgħiesa ewlenin u l-prekursuri tagħhom. Il-gruppi tat-tielet pilastru jinkludu diversi atti leġiżlattivi tal-UE li jirregolaw it-tnejn tal-arja minn sorsi spċifici f'setturi bħalma huma dawk tat-trasport bit-triq, l-industrija u t-tisħin domestiku⁵.

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero ġie ppreżentat fl-2021, li jinkludi sensiela ta' miżuri biex jitnaqqas it-tnejn tal-arja, inkluż fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija. Il-pjan għandu l-għan li jistabbilixxi limiti aktar stretti fuq it-tnejn, jipromwovi teknoloġiji aktar nodfa, u joħloq qafas biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tnejn b'mod aktar koordinat u integrat. Jiffoka wkoll fuq it-tnejn tal-esponenti għas-sustanzi niġgħiesa u l-impatt tiegħi fuq l-ekosistemi, filwaqt li jistabbilixxi miri għall-2030, bħal li jnaqqas b'aktar minn 55 % l-impatti tat-tnejn tal-arja fuq is-sahħha (imwiet prematuri) u li jnaqqas b'25 % l-ekosistemi tal-UE fejn it-tnejn tal-arja jhedded il-bijodiversità.

Ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent hija waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni lejn Tniġġis Żero.

3. REVIŻJONI TAD-DIRETTIVI DWAR IL-KWALITÀ TAL-ARJA FL-AMBENT

Id-Direttivi attwali dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent huma bbażati fuq standards tal-kwalità tal-arja li jmorru lura għal bejn 15 u 20 sena ilu. Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta f'waqtha tal-Kummissjoni Ewropea (KE) biex tirrevedi d-Direttivi dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent, li tirrappreżenta titjib sostanzjali minn dawk attwali, li tkopri wħud mis-sejbiet mill-Kontroll tal-Idoneità tad-Direttivi dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent⁶ tagħhom u tinkludi wkoll uħud mit-talbiet li saru mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni dwar l-implementazzjoni tad-Direttivi dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent⁷.

³ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa u d-Direttiva 2004/107/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnejn tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE.

⁵ Inklużi d-Direttivi 2010/75/UE (dwar l-emissjonijiet industrijal), 2015/2193/UE (dwar l-impjanti tal-kombustjoni medji), 98/70/KE (dwar il-kwalità tal-karburanti), 2016/802/UE (dwar il-kontenut tal-kubrit f'karburanti likwid), 2009/125/KE (dwar l-ekodisinn), kif ukoll ir-Regolamenti tal-KE 443/2009 u 510/2011 (dwar l-istandardi tal-emissjonijiet għall-vetturi), ir-Regolamenti (UE) 2016/427, (UE) 2016/646, u (UE) 2017/1154 (dwar l-emissjonijiet f'sewqan reali), u r-Regolament (UE) 2016/1628 (dwar makkinarju mobblī mhux tat-triq).

⁶ Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, il-Kummissjoni Ewropea, 2019

⁷ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-implementazzjoni tad-Direttivi dwar il-

Ir-Rapporteur iqis li l-proposta tal-KE għandha xi aspetti pożittivi, bħall-fużjoni taż-żewġ Direttivi f'waħda biex jiġu ċċarati u ssimplifikati r-regoli, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari tal-istandardi tal-kwalità tal-arja f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika, il-ħolqien ta' supersiti ta' monitoraġġ biex jiġu kkontrollati s-sustanzi niġgħiesa “emerġenti”, jew l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens.

Ir-reviżjoni attwali tad-Direttivi dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent tikkostitwixxi opportunità ta' darba f'ġenerazzjoni għas-saħħa pubblika u dik planetarja, u għalhekk ir-Rapporteur jissuġġerixxi bidliet f'xi oqsma ewlenin sabiex jiżdied il-livell ta' ambizzjoni u biex il-proposta tissaħħaħ.

3.1. Il-livell ta' ambizzjoni

Id-WHO ppubblikat il-linji gwida l-ġodda tagħha dwar il-kwalità tal-arja fl-2021⁸, wara rieżami sistematiku tal-aħħar evidenza xjentifika dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa. Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tal-KE, il-benefiċċċi netti tal-allinjament tal-valuri ta' limitu tal-UE mal-Linji Gwida attwali dwar il-Kwalità tal-Arja tad-WHO jammontaw għal aktar minn EUR 38 biljun u l-kostijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti stmati huma ta' EUR 7 biljun fl-2030. It-tniġġis tal-arja huwa fost l-aktar kawżi importanti tal-kancér, b'mod partikolari l-kancér tal-pulmun. Standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa sabiex Jingħeleb il-Kancér⁹, ippubblikat f'Diċembru 2021.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Rapporteur jipproponi allinjament shiħiħ tal-valuri ta' limitu tal-UE mal-Linji Gwida tal-2021 tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sal-2030. It-test huwa msaħħa ukoll bl-inklużjoni ta' referenzi espliċiti għar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli u d-dritt individwali għal arja nadifa u tajba għas-saħħa bħala implementazzjoni diretta tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Għalkemm il-mekkaniżmu l-ġdid ta' “rieżami regolari” introdott fl-Artikolu 3 tal-proposta huwa titjib, ir-Rapporteur jemmen li huwa importanti li jiġi ċċarat li kwalunkwe proposta ulterjuri għandha tikkonforma mal-“prinċipju ta' nonrigressjoni” biex jiġi evitat pass lura fil-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fil-futur.

Peress li l-popolazzjonijiet sensittivi u l-gruppi vulnerabbli jġorru piż sproporzjonat, ir-Rapporteur iqis li huwa importanti li dawn jiġu protetti aħjar mill-impatt tat-tniġġis tal-arja. Għal dik ir-raġuni, il-livelli limitu ta' informazzjoni żiddu għall-SO₂, l-NO_x u l-PM. Il-pubbliku għandu jiġi informat dwar livelli ta' tniġġis fl-arja li jistgħu jaffettwawh, sabiex ikun jista' jieħu miżuri biex jipproteġi lilu nnifsu, qabel ma jintlaħqu l-livelli limitu ta' allert li jirrikjedu lill-awtoritajiet pubbliċi jieħdu passi urgħenti.

3.2. Valutazzjoni tat-tniġġis tal-arja

Kwalità tal-arja fqira hija fattur li jikkontribwixxi għal inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa, u b'hekk thedded l-ekwità fi ħdan l-Istati Membri u minn wieħed għal ieħor. Sabiex tiġi żgurata

Kwalità tal-Arja Ambjentali: id-Direttiva 2004/107/KE u d-Direttiva 2008/50/KE.

⁸ WHO 2021

⁹ Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kancér, il-Kummissjoni Ewropea, 2021

protezzjoni uguali għal kulħadd, huwa importanti li l-kwalità tal-arja titkejjel f'postijiet xierqa u mis-sorsi kollha ta' emissionijiet. Il-proposta tal-KE tippermetti li jiġi vvalutat l-indikatur tal-esponent medju (AEI) fuq għadd żgħir ħafna ta' punti ta' kampjunar ibbażati fuq postijiet bi sfond urban, li jirriżulta fi stima tal-esponent li ma tirriflettix l-esponent reali tal-abitanti. Għal dik ir-raġuni, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jittejbu u jiġu ċċarati d-definizzjonijiet tas-siti ta' monitoraġġ, f'konformità mal-gharfiex xjentifiku, inklużi definizzjonijiet ġodda għal “post tat-traffiku”, “post industrijal” u “post residenzjali” u li tintalab il-valutazzjoni tal-AEI mill-punti kollha ta' kampjunar.

Ir-Rapporteur jipproponi wkoll li tīgħi stabbilita żona ġeografika iż-ġħar għall-valutazzjoni tal-AEI u l-obbligu ta' tnaqqis medju tal-esponent. Il-livell NUTS 1 propost bħalissa huwa kbir wisq biex jiġi identifikati d-disparitajiet rilevanti fl-esponent. L-istabbiliment ta' valutazzjoni fil-livell NUTS 2 minflok fil-livell NUTS 1 inaqqsas il-possibbiltà li partijiet sinifikanti tal-popolazzjoni jkunu għadhom esposti għal livelli qrib il-valor ta' limitu anki meta jintlaħqu l-objettivi tat-tnaqqis tal-esponent. Żoni NUTS 2 jikkorrispondu għal żoni amministrattivi fl-Istati Membri, li jiffaċilitaw il-konformità mal-obbligu għal tnaqqis tal-esponent medju.

3.3. Pjanijiet dwar il-Kwalità tal-Arja u infurzar

Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja huma l-pedament tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent, peress li huma kruċjali għall-konformità u l-infurzar. Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja huma meħtieġa li jiġi żviluppati u aġġornati biex itejbu l-kwalità tal-arja f'dawk iż-żoni fejn ikun hemm qbizi. Il-proposta attwali tintroduċi wkoll ir-rekwiżit li l-Istati Membri jħejju pjan dwar il-kwalità tal-arja qabel l-2030, li jistabbilixxi miżuri u politiki biex jikkonformaw mal-istandardi il-ġodda tal-kwalità tal-arja.

Ir-Rapporteur jemmen li huwa meħtieġ li tīgħi ċċarata d-distinzjoni bejn il-pjanijiet li jeħtieġ li jiġi adottati qabel jew wara l-iskadenza ta' ksib ta' konformità, u din hija r-raġuni għaliex ġiet proposta definizzjoni ta' “Pjan Preparatorju dwar il-Kwalità tal-Arja”. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi wkoll li tīgħi introdotta data ta' traspożizzjoni aktar bikrija għad-dan il-ġodda tal-kwalità tal-arja. Din il-bidla tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu użu aktar razzjonali tar-riżorsi tagħhom u jibdew jimplimentaw il-politiki minn ħafna qabel biex jiksbu konformità mal-istandardi il-ġodda tal-kwalità tal-arja sa mhux aktar tard mill-2030.

Ir-Rapporteur jemmen li huwa meħtieġ li jiġi introdotti bidliet fl-Artikolu 19 u l-Anness VIII dwar l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-Arja, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw u jivvalutaw l-impatt potenzjali tal-miżuri rilevanti kollha għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u mhux biss ftit politiki li digħi ġew magħżula minn qabel mingħajr evidenza xjentifika. L-lemendi proposti jkunu jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw il-miżuri effettivi kollha għat-tnaqqis tat-tniġġis, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.4. Informazzjoni pubblika

Kif irrappurtat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri¹⁰, l-informazzjoni pubblika dwar il-kwalità tal-arja fl-UE hija skarsa, mhux ċara u diffiċli biex tinstab. Hemm differenzi konsiderevoli fit-

¹⁰ It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tīgħi protetta biżżejjed, Rapport Speċjali Nru 23/2018, Qorti Ewropea tal-Awdituri, 2018

tfassil tal-indiċijiet tal-kwalità tal-arja madwar l-Ewropa, li jwasslu għal valutazzjonijiet diverġenti għall-istess livelli tal-kwalità tal-arja, u għalhekk għal kredibbiltà mnaqqsa. F'dan id-dawl, ir-Rapporteur jemmen li huwa meħtieġ li jiġi introdott rekwiżit fid-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent biex tiġi ggarantita l-armonizzazzjoni tal-indiċijiet tal-kwalità tal-arja fl-Istati Membri kollha.

**ANNESS: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà eskużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| Air Pollution & Climate Secretariat (AirClim) |
| All Policies for a Healthy Europe Coalition |
| Association Internationale de la Mutualité (AIM) |
| Il-Federazzjoni Belġjana tal-Fondi tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Indipendenti (MLOZ) |
| Clean Air Fund |
| ClientEarth |
| Ecologistas en Acción |
| Eurocities |
| European Cancer Patient Coalition |
| Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent |
| Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) |
| L-Uffiċċju Ewropew għall-Ambjent |
| Il-Federazzjoni Ewropea għat-Trasport u l-Ambjent (T&E); |
| Il-Federazzjoni Ewropea tal-Assoċjazzjonijiet tal-Pazjenti bl-Allerġiji u bil-Mard tan-Nifs (EFA) |
| L-Alleanza Ewropea għas-Saħħa Pubblika (EPHA) |
| Is-Soċjetà Ewropea dwar ir-Respirazzjoni (ERS) |
| Exodraft |
| Generalitat de Catalunya |
| L-Alleanza għas-Saħħa u l-Ambjent (HEAL) |
| Is-Soċjetà Internazzjonali għall-Epidemjoloġija Ambjentali (ISSEE) |
| ISGlobal |
| Il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika ta' Spanja (MITECO) |
| Ir-Rappreżenza Permanent ta' Spanja għall-UE |
| Ir-Reġjun tal-Lombardia |
| Il-Kunitat Permanent tat-Tobba Ewropej (CPME) |
| Suez |
| L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) |

POŻIZZJONI TAL-MINORANZA

MEPs Gianna GANCIA, Rosanna CONTE, Gianantonio DA RE, Elisabetta DE BLASIS, Pietro FIOCCHI, Danilo Oscar LANCINI, Matteo ADINOLFI, Fulvio MARTUSCIELLO, Aldo PATRICIELLO, Francesca PEPPUCCI, Maria Veronica ROSSI, Massimiliano SALINI, Silvia SARDONE, Annalisa TARDINO.

Opinjoni tal-minoranza skont l-Artikolu 55.4 tar-Regoli ta' Proċedura

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)

Filwaqt li nikkondividu bis-sħiħ l-ambizzjoni li tittejjeb il-kwalità tal-arja, huwa ta' importanza kbira li t-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jsegwi approċċ realistiku u prammatiku.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt bi żbalji strutturali li jaffettaw il-fattibbiltà tal-kisba tal-limiti proposti, minħabba l-użu ta' mudelli ta' simulazzjoni li jissottovalutaw il-valuri reali pprovduti mill-punti ta' kampjunar fl-2020. Għalhekk, it-naqqis tal-valuri proposti mir-Rapporteur ma jkunx jista' jinkiseb lanqas bl-applikazzjoni tal-aħjar teknoloġiji disponibbli u jkun jeħtieġ tnaqqis drastiku f'attivitajiet ekonomiċi ewlenin. Barra minn hekk, l-iskedi ta' żmien tad-direttiva jkunu aktar realistiċi billi d-data għall-ewwel rieżami tiġi posposta għal mill-inqas l-2030 kif ukoll id-data tad-dħul fis-seħħi tal-valuri l-ġoddha għall-2040.

Barra minn hekk, bosta elementi oħra jqajmu tħassib sinifikanti. B'mod partikolari, l-Artikolu 18 jikkonċerna ż-żamma tal-limitu għal darba biss għal ġumes fir-rigward tal-posponiment possibbli tal-iskadenza u, fl-Artikolu 28, l-introduzzjoni tal-preżunzjoni ta' dannu kkawżat mingħajr ebda rabta kawżali, billi l-oneru tal-prova tan-nuqqas ta' kawżalitā jiġi ttrasferit fuq l-awtorità pubblika kompetenti.

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

Is-Sur Pascal Canfin
President
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalitā tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) (COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

Sur President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont l-Artikolu 110 dwar ir-riformulazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jipprevedi dan li ġej:

"Jekk il-kumitat responsabbi għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbi għas-suġġett b'dan.

F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 180 u 181, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli fi ħdan il-kumitat responsabbi għas-suġġett biss jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet.

Madankollu, emendi ta' partijiet tal-proposta li ma nbidlux jistgħu jiġu aċċettati, fuq bażi eċċeżżjoni u fuq bażi ta' każ b'każ, mill-president tal-kumitat responsabbi għas-suġġett inkwistjoni, jekk iqis/tqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-koerenza interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta mill-qrib ma' emendi oħra li jkunu ammissibbli. Dawn ir-raġunijiet iridu jitniżżlu f'għustifikazzjoni bil-miktub tal-emendi."

B'segwitu għall-opinjoni hawn mehmuża tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li eżamina l-proposta għal riformulazzjoni, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li l-proposta inkwistjoni ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief dawk il-bidliet identifikati bħala tali u li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att ta' qabel b'dawk l-emendi sostanzjali, il-proposta fiha kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sostanza tagħha.

Fl-aħħar nett, waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali b'vot unanimu¹ ddeċieda li jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-

¹ Kienu preżenti għall-votazzjoni finali dawn li ġejjin: Adrián Vázquez Lázara (President), Sergey

Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, jipproċedi bil-proposta msemmija hawn fuq f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regoli ta' Proċedura.


Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

Mehmuż: L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv.

Lagodinsky (Viċi President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Raffaele Stanganelli (Viċi President), François Alfonsi (għal Marie Toussaint skont l-Artikolu 209(7)), Isabel Carvalhais (għal Maria Manuel Leitão Marques skont l-Artikolu 209(7)), Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Luděk Niedermayer (għal Jiří Pospíšil skont ir-Regola 209(7)), Emil Radev, René Repasi, Javier Zarzalejos.

ANNESS: OPINJONI GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI



**GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI**

Brussell, is-7 ta' Ġunju 2023

OPINJONI

GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-KUNSILL TAL-KUMMISSJONI

**Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja
ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)
COM(2022)0542 tas-26.10.2022 – 2022/0347(COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjoni tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, Itaqqa' fl-4 u t-12 ta' April 2023 biex jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt dawn il-laqqha², l-eżami tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twassal għar-riformulazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali u d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa wasslu biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv stabbilixxa, bi qbil komuni, dan li ġej.

1. Il-partijiet li ġejjin ġew immarkati b'tipa ta' kulur grīz li ġeneralment użata biex jiġu identifikati bidliet sostantivi:

- fil-premessa 9, is-sostituzzjoni tat-terminu “*metodi tekniċi ta' mudellar*” bit-terminu “*applikazzjonijiet ta' mmudellar*”;
- it-test sħiħ tal-premessa 29 tad-Direttiva 2008/50/KE;
- it-test sħiħ tal-premessa 25 tad-Direttiva 2008/50/KE;
- fl-Artikolu 4, il-punt 26, it-tħassir tal-kliem “*li ma għandux jinqabeż*”;
- fl-Artikolu 4(31), it-tħassir tal-kliem “*iffissat fuq il-bażi tal-konoxxenza xjentifika*”;
- fl-Artikolu 4(32), iż-żieda tal-kliem “*u gruppi vulnerabbli*”;
- fl-Artikolu 9(5), it-tħassir tal-kliem “*u n-numru ta' punti ta' kampjunar*”;
- fl-Artikolu 9(6), it-tħassir tal-kelma “*jew*”;

² Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, li hija l-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.

- fl-Artikolu 11(1), it-tħassir tal-kliem “*u l-kriterji*”;
 - fl-Artikolu 13(2), iż-żieda tal-kliem “*kif stipulat fit-Taqsima 2, il-Punt B, tal-Anness I*”;
 - fl-Artikolu 13(5), it-tħassir tal-kliem “*għall-PM2.5*”;
 - fl-Artikolu 13(6), it-tħassir tal-kliem “*għandhom japplikaw*”;
 - fl-Artikolu 18(l)(a), is-sostituzzjoni tar-referenza magħmula għall-“*Artikolu 23*” b’referenza għall-“*Artikolu 19(4)*” u ż-żieda tal-kliem “*u li jissodisfa r-rekwiżiti elenkti fl-*Artikolu 19(5) sa (7)**”;
 - fl-Artikolu 19(5), ir-raba’ subparagrafu, it-tħassir tal-kliem “*jew implementati*” u “*u jimplimentaw*” u ż-żieda tal-kliem “*jew standards tal-kwalità tal-arja*”;
 - fl-Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, iż-żieda tal-kliem “*għall-ożonu*”.
 - fl-Artikolu 23(2), il-kliem introdutorju, it-tħassir tal-kelma “*disa*”;
 - fl-Artikolu 23(3), it-tħassir tal-kliem “*fuq bażi provviżorja*”;
2. L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2008/50/KE kellu jkun preżenti fl-abbozz tat-test riformulat. It-tħassir propost ta’ dak il-paragrafu kellu jiġi identifikat bħala adattament formali.
3. L-Artikolu 17(2) u (3) tad-Direttiva 2008/50/KE kellu jkun preżenti fl-abbozz tat-test riformulat. It-tħassir propost ta’ dawk il-paragrafi kellu jiġi identifikat bħala emenda sostantiva.

Dan l-eżami tal-proposta b’hekk wassal biex il-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi ebda tibdil sostanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali. Il-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv ikkonkluda wkoll, f’dak li għandu x’jaqsam mal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att ta’ qabel b’dawk l-emendi sostantivi, li l-proposta fiha kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test legali eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħha.

F. DREXLER
Ġurikonsult

E. FINNEGAN
Ġurikonsult

D. CALLEJA CRESPO
Direttur Ġenerali

OPINJONI TAL-KUMITAT GħAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riforħulazzjoni) (COM2022 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Vera Tax

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Kulħadd għandu d-dritt jieħu nifs f'arja nadifa. It-tniġġis tal-arja huwa wieħed mill-aktar forom serji ta' tniġġis, li spiss jippersisti għal perjodi twal ta' żmien b'effetti devastingi fit-tul fuq is-saħħha tal-bniedem, l-ambjent u s-soċjetà kollha kemm hi.

It-tniġġis tal-arja għadu l-kawża ambjentali ewlenija ta' mwiet bikrija fl-Unjoni Ewropea. Kull sena, madwar 300 000 persuna jmutu qabel iż-żmien minħabba t-tniġġis tal-arja, u ħafna aktar ibatu minn għadd sinifikanti ta' mard li ma jitteħidx bħal ażma, problemi kardjavaskulari, mard pulmonari ostruttiv kroniku u kanċer tal-pulmun. Huma milquta b'mod partikolari n-nisa, it-tfal, l-anzjani, ir-residenti f'żoni mniġġsa ħafna u l-ħaddiemma esposti għal livelli għoljin ta' tniġġis fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u iktar u iktar fis-settur tat-trasport.

Bħala wieħed mis-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja, is-settut tat-trasport għandu rwol partikolarm importanti fl-isforzi tal-Unjoni biex ittejjeb il-kwalità tal-arja. Il-bidla lejn teknoloġiji, vetturi u fjuwils b'emissionijiet zero hija imperattiva biex jitnaqqsu l-emissionijiet ikkawżati mit-trasport u l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġgħiesa tal-arja, b'mod partikolari fiż-żoni urbani u fil-portijiet.

Il-bidla hija possibbli. Hemm bżonn ta' rieda politika, investimenti u politiki effiċċenti biex jitwettqu l-bidliet soċjetali u industrijali li huma meħtieġa biex jitnaqqas u jiġi eliminat b'mod tangħibbi t-tniġġis tal-arja.

Matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, l-Unjoni Ewropea rnexxielha tnaqqas il-konċentrazzjoni ta' sustanzi niġgħiesa tal-arja. It-tnaqqis kontinwu u mtejjeb tat-tniġġis tal-arja huwa ta' beneficiju kemm għall-bennesseri tal-bniedem kif ukoll għall-ambjent, u fil-livelli tas-soċjetà l-benefiċċi huma ferm akbar mill-ispejjeż involuti. Mis-sena 2000, l-emissionijiet niġgħiesa tal-arja fl-UE naqsu b'mod sinifikanti bis-saħħha tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali, filwaqt li l-PDG irreġistrat kiber b'madwar 30 fil-mija. Għalhekk, l-Unjoni ddidzakkoppjat b'suċċess it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u t-tkabbir ekonomiku.

Madankollu, filwaqt li l-miżuri meħuda rriżultaw fi tnaqqis ġenerali tal-emissionijiet, il-livelli eċċessivi ta' wħud mill-aktar sustanzi niġgħiesa li jagħmlu l-ħsara għadhom mifruxa u persistenti. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu riveduti u aġġornati l-istrumenti ewlenin tal-

politika tal-UE dwar il-kwalità tal-arja – id-direttivi dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent (AAQDs).

Il-kontroll tal-idoneità tal-AAQDs imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-2019 identifika sensiela ta' nuqqasijiet li jxecklu l-potenzjal sħiħ tad-direttivi li jattwaw ir-riżultati maħsuba. Għal dan l-ġħan, ir-reviżjoni attwali tfittex li tindirizza d-dgħufijiet ewlenin li ġejjin ta' dawn l-istumenti ta' politika;

- a) semplifikazzjoni leġiżlattiva permezz tat-twaħħid taż-żewġ direttivi;
- b) allinjament aktar mill-qrib tal-istandardi tal-kwalità tal-arja tal-UE mar-rakkomandazzjonijiet l-aktar reċenti tad-WHO
- c) titjib tal-qafas leġiżlattiv b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, il-governanza u l-infurzar kif ukoll il-penali, l-informazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens;

Ir-Rapporteur tilqa' dan l-aġġornament sistemiku tant meħtieġ tal-AAQDs, speċjalment fir-rigward tat-tendenza kontinwa ta' żieda fl-urbanizzazzjoni fl-Istati Membri kollha li ġġorr magħha r-riskju inerenti ta' saħansitra aktar tniġġis tal-arja marbut mat-trasport u l-produzzjoni industrijali li qeqħdin jiżdiedu. Ir-reviżjoni tal-AAQDs se tirnexxi biss jekk tkun marbuta mill-qrib mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero kif ukoll il-politiki attwali u ppjanati li jsaħħu s-sostenibbiltà u l-ekoloġizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Għal dan l-ġħan, ir-Rapporteur tiproponi għadd ta' emendi li għandhom l-ġħan li jsaħħu dawk l-aspetti tad-direttiva l-ġidida, speċifikament fir-rigward ta' miżuri relatati mat-trasport.

Dan jinkludi t-tiċhihi tal-elementi relatati mat-trasport li se jifformaw parti mill-informazzjoni inkluża fil-pjanijiet tal-kwalità tal-arja tal-Istati Membri għat-titjib tal-kwalità tal-arja ambjentali. B'mod partikolari, meta s-settur tat-trasport ikun parti mill-emittenti responsabbi għat-tniġġis, l-informazzjoni dwar it-tniġġis tal-arja għandha tinqasam u tiġi rrapportata għal kull mod tat-trasport.

L-Istati Membri għandu jkollhom l-obbligu wkoll li jirrapportaw dwar il-miżuri kollha għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, marittimu u bl-ajru permezz tal-użu ta' fjuwils alternativi u l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternativi, kif ukoll l-użu ta' incenċivi ekonomiċi biex tiġi aċċelerata l-adozzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, għandha tingħata informazzjoni dwar il-miżuri kollha biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja f'hotspots, inkluż fil-portijiet, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' infrastruttura tal-energijs fuq l-art għall-vapuri rmiegħi, kif ukoll miżuri biex tiġi protetta aħjar is-saħħa tal-ħaddiema li jiġi esposti għal livelli ta' tniġġis tal-arja fil-professjoni tagħhom li ma jkunux tajbin għas-saħħha. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar żoni eżistenti u ppjanati b'emissjonijiet żero u d-data rilevanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa li jinsabu fil-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli.

Ir-rapporteur temmen li huwa meħtieġ li jittejjeb il-funzjonament tal-punti ta' kampjunar għas-sustanzi niġġiesa tal-arja, speċjalment f'postijiet fejn il-livelli ta' tniġġis huma ddeterminati b'mod predominant minn konċentrazzjonijiet ta' emissjonijiet tat-traffiku minn toroq fil-qrib.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur taqbel dwar l-importanza li jiġi żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja tkun rappreżentattiva u komparabbli bizzżejjed madwar l-

Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tal-indiċijiet tal-kwalità tal-arja tal-Istati Membri.

Sabiex jiġi żgurat li l-AAQDs ikunu allinjati bis-sħiħ mal-aħħar sejbiet xjentifiċi dwar is-sustanzi niġġiesa tal-arja, ir-Rapporteur tiproponi li l-Kummissjoni regolarment tikkummissjona rieżami indipendenti tal-evidenza xjentifiċa relatata mas-sustanzi niġġiesa tal-arja u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahħha għandha tkun involuta mill-qrib f'dan il-proċess.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur tqis li huwa estremament importanti li ċ-ċittadini fl-Unjoni jkollhom l-istess opportunitajiet biex jaċċessaw l-informazzjoni u d-data dwar it-tniġġis tal-arja u jista' jkollhom accès għall-ġustizzja bħala grupp jew individwu. Huwa meħtieġ qafas solidu li jippermetti perkors rapidu biex iċ-ċittadini jitkolli kumpens. Ir-Rapporteur tilqa' l-kundizzjonijiet għall-accès għall-ġustizzja ppreżentati mill-Kummissjoni, iżda tenfasizza li dan huwa biss għodda effettiva u affidabbli jekk il-kundizzjonijiet jaħdmu fil-prattika fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

EMENDI

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tagħha li tirrakkomanda żieda fl-ishma modali tat-trasport kollettiv, il-mixi u ċ-ċikliżmu, kif ukoll mobbiltà awtomatizzata, konnessa u multimodali, sabiex jitbaxxew b'mod sinifikanti t-tniġġis u l-konġestjoni mit-trasport, speċjalment fil-bliet, u titjieg is-sahħha u l-benesseri taċ-ċittadini.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2005 qabel il-proposta tad-Direttiva attwali dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, il-

*Kummissjoni vvalutat l-ispejjeż diretti
għall-konformità mal-proposta tagħhom
għad-direttiva bejn EUR 5 biljun u
EUR 8 biljun, u l-benefiċċji tas-sahħha
monetizzati bejn EUR 37 u EUR 119-il
biljun fis-sena fl-2020, u b'hekk
ikkonkludiet li l-benefiċċji tal-politika
dwar il-kwalità tal-arja qabżu bil-kbir il-
kost tal-implementazzjoni.*

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050, fejn it-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-sahħha u għall-ekosistemi naturali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi segwit approċċ-*fi
stadji* lejn l-istabbiliment ta' standards attwali u futuri tal-kwalità tal-arja tal-UE, *l-istabbiliment ta'* standards intermedji tal-kwalità tal-arja għas-sena 2030 u lil hinn, u *l-iżvilupp ta' perspettiva għall-allinjament* mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sa mhux aktar tard mis-sena 2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari biex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku. Minħabba r-rabtiet bejn it-tnaqqis tat-tniġġis u d-dekarbonizzazzjoni, l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero jenħtieġ li jiġi segwit id f'id mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².

Emenda

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050, fejn it-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-sahħha u għall-ekosistemi naturali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi segwit approċċ-*progressiv* lejn l-istabbiliment ta' standards attwali u futuri tal-kwalità tal-arja tal-UE, *li jistabbilixxi* standards intermedji tal-kwalità tal-arja għas-sena 2030 u lil hinn, u *jiżgura l-allinjament sħiħ mal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE* mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja *kemm jista' jkun malajjr u* sa mhux aktar tard mis-sena 2050, abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari biex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku. *Billi l-emissjonijiet mit-trasport huma s-sors ewlieni għat-tniġġis tal-arja fl-ambjent urban u kostali u* minħabba r-rabtiet bejn it-tnaqqis tat-tniġġis u d-dekarbonizzazzjoni, l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero jenħtieġ li jiġi segwit id f'id mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² *u permezz tal-implementazzjoni tal-pakkett leġiż-lattiv “Lesti għall-mira ta' 55 %” u l-effetti rilevanti tiegħu fuq it-tniġġis tal-arja.*

⁴² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

⁴² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) F'Settembru 2021, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO) hārget Linji Gwida dwar il-Kwalità tal-Arja ġodda, abbażi ta' sinteżi komprensiva tal-evidenza xjentifika dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħha. Din id-Direttiva tqis l-aħħar fehim xjentifiku dwar il-ħtieġa li l-istandardi tal-kwalità tal-arja tal-Unjoni jiġu allinjati bis-sħiħ mal-linji gwida l-aktar reċenti tad-WHO sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-benefiċċji soċjetali ta' tnaqqis kontinwu u mtejjeb tat-tniġġis tal-arja huma ferm akbar mill-ispejjeż involuti. Mis-sena 2000, l-emissjonijiet li jniġġis su l-arja fl-UE naqsu b'mod sinifikanti bis-saħħha tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali, filwaqt li l-PDG irregistrator kiber b'madwar 30 fil-mija. Għalhekk, l-Unjoni ddizakkoppjat b'suċċess it-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u t-tkabbir

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta' tniġġis żero għat-tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-“prinċipju ta’ prekawzjoni” u mill-“prinċipju ta’ min iniġġes iħallas”, stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara” tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta’ kwalità tal-arja mtejba għas-saħħha pubblika, il-kwalità tal-ambjent, il-benesseri taċ-ċittadini, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjieg iu l-kompetittivitā tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tiġiha tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet ***ta’ mobbiltà u trasport sostenibbli u intelliġenti;*** l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċitā ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju l-ispecifitätajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta’ programmi edukattivi u ta’ taħriġ xierqa; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b’mod partikolari s-sejbiet irrappurtati mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji

Emenda

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta’ tniġġis żero għat-tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-“prinċipju ta’ prekawzjoni” u mill-“prinċipju ta’ min iniġġes iħallas”, stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara” tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta’ kwalità tal-arja mtejba għas-saħħha pubblika, il-kwalità tal-ambjent, il-benesseri taċ-ċittadini, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjieg iu l-kompetittivitā tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tiġiha tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku ***u l-faqar tal-mobbiltà;*** is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta’ ***mobbiltà sostenibbli u intelliġenti u bidla modali lejn tali soluzzjonijiet tat-trasport kif ukoll l-infrastruttura tagħhom, inkluża l-infrastruttura tal-fjuwils alternativi; incenġivi ekonomiċi għall-individwi u l-kumpaniji biex jinvestu f'vetturi b'emissjonijiet aktar baxxi ta’ tniġġis tal-arja;*** l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċitā ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju l-ispecifitätajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-

relatati mat-tniġġis tal-arja jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ xierqa, *billi l-gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli għandhom it-tendenza li jkunu affettwati b'mod sproporzjonat mit-tniġġis*; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b'mod partikolari s-sejbiet irrapportati mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji relatati mat-tniġġis tal-arja *1a* jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

1a

<https://www.eea.europa.eu/publications/unequal-exposure-and-unequal-impacts>
<https://airqualitynews.com/health/air-pollution-has-twice-the-impact-on-lung-function-for-lower-income-households/>
https://www.london.gov.uk/sites/default/files/aether_updated_london_air_pollution_exposure_final.pdf

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarmen l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa, l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent u l-iżvilupp teknoloġiku. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja applikabbi għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Lewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li

Emenda

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarmen l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa, l-effetti tagħhom fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent u l-iżvilupp teknoloġiku. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja applikabbi għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. Lewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandardi tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li

jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika.

jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika. *Il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis l-aħħar għarfien xjentifiku dwar is-sustanzi niċċiesa ta' tħassib emerġenti u tivvaluta l-opportunità li fir-regolament jiġu inklużi standards tal-kwalità tal-arja dwar dawk is-sustanzi niċċiesa.*

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li jiġi segwit approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali bl-applikazzjoni ta' kriterji ta' valutazzjoni komuni. Fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali, jenħtieġ li jittieħed kont tad-daqs tal-popolazzjonijiet u tal-ekosistemi esposti għat-tnejha tal-arja. Huwa għalhekk xieraq li t-territorju ta' kull Stat Membru jiġi kklassifikat f'żoni li jirriflettu d-densità tal-popolazzjoni.

Emenda

(8) Jenħtieġ li jiġi segwit approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali bl-applikazzjoni ta' kriterji ta' valutazzjoni komuni. Fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali, jenħtieġ li jittieħed kont tad-daqs tal-popolazzjonijiet u tal-ekosistemi esposti għat-tnejha tal-arja. Huwa għalhekk xieraq li t-territorju ta' kull Stat Membru jiġi kklassifikat f'żoni li jirriflettu d-densità tal-popolazzjoni **u d-diversità spazjali**.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Huwa importanti li s-sustanzi niċċiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħha u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO.

Emenda

(11) Huwa importanti li s-sustanzi niċċiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat **ulterjorment** il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħha u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO, **u li, fejn jitqies meħtieġ, jiġu stabiliti valuri ta' limitu xierqa għal dawn is-sustanzi niċċiesa.**

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propos mill-Kummissjoni

(13) Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja hija rappreżentativa u paragunabbi bizzżejjed fl-Unjoni kollha, huwa importanti li jintużaw metodi tekniċi ta' kejl standardizzati u kriterji komuni għall-għadd u l-post ta' stazzjonijiet ***li jkejlu*** għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Jistgħu jintużaw metodi tekniċi li mhumiex kejl sabiex tīgħi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali u għalhekk huwa meħtieġ li jkunu definiti l-kriterji għall-użu u l-preċiżjoni meħtieġa ta' tali metodi tekniċi.

Emenda

(13) Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja hija rappreżentativa u paragunabbi bizzżejjed fl-Unjoni kollha, huwa importanti li jintużaw metodi tekniċi ta' kejl standardizzati u kriterji komuni għall-għadd u l-post ta' stazzjonijiet ***ta' kejl, abbażi tal-linji gwida dettaljati tal-Kummissjoni***, għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Jistgħu jintużaw metodi tekniċi li mhumiex kejl sabiex tīgħi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali u għalhekk huwa meħtieġ li jkunu definiti l-kriterji għall-użu u l-preċiżjoni meħtieġa ta' tali metodi tekniċi.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propos mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jiġu protetti s-saħħha tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jiġu miġġielda f'rás il-ġħajnej u li jiġi identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni , b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industriji, it-trasport u l-ġenerazzjoni tal-enerġija . Għalhekk, jenħtieġ li jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja ***u*** li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti standards adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandardi, il-linji gwida

Emenda

(15) Sabiex jiġu protetti s-saħħha tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jiġu miġġielda f'rás il-ġħajnej u li jiġi identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, ***għal kull kategorija tas-sors tas-sustanzi niġġiesa***, fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industriji, it-trasport u l-ġenerazzjoni tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti standards adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandardi, il-linji gwida

u l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha.

adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandardi, il-linji gwida u l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru data dwar miżuri u teknoloġiji biex jiġgielu l-emissjonijiet ta' sustanzi dannużi li jniġġsu l-arja u jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar l-aħjar prattiki.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu kontrolli regolari tal-kwalità tal-infrastruttura tat-trasport biex jidentifikaw iż-żoni li jeħtieġu dekonġestjoni u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura, u jieħdu miżuri xierqa f'dawk iż-żoni bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE fejn ikun applikabbi;

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Il-Kontroll tal-IDoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)⁴⁵ wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ***mill-valuri fil-mira***. Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti dannużi fuq is-saħħha tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbli , u l-ambjent , jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-

(19) Il-Kontroll tal-IDoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE) wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ***milli huma tipi oħra ta' standards tal-kwalità tal-arja***. Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti dannużi fuq is-saħħha tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbli , u l-ambjent , jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu

konċentrazzjoni tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali . Il-benzo(a)piren jenħtieġ li jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

⁴⁵ Kontroll tal-idoneitā tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD(2019) 427 final).

għall-konċentrazzjoni tad-diōssidu tal-kubrit, id-diōssidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali . Il-benzo(a)piren jenħtieġ li jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

⁴⁵ Kontroll tal-idoneitā tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD(2019) 427 final).

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Biex jiġi evitat kwalunkwe qbiż tal-livelli tat-tniġġis tal-arja u biex tittejjeb l-informazzjoni lill-pubbliku, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' twissija bikrija (STB), inklużi għodod ta' mmudellar u testijiet tal-istress, biex tiġi identifikata kwalunkwe problema tal-kwalità tal-arja fi Stat Membru qabel ma dawn isiru sistemiċi u jirriskjaw li jinqabżu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa;

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn l-istandardi għall-kwalità tal-arja ambjentali stabbiliti

(25) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn l-istandardi għall-kwalità tal-arja ambjentali stabbiliti

f'din id-Direttiva jkunu fir-riskju li ma jintlaħqux, jew ma ntlaħqux , l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjoni immedjata sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu , l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju u l-livelli kritiċi, u fejn possibbli, sabiex jiksbu l-valuri fil-mira għall-ożzon u l-objettivi fit-tul.

f'din id-Direttiva jkunu fir-riskju li ma jintlaħqux, jew ma ntlaħqux, *il-Kummissjoni jenħtieġ li tabbozza rakkomandazzjonijiet b'miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul abbażi tas-sors u l-kategorija tat-tniġġis*, u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjoni immedjata **u kontinwa** sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu, l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju u l-livelli kritiċi, u fejn possibbli, sabiex jiksbu l-valuri fil-mira għall-ożzon u l-objettivi fit-tul. *L-Istati Membri jenħtieġ li javżaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet immedjati u kontinwi f'konformità mal-proċedura inkluża f'din id-Direttiva.*

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet għat-tnaqqis tal-idling volontarju tal-vetturi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet relatati ma' tali idling.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 28c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28c) L-impatt tat-trasport marittimu, b'mod partikolari l-emissjonijiet tad-diġġis id-dioxisi tal-kubrit, fuq l-ambjent u fuq il-komunitajiet kostali, kemm f'termini ta' ħsara għall-ekosistemi kif ukoll għas-saħħa pubblika jiista' jittaffa b'elettrifikazzjoni komprensiva tat-trasport marittimu urban u fuq distanzi

qosra, flimkien ma' rekwiżiti ta' emissjonijiet żero u infrastruttura fl-irmiġġ.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 28d (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(28d) Għall-Mediterran, reċentement intlaħaq qbil dwar l-implementazzjoni ta' żona SECA fil-livell tal-IMO. Filwaqt li t-tniġġis tad-diġġis tal-kubrit huwa l-aktar parti detrimentali tal-eż-żost tat-trasport marittimu, jenħtieġ li l-NOx ma jintesiex. L-Unjoni Ewropea jenħtieġ li għaldaqstant taħdem aktar fil-livell tal-IMO biex jirnexxilha tiddikjara l-Mediterran bħala żona NECA. Iż-żoni NECA huma effettivi fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, kif turi l-esperjenza tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 29a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) F'każijiet ta' tniġġis tal-arja transkonfinali sinifikanti kkawżat minn okkorrenzi mhux previsti bħal inċidenti jew avvenimenti ta' force majeure f'pajjiż terz, kwalunkwe qbiż li jkun kompletament jew parżjalment dovut għal tniġġis tal-arja transkonfinali bħal dan jista', skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqsu minn Stat Membru meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja u l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju. L-Istat Membru jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni dwar

*kwalunkwe tnaqqis bħal dan u
jiġġustifika r-raġunijiet tiegħu għalihom.*

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29b) It-tniġġis transkonfinali jeħtieġ kooperazzjoni u soluzzjonijiet transkonfinali. Għalhekk, bil-ħsieb li tkompli ssaħħa h il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tistabbilixxi Djalogu Strutturat dwar it-tniġġis tal-arja transkonfinali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi ġirien, biex theggieg u tħaddem aktar azzjoni konġunta sabiex tnaqqa s-it-tniġġis tal-arja transkonfinali u tistimula l-iskambju tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet tanġibbli.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Is-sustanzi niġġiesa tal-arja emessi mis-settur tat-trasport joħolqu riskju partikolari għas-sahħha tan-nies li jgħixu f'żoni urbani u qrib ċentri tat-trasport. Għaldaqstant, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali rilevanti jenħtieġ li jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli u jinvestu f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero u miżuri li jiippermettu bidla lejn sistemi tat-trasport attivi, kollettivi u sostenibbli bil-għan li jnaqqsu t-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni fit-toroq, speċjalment fiż-żoni urbani.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30b) Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar it-trasport, bħall-istandards Ewropej tal-emissjonijiet tal-vetturi, hija strumentali biex jitkompla jitnaqqas it-tniġġis tal-arja ambjentali mis-settur tat-trasport, u jenħtieġ li din tkun allinjata mal-objettivi fī ħdan il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Barra minn hekk, l-użu ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi relatati mal-użu tal-provvista tal-elettriku mix-xatt għall-bastimenti fil-portijiet kif ukoll l-użu ta' infrastruttura tar-riċarġjar elettriku għall-vetturi ħief u tqal, jistgħu jwasslu għal tnaqqis fit-tniġġis tal-arja ambjentali, b'mod partikolari fiż-żoni urbani u fil-portijiet.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 30c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30c) It-tniġġis tal-arja mit-trasport marittimu waħdu jwassal għal aktar minn 50 000 mewta prematura fis-sena fl-Unjoni^{lb}. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa u effettivi biex inaqqsu t-tniġġis tal-arja fil-portijiet u fil-bliet portwali sabiex jiżguraw protezzjoni adegwata tas-saħħha tar-residenti u tal-ħaddiema tal-portijiet.

1b Brandt, J., Silver, J. D., u Frohn, L.

M., Assessment of Health-Cost Externalities of Air Pollution at the National Level using the EVA Model System (Valutazzjoni tal-Esternalitajiet tal-Kosti tas-Saħħa li Ġejjin mit-Tniġgix tal-Arja fil-Livell Nazzjonali bl-Użu tas-Sistema tal-Mudell tal-EVA). Rapport Xjentifiku Nru 3 tas-CEEH, 2011.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Jenħtieġ li jiġu żviluppati u aġġornati pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju . Is-sustanzi niġgħiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tīgi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jkunu konsistenti fejn fattibbli mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸ , id-Direttiva (UE) 2016/2284, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹.

Emenda

(31) Jenħtieġ li jiġu żviluppati u aġġornati pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġgħiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponent medju . Is-sustanzi niġgħiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti, **inklużi setturi tat-trasport, l-industrija, l-enerġija, l-agrikoltura u l-iskart**. Sabiex tīgi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jkunu konsistenti fejn fattibbli mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva (UE) 2016/2284 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

48 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġix) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

49 Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-rigward tal-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitħejjew ukoll qabel l-2030 fejn ikun hemm riskju li l-Istati Membri ma jilħqux il-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa dik id-data sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' sustanzi niċċiesa jitnaqqsu kif xieraq.

Emenda

(32) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitħejjew ukoll qabel l-2030 fejn ikun hemm riskju li l-Istati Membri ma jilħqux il-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa dik id-data sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' sustanzi niċċiesa jitnaqqsu kif xieraq. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovd i-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar it-tħejjija ta' dawk il-pjanijiet.**

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Jenħtieġ li jitfasslu pjanijet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq perjodu ta' żmien qasir fejn ikun hemm riskju li jinqabżu wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert sabiex jitnaqqas dak ir-riskju u sabiex ikun limitat it-tul ta' żmien tiegħu. Fejn ir-riskju jaapplika għal wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir.

Emenda

(33) Jenħtieġ li jitfasslu pjanijet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq perjodu ta' żmien qasir fejn ikun hemm riskju li jinqabżu wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert sabiex jitnaqqas dak ir-riskju u sabiex ikun limitat it-tul ta' żmien tiegħu. Fejn ir-riskju jaapplika għal wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. **Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jqis u r-rakkomandazzjonijiet tal-aħjar prattiki tal-Kummissjoni.**

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, il-livell ta' sustanza niċċiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponent medju jew il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niċċiesa spċifici, bħall-ożonu u l-materja partikolata, tista' teżiġi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku. Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun **infurmata fil-ħin u mistiedna biex tassisti fi** kwalunkwe kooperazzjoni bħal din.

Emenda

(34) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, **abbażi wkoll ta' data tal-kejl transkonfinali**, il-livell ta' sustanza niċċiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponent medju jew il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niċċiesa spċifici, bħall-ożonu u l-materja partikolata, tista' teżiġi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippordi appoġġ u assistenza, inklużi rakkmandazzjonijiet, waqt it-tħejjija ta' dawn il-pjanijiet.** Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun **preżenti għal kwalunkwe kooperazzjoni bħal din, tassistihom u tissorveljahom.**

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34a) **Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u jiżzdied l-appoġġ għall-Istati Membri f'każijiet ta' tniġġis transkonfinali, jenħtieġ li jinħatar rappreżentant tal-Kummissjoni bħala Koordinatur Transkonfinali Ewropew, li jenħtieġ li jissorvelja u jassisti l-koordinazzjoni transkonfinali bejn l-Istati**

Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi, u l-kompeti kollha rilevanti għal dan.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li **wkoll** tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien .

Emenda

(35) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li tkun **ukoll** faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali, **għal kull kategorija tas-sors tas-sustanzi niġġiesa**, kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien. **Sabiex tali informazzjoni tkun konsistenti u affidabbli, huwa essenzjali li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed infrastruttura għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja użata fil-bliet kbar u żgħar, f'konformità ma' din id-Direttiva. Fejn infrastruttura bħal din tkun nieqsa jew ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-linji gwida tal-Kummissjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita mill-aktar fis-possibbli, inkluż bl-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE.**

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja**51**, l-Istati Membri ma

Emenda

(39) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri ma

jistgħux jirrestrinġu l-pożizzjoni legali għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubblika kkonċernati li jkunu ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċaruk ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁵², l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambientali u rimedji effettivi jirrikjedu, fost l-oħrajn, li l-membri tal-pubblika kkonċernati jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitkolbu lill-qorti jew lil korp kompetenti indipendent u imparjali biex jordnaw miżuri interim għall-prevenzjoni ta' każ partikolari ta' tniġġis. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi spċifikat li l-pożizzjoni legali jenħtieġ li ma ssirx kundizzjonal fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubblika kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

⁵¹ Kawża C-826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

⁵² Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia.Križan, il-punt 109.

jistgħux jirrestrinġu l-pożizzjoni legali għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubblika kkonċernati li jkunu ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċaruk ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambientali u rimedji effettivi jirrikjedu, fost l-oħrajn, li l-membri tal-pubblika kkonċernati jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitkolbu lill-qorti jew lil korp kompetenti indipendent u imparjali biex jordnaw miżuri interim għall-prevenzjoni ta' każ partikolari ta' tniġġis. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi spċifikat li l-pożizzjoni legali jenħtieġ li ma ssirx kundizzjonal fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubblika kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u *aċċessibbli fil-pront kemm għall-individwi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li* tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju *ċari*, adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

⁵¹ Kawża C-826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

⁵² Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia.Križan, il-punt 109.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 40

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fejn tkun seħħet ħsara għas-saħħha tal-bniedem minħabba l-ksur tal-Artikoli 19, 20, 21 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati minn tali ksur ikunu jistgħu jitkol u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara mill-awtorità kompetenti rilevanti. Ir-regoli dwar il-kumpens, l-aċċess għall-ġustizzja u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom l-objettiv li jevitaw, jipprevvjenu u jnaqqusu l-effetti ta' ħsara mit-tnejgis tal-arja fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, huma jfittxu li jintegraw fil-politika tal-Unjoni livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta, u jpoġġu f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tal-Karta. Id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, firrigward tal-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem.

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fejn tkun seħħet ħsara għas-saħħha tal-bniedem minħabba l-ksur tal-Artikoli 19, 20, 21 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati minn tali ksur ikunu jistgħu jitkol u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara mill-awtorità kompetenti rilevanti.
F'każiċċiet fejn jiġi ppruvat li jkun sar-dannu lis-saħħha tal-bniedem bħala riżultat dirett ta' ksur tal-istandardi tal-kwalità tal-arja minħabba tniġġis transkonfinali sinifikanti li jorigha fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jgħorr ir-responsabbiltà għall-kumpens, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Ir-regoli dwar il-kumpens, l-aċċess għall-ġustizzja u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom l-objettiv li jevitaw, jipprevvjenu u jnaqqusu l-effetti ta' ħsara mit-tnejgis tal-arja fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, huma jfittxu li jintegraw fil-politika tal-Unjoni livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta, u jpoġġu f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tal-Karta. Id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, firrigward tal-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem.

Emenda 32

Proposta għal direktiva Premessa 41a (ġidida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

41a Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet komparabbi li għall-kejl tad-data fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippordi linji gwida dettaljati fil-forma ta' att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti standardizzati tal-punti ta' kampjunar kif ukoll il-post tagħhom għall-punti ġoddha ta' kampjunar u l-punti eżistenti ta' kampjunar li attwalment ma jiżgurawx livell suffiċċenti ta' valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi objettiv ta' tniġġis zero għall-kwalità tal-arja, sabiex fl-Unjoni l-kwalità tal-arja tittejjeb progressivament għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-sahħha tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali, kif definit mill-evidenza xjentifika, u b'hekk tikkontribwixxi għal ambient ħieles mis-sustanzi tossiċi sa mhux aktar tard mill-2050.

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi objettiv ta' tniġġis zero għall-kwalità tal-arja, sabiex fl-Unjoni l-kwalità tal-arja tittejjeb progressivament għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-sahħha tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali, kif definit mill-evidenza xjentifika *l-aktar aġġornata bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku*, u b'hekk tikkontribwixxi għal ambient ħieles mis-sustanzi tossiċi sa mhux aktar tard mill-2050.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu intermedji, valuri fil-mira, obbligi ta' tnaqqis tal-esponiment medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu intermedji, valuri fil-mira, obbligi ta' tnaqqis tal-esponiment medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-

esponent medju, livelli kritiċi, livelli limitu ta' informazzjoni, livelli limitu ta' allert u objettivi fit-tul ("standards tal-kwalità tal-arja") li għandhom jintlaħqu **sas-sena** 2030, u rieżaminati regolarmen minn **hemm' il** quddiem f'konformità mal-Artikolu 3.

esponent medju, livelli kritiċi, livelli limitu ta' informazzjoni, livelli limitu ta' allert u objettivi fit-tul ("standards tal-kwalità tal-arja") li għandhom jintlaħqu **kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mis-sena** 2030, u rieżaminati regolarmen minn **hemm' il** quddiem f'konformità mal-Artikolu 3.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Barra minn hekk, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta': ***l-objettivi tal-Unjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis, tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f'konformità mat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁵⁵.

⁵⁵ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Emenda

3. Barra minn hekk, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta':

⁵⁵ Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt a (għid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***l-objettivi tal-Unjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis, il-bijodiversità u l-ekosistemi f'konformità mat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁵⁵.

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) it-tisħiħ ta' sinerġiji bejn il-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u politiki rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politiki tal-klima u l-enerġija.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Barra minn hekk, din id-Direttiva tipproteġi d-dritt individwali li jittieħed nifs f'arja nadifa u tajba għas-sahħha, li jirriżulta mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. miżuri għall-monitoraġġ **tal-kwalità** tal-arja ambjentali **tax-xejriet għal-perjodu fit-tul** u miżuri tal-Unjoni u nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja ambjentali ;

3. miżuri **standardizzati** għall-monitoraġġ **tal-kwalità** tal-arja ambjentali, **tat-tendenzi u l-impatti fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul** u miżuri tal-Unjoni u nazzjonali, **inklużi miżuri transkonfinali**, dwar il-kwalità tal-arja ambjentali ;

Emenda 40

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. miżuri **għal l-assigurazzjoni** li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

Emenda

4. miżuri **li jiżguraw** li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja ambjentali **u s-sorsi ta' sustanzi niġgħiesa tal-arja** titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, **kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti meħuda biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja;**

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. miżuri dwar il-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Emenda

6. miżuri dwar il-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, **immonitorjati u ssorveljati mill-Kummissjoni Ewropea, inkluż il-koordinatur transkonfinali Ewropew.**

Emenda 42

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2028, u kull ġumes snin minn **hemm' il** quddiem, u aktar ta' spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġgħiesa tal-arja u l-effetti tagħihom fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru 2028, u kull ġumes snin minn **hemm' il** quddiem, u aktar ta' spiss jekk sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għaliha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina **regolarment** l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġgħiesa tal-arja u l-effetti tagħihom fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1 u tippreżenta rapport bis-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew

Kunsill.

u lill-Kunsill.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet tar-rieżami, il-Kummissjoni
għandha tqis, fost l-oħrajn, dan li ġej:

Emenda

Għall-finijiet tar-rieżami, il-Kummissjoni
għandha ***tniedi konsultazzjoni pubblika u***
tqis, fost l-oħrajn, dan li ġej:

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) informazzjoni pprovduta mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinjal tal-Programm Spazjali tal-UE, b'mod partikolari s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus (CAMS)

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt ca

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) *is-sitwazzjonijiet* tal-kwalità tal-arja u l-impatti assoċjati fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent fl-Istati Membri,

(c) *il-livelli* tal-kwalità tal-arja u l-impatti assoċjati fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent fl-Istati Membri,

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tnaqqis nazzjonali u tal-Unjoni għas-sustanzi niġġiesa u fit-titjib tal-kwalità tal-arja.

Emenda

(d) il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tnaqqis nazzjonali u tal-Unjoni għas-sustanzi niġġiesa, *inklużi l-elementi rilevanti tal-pakkett leġiżlattiv “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, u fit-titjib tal-kwalità tal-arja;*

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagraphu 3 – punt da (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-aspetti soċjoekonomiċi u l-kostijiet tas-soċjetà rilevanti.

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, b'riżultat tar-rieżami, għandha tippreżenta proposta biex tirrevedi l-istandardi tal-kwalità tal-arja jew *biex* tkopri sustanzi niġġiesa oħra tal-arja.

Emenda

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, b'riżultat tar-rieżami, *u b'mod partikolari fejn l-aħħar rieżami tal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja jsib li l-effetti fuq is-sahħha tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jkunu taħt il-valuri ta' limitu attwali, hija għandha tippreżenta proposta biex tirrevedi l-istandardi tal-kwalità tal-arja jew tkopri sustanzi niġġiesa oħra tal-arja, skont il-prinċipju tan-nonrigressjoni.*

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1a (ġidid)

Test proposi mill-Kummissjoni

Emenda

1a. “standards tal-kwalità tal-arja” tfisser valuri ta’ limitu, valuri fil-mira, obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju, objettivi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju, livelli kritiċi, livelli limitu ta’ informazzjoni, livelli limitu ta’ allert u objettivi fuq perjodu ta’ żmien twil;

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test proposi mill-Kummissjoni

Emenda

(3) “livell” tfisser il-konċentrazzjoni ta’ sustanza niġġiesa fl-arja ambjentali jew id-depożizzjoni tagħha fuq l-uċuħ fi żmien partikolari;

(3) “livell” tfisser il-konċentrazzjoni **mkejla jew immudellata** ta’ sustanza niġġiesa fl-arja ambjentali jew id-depożizzjoni tagħha fuq l-uċuħ fi żmien partikolari;

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 16

Test proposi mill-Kummissjoni

Emenda

(16) “agglomerazzjoni” tfisser konurbazzjoni b’popolazzjoni li taqbeż il-250 000 abitant, jew, meta l-popolazzjoni tkun ta’ 250 000 abitant jew inqas, b’densità ta’ popolazzjoni kull km² li għandha tiġi stabilità mill-Istati Membri;

imħassar

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

24a. “post tat-traffiku” tfisser post li l-livell ta’ tniġġis tiegħu huwa ddeterminat b’mod predominant mill-emissjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet tat-traffiku fil-qrib;

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24b (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) “post industrijali” tfisser post li l-livell ta’ tniġġis tiegħu huwa ddeterminat b’mod predominant mill-emissjonijiet li jirriżultaw minn sorsi industrijali uniċi fil-qrib jew minn żoni industrijali b’ħafna sorsi. “sors industrijali” għandha tiġi interpretata b’mod wiesa’ f’dan il-kuntest u għandha tinkludi iżda ma tkunx limitata għal sorsi ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija, inċineraturi, impjanti tat-trattament tal-iskart u portijiet;

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24c (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(24c) “post residenzjali” tfisser post li l-użu predominant tiegħu huwa residenzjali, u li l-livelli ta’ konċentrazzjoni tiegħu huma oħla minn ta’ postijiet bi sfond urban bħala riżultat tal-għażla ta’ sorsi tat-tisħin residenzjali fiż-żona.

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) “indikatur tal-esponiment medju” tħisser livell medju determinat abbażi tal-kejl f’ambjenti urbani fl-unità territorjali sħiħa fil-livell NUTS1 kif deskrītt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, jew, jekk ma jkunx hemm żona urbana f’dik l-unità territorjali, fil-postijiet bi sfond rurali, u li jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni ,użat għall-verifikasi ta’ jekk intlaħqux l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dik l-unità territorjali ;

Emenda

(28) “indikatur tal-esponiment medju” tħisser livell medju determinat abbażi tal-kejl f’ambjenti urbani, **inklużi postijiet industrijali, residenzjali u tat-traffiku**, fl-unità territorjali sħiħa fil-livell NUTS 1 kif deskrītt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, jew, jekk ma jkunx hemm żona urbana f’dik l-unità territorjali, fil-postijiet bi sfond rurali, **inklużi postijiet industrijali, residenzjali u tat-traffiku**, u li jirrifletti l-esponiment tal-popolazzjoni ,użat għall-verifikasi ta’ jekk intlaħqux l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju u l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-esponiment medju għal dik l-unità territorjali; **il-medja tiġi ponderata billi titqies il-popolazzjoni li kull punt ta’ kampjunar ikun rappreżentattiv tagħha;**

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) “livell limitu ta’ informazzjoni” tħisser livell li jekk jinqabeż ikun hemm riskju għas-saħħha tal-bniedem mill-esponiment fil-qosor għal popolazzjoni partikolarment sensittiva u gruppi vulnerabbi u li għalih ikun hemm bżonn ta’ informazzjoni immedjata u adegwata;

Test mhux emendat inkluż fil-kompromess

(32) “livell limitu ta’ informazzjoni” tħisser livell li jekk jinqabeż ikun hemm riskju għas-saħħha tal-bniedem mill-esponiment fil-qosor għal popolazzjoni partikolarment sensittiva u gruppi vulnerabbi u li għalih ikun hemm bżonn ta’ informazzjoni immedjata u adegwata;

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 39

Test propos mill-Kummissjoni

(39) “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi” tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma aktar vulnerabbi għall-esponent għat-tniġġis tal-arja mill-popolazzjoni medja, minħabba li għandhom sensittivitā oħla jew limitu aktar baxx għall-effetti fuq is-sahħha jew għandhom kapaċitā mnaqqsa li jipproteġu lilhom infushom.

Emenda

(39) “popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi” tfisser dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma aktar vulnerabbi għall-esponent għat-tniġġis tal-arja mill-popolazzjoni medja, minħabba li għandhom sensittivitā oħla jew limitu aktar baxx għall-effetti fuq is-sahħha jew għandhom kapaċitā mnaqqsa li jipproteġu lilhom infushom. **Għall-fini ta’ din id-Direttiva, il-ħaddiem tat-trasport u r-residenti f’żoni b’ħafna traffiku huma wkoll meqjusa bħala gruppi vulnerabbi.**

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 39a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(39a) “sistema ta’ twissija bikrija” tfisser sett ta’ għodod ta’ mmudellar u testijiet tal-istress li jidher riskju ta’ qbiż tal-konċentrazzjoni ta’ sustanzi niġgħiesa;

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 39b (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(39b) “kategorija tas-sors tas-sustanzi niġgħiesa” tfisser sustanzi niġgħiesa li ġejjin mis-setturi li ġejjin: - l-installazzjonijiet stazzjonarji għall-industrija u/jew l-enerġija; - it-trasport; - il-bini; - l-agrikoltura; - l-iskart;

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-ġhoti ta' informazzjoni pubblika, f'konformità mal-Artikolu 22;

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) l-ġhoti ta' indiċi tal-kwalità tal-arja aġġornat kull siegħa u informazzjoni oħra relatata u rilevanti dwar is-sahħha, f'konformità mal-Artikolu 22;

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-applikazzjonijiet ta' mmudellar;

*(d) l-iżgurar tal-preċiżjoni tal-applikazzjonijiet ta' mmudellar **tal-kwalità tal-arja**;*

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) il-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni;

*(g) il-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni, **inkluż il-koordinatur transkonfinali Ewropew**;*

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu żoni fit-territorju kollu tagħhom , inkluż, fejn xieraq għall-iskopijiet tal-valutazzjoni u tal-ġestjoni tal-kwalità tal-arja, fil-livell tal-agglomerazzjonijiet . Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja għandha ssir fiż-żoni kollha.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, **b'mod suffiċjentement rappreżentattiv għall-finijiet tal-kejl**, żoni fit-territorju kollu tagħhom, inkluż, fejn xieraq għall-iskopijiet tal-valutazzjoni u tal-ġestjoni tal-kwalità tal-arja, fil-livell tal-agglomerazzjonijiet. Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja għandha ssir fiż-żoni kollha.

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fiż-żoni kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġgħiesa jaqbeż il-limitu ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġgħiesa, għandu jintuża kejl fiss sabiex tīgi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali. Dak il-kejl fiss jista' jiġi ***ssuppliment b'applikazzjonijiet ta' mmudellar u kejl indikattiv għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u sabiex tīgi provduta informazzjoni adegwata dwar id-distribuzzjoni ***fl-ispażju*** tas-sustanza niġgħiesa fl-arja u dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-kejl fiss .***

Emenda

2. Fiż-żoni kollha fejn il-livell ta' sustanzi niġgħiesa jaqbeż il-limitu ta' valutazzjoni stabbilit għal dawk is-sustanzi niġgħiesa, għandu jintuża kejl fiss sabiex tīgi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali. Dak il-kejl fiss jista' jiġi ***ssupplimentat b'applikazzjonijiet ta' mmudellar u kejl indikattiv għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u sabiex tīgi provduta informazzjoni adegwata dwar id-distribuzzjoni ***spazjali*** tas-sustanza niġgħiesa fl-arja u dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-kejl fiss. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-prodotti ta' informazzjoni u l-għodod supplimentari pprovduti mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm Spazjali tal-UE, b'mod partikolari s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus, għall-immudellar u l-għoti ta' din l-informazzjoni.******

Emenda 66

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn jitpoġġew il-punti ta' kampjunar għall-kejl tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM₁₀, PM_{2.5}), iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-benżo(a)piren fl-arja ambjentali għandu jiġi determinat f'konformità **mal-Anness IV**.

Emenda

L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni sa /id-data stabbilita fl-Artikolu 31(1), u mill-inqas kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, li tiddefinixxi t-tfassil tan-network u l-post fejn jitpoġġew il-punti ta' kampjunar għall-kejl tad-diossidu tal-karbonju, id-diossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM₁₀, PM_{2.5}), iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, il-benżo(a)piren fl-arja ambjentali għandu jiġi determinat f'konformità mal-Anness IV.

Emenda 67

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-infrastruttura eżistenti fil-post, dment li l-punti ta' kampjunar u s-siti ta' monitoraġġe eżistenti jikkorrispondu għall-objettivi ta' din id-Direttiva.

Emenda 68

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Għal żoni fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa jisboq il-limitu ta' valutazzjoni rilevanti fl-Anness II, iżda mhux il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, il-valuri fil-

3. Għal żoni fejn il-livell ta' sustanzi niġġiesa jisboq il-limitu ta' valutazzjoni rilevanti fl-Anness II, iżda mhux il-valuri ta' limitu rispettivi speċifikati fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I, il-valuri fil-

mira għall-ożonu speċifikati fit-Taqṣima 2 tal-Anness I jew il-livelli kritiċi speċifikati fit-Taqṣima 3 tal-Anness I , l-għadd minimu ta' punti ta' kampjunar, jista' jitnaqqas sa 50 %, f'konformità mal-Punti A u C tal-Annex III sakemm iseħħ dan li ġej:

mira għall-ożonu speċifikati fit-Taqṣima 2 tal-Anness I jew il-livelli kritiċi speċifikati fit-Taqṣima 3 tal-Anness I, ***u li fihom, l-informazzjoni minn kejl fiss tiġi ssupplimentata b'informazzjoni mill-immudellar u/jew il-miżuri indikattivi***, l-għadd minimu ta' punti ta' kampjunar, jista' jitnaqqas sa 50 %, f'konformità mal-Punti A u C tal-Annex III sakemm iseħħ dan li ġej:

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) in-numru ta' kejl indikattiv huwa l-istess bħan-numru ta' kejl fiss li qed jiġi sostitwit u l-kejl indikattiv għandu durata minima ta' xahrejn għal kull sena kalendarja;

Emenda

(c) in-numru ta' kejl indikattiv huwa l-istess bħan-numru ta' kejl fiss li qed jiġi sostitwit u l-kejl indikattiv għandu durata minima ta' xahrejn għal kull sena kalendarja, ***fil-perjodu rappreżentativ;***

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-punti ta' kampjunar li fihom il-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu speċifikat fit-Taqṣima 1 tal-Anness I ġie rregiżrat fit-tliet snin preċedenti ma għandhomx jiġi rilokati, sakemm ma tkunx meħtieġa rilokazzjoni minħabba ċirkostanzi speċjali, inkluż l-iżvilupp spazjali. Ir-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għandha ssir fiż-żona ta' rappreżentattività spazjali tagħhom u tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar.

Emenda

7. Il-punti ta' kampjunar li fihom il-qbiż ta' kwalunkwe valur ta' limitu speċifikat fit-Taqṣima 1 tal-Anness I ġie rregiżrat fit-tliet snin preċedenti ma għandhomx jiġi rilokati, sakemm ma tkunx meħtieġa rilokazzjoni minħabba ċirkostanzi speċjali, inkluż l-iżvilupp spazjali. Ir-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar għandha ssir fiż-żona ta' rappreżentattività spazjali tagħhom, ***għandha tiżgura l-kontinwità tal-kejl*** u tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-immudellar.

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu huma taħt il-valur fil-mira għall-ożonu , l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt il-valur fil-mira għall-ożonu u ***jaħdmu biex*** jilħqu l-objettivi fit-tul speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I , sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, u dment li l-miżuri meħtieġa ma jfissrx kost sproporzjonat.

Emenda

2. F'żoni fejn il-livelli tal-ożonu huma taħt il-valur fil-mira għall-ożonu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżommu dawk il-livelli taħt il-valur fil-mira għall-ożonu u ***jaċċertaw ruħhom li*** jilħqu l-objettivi fit-tul speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I, sa fejn jippermettu fatturi inkluża n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ożonu u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, u dment li l-miżuri meħtieġa ma jfissrx kost sproporzjonat.

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu , għal sena partikolari, jidentifikaw żoni li fihom il-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ ikunu nqabżu fl-arja ambjentali minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel fixxitwa jew tal-melħ fit-toroq ***fix-xitwa***.

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu, għal sena partikolari, jidentifikaw żoni li fihom il-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ ikunu nqabżu fl-arja ambjentali minħabba r-risospensjoni ta' partikoli wara t-tqegħid tar-ramel fixxitwa jew tal-melħ ***fix-xitwa*** fit-toroq, ***il-bankini u l-passaġġi għaċ-ċiklisti***.

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Fejn, fiż-żoni stipulati, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu , stipulat fit-Taqsima 1 tal-Anness I , l-Istati Membri

Emenda

Fejn, fiż-żoni stipulati, il-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu, stipulat fit-Taqsima 1 tal-Anness I, l-Istati Membri

għandhom jistabbilixxu pjaniżiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni malajr kemm jista' jkun u mhux iktar minn **sejnejn** wara s-sena kalendarja li matulha ġiet irreggistrata dik il-qabża ta' kwalunkwe valur ta' limitu. Dawk il-pjaniżiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistipulaw miżuri xierqa jinkiseb il-valur ta' limitu kkonċernat u li l-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn **tliet snin** mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun għet irrapporata l-ewwel qabża. .

għandhom jistabbilixxu pjaniżiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni malajr kemm jista' jkun u mhux iktar minn **sena** wara s-sena kalendarja li matulha ġiet irreggistrata dik il-qabża ta' kwalunkwe valur ta' limitu. Dawk il-pjaniżiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom jistipulaw miżuri xierqa **biex** jinkiseb il-valur ta' limitu kkonċernat u li l-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn **sentejn** mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun għet irrapporata l-ewwel qabża.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe **valuri** ta' limitu jippersistu matul **it-tielet** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-miżuri **fih**, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe **valur** ta' limitu jippersistu matul **it-tieni** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, **il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjoniet u l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalità tal-arja **f'konformità ma'** **dawk ir-rakkomandazzjoniet** u l-miżuri **fihom**, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.**

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valur fil-mira għall-ożonu jippersistu matul **it-tielet ħames** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja fl-unità

Emenda

Fejn il-qabżiet ta' kwalunkwe valur fil-mira għall-ożonu jippersistu matul **it-tielet** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja fl-unità

territorjali NUTS 1 rilevanti, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalitā tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

territorjali NUTS 1 rilevanti, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalitā tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar effettivi, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-qabżiet tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju jippersistu matul ***il-ħames*** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalitā tal-arja, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalitā tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar stretti, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda

Fejn il-qabżiet tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju jippersistu matul ***it-tielet ħames*** sena kalendarja wara l-istabbiliment tal-pjan dwar il-kwalitā tal-arja, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan dwar il-kwalitā tal-arja u l-miżuri fih, u jieħdu miżuri addizzjonali u aktar stretti, fis-sena kalendarja sussegwenti biex il-perjodu ta' qbiż jinżamm qasir kemm jista' jkun.

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom iqisu li jinkludu miżuri msemmija fl-Artikolu 20(2) u miżuri speċifiċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal fil-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja tagħhom .

Emenda

L-Istati Membri għandhom iqisu li jinkludu miżuri msemmija fl-Artikolu 20(2) u ***għandhom jinkludu*** miżuri speċifiċi li jkollhom il-ħsieb li jipproteġu l-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, fil-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja tagħhom .

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri biex jindirizzaw u jnaqqsu l-idling tal-magni volontarju, sabiex jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet relatati mal-idling li huwa partikolarment ta' ħsara fit-żoni tal-iskejjel, l-isptarijiet u ż-żoni b'popolazzjoni b'densità għolja.

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagraphu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni ta' qbiż jiġu mistiedna jipproponu miżuri li jkunu kapaċi jieħdu biex jgħinu biex jintemmu l-qabżiet u li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħha u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jitħallew jieħdu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet.

Emenda

Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet dwar il-kwalitā tal-arja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni ta' qbiż jiġu mistiedna jipproponu miżuri li jkunu kapaċi jieħdu biex jgħinu biex jintemmu l-qabżiet u li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbli, korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħha u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jitħallew jieħdu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati u c-ċittadini rilevanti jiġu infurmati kif xieraq dwar is-sorsi speċifiċi u s-sustanzi niġġiesa tal-arja li jaffettwaw il-kwalitā tal-arja, u l-miżuri rilevanti ta' mitigazzjoni tat-tnejġi tal-arja li jeżistu u li huma disponibbli fis-suq, f'konformità mal-Artikolu 22.**

Emenda 80

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Sistema ta' twissija bikrija

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, linji gwida dwar l-approċċ u l-għodod ta' mmudellar kif ukoll il-metodoloġija tat-testijiet tal-istress li tiffunzjona bħala sistema ta' twissija bikrija (STB).

2. Is-sistema għandha tidentifika kwalunkwe problema sistemika bil-kwalità tal-arja fi Stat Membru li x'aktarx twassal biex fil-futur ikun hemm qbiż ta' konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġgħiesa.

3. Fejn STB tidentifika problema, l-Istat Membru għandu jabbozza Pjan Preventiv għall-Arja.

4. Il-Pjan Preventiv għall-Arja għandu jkun fih miżuri preventivi abbażi tal-problema identifikata mis-STB.

Emenda 81

**Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Huma u jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir kif jissemmew fil-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu, skont il-każ individwali, jipprovdu miżuri ta' kontroll u, fejn meħtieġ, jissospendu temporanjament attivitajiet li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rispettivi. Skont is-sehem tas-sorsi tat-tniġġis ewlenin għall-qabżiet li għandhom jiġu indirizzati, dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu qasir għandhom jikkunsidraw li jinkludu miżuri fir-rigward tat-trasport , xogħlijiet

2. Huma u jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu **ta' żmien** qasir kif jissemmew fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, skont il-każ individwali, jipprovdu miżuri ta' kontroll u, fejn meħtieġ, jissospendu temporanjament attivitajiet li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jew il-livell limitu ta' allert rispettivi. Skont is-sehem tas-sorsi tat-tniġġis ewlenin għall-qabżiet li għandhom jiġu indirizzati, dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu **ta' żmien** qasir għandhom jikkunsidraw li jinkludu miżuri fir-rigward tat-trasport ,

ta' kostruzzjoni, istallazzjonijiet industrijali u l-użu ta' prodotti u t-tisħin domestiku. Fil-qafas ta' dawn il-pjanijiet għandhom jiġu kkunsidrati wkoll azzjonijiet speċifiċi favur il-protezzjoni tal-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, inklużi t-ffal.

xogħliljet ta' kostruzzjoni, istallazzjonijiet industrijali u l-użu ta' prodotti u t-tisħin domestiku. Fil-qafas ta' dawn il-pjanijiet, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll azzjonijiet speċifiċi favur il-protezzjoni tal-popolazzjoni sensittiva u gruppi vulnerabbi, inklużi t-ffal, **u ħaddiema tat-trasport partikolarment esposti għat-tniġġis tal-arja.**

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni għandha tippubblika eżempji ta' azzjonijiet tal-aħjar prattika li għandhom jittieħdu fis-setturi tat-trasport, residenzjali u industrijali għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u jiżdied l-appoġġ lill-Istati Membri f'każijiet ta' tniġġis transkonfinali, rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jinħatar bħala Koordinatur Transkonfinali Ewropew, li, għall-fini ta' din id-Direttiva, għandu jissorvelja u jassisti fil-koordinazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi.

Emenda 84

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw biex jidentifikaw is-sorsi tat-tniġġis tal-arja u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jindirizzaw dawk is-sorsi, u ifasslu attivitajiet b'mod konġunt, bħalma huma t-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konġunti jew koordinati skont l-Artikolu 19 sabiex ikunu eliminati l-qabżiet.

Emenda

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw ***ma' xulxin u mal-koordinatur transkonfinali Ewropew***, biex jidentifikaw is-sorsi tat-tniġġis tal-arja u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jindirizzaw dawk is-sorsi, u ifasslu attivitajiet b'mod konġunt, bħalma huma t-tħejjija ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja konġunti jew koordinati skont l-Artikolu 19 sabiex ikunu eliminati l-qabżiet.

Emenda 85

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata ***u mistiedna sabiex tkun preżenti u tassisti fi*** kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu . Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha, meta tieħu kont tar-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tikkunsidra jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell ***tal-*** tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet prekursuri responsabbli għat-tniġġis transkonfinali.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata ***dwar*** kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ***tkun preżenti għalihom, tassistihom u tissorveljahom. Il-koordinatur transkonfinali Ewropew għandu jassisti fl-abbozzar tas-soluzzjonijiet li għandhom jiġu implimentati***. Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha, meta tieħu kont tar-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva, tikkunsidra jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet prekursuri responsabbli għat-tniġġis transkonfinali.

Emenda 86

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3**

Test propos mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun ikun il-każ skont l-Artikolu 20, iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni, b'mod konġunt u għal perjodu qasir, li jkopru żoni ġirien fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żoni ġirien fi Stati Membri oħra , jirċievu l-informazzjoni adegwata kollha dwar dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir mingħajr dewmien bla bżonn .

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun ikun il-każ skont l-Artikolu 20, iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni, b'mod konġunt u għal perjodu qasir, li jkopru żoni ġirien fi Stati Membri oħra. **Fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar, il-Koordinatur Transkonfinali Ewropew għandu jagħmel rakkommandazzjonijiet u jassisti fit-tħejjija ta' dawk il-pjanijiet.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żoni ġirien fi Stati Membri oħra , jirċievu l-informazzjoni adegwata kollha dwar dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir mingħajr dewmien bla bżonn .

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5**

Test propos mill-Kummissjoni

5. Meta jfasslu l-pjanijiet previsti fil-paragrafi 1 u 3 u meta jgħarrfu lill-pubbliku kif jisemma fil-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jagħmlu sforz sabiex ifittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u partikolarment mal-pajjiżi kandidati.

Emenda

5. Meta jfasslu l-pjanijiet previsti fil-paragrafi 1 u 3 u meta jgħarrfu lill-pubbliku kif jisemma fil-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jagħmlu sforz sabiex ifittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u partikolarment mal-pajjiżi kandidati. **II-Kummissjoni, inkluż il-Koordinatur Transkonfinali Ewropew, għandhom jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'tali kooperazzjoni, u jikkoordinaw ma' pajjiżi terzi sabiex jiffaċilitaw il-ftehim u l-isforzi konġunti.**

Emenda 88

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5a (ġidid)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *Bil-ħsieb li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tistabbilixxi Djalogu Strutturat dwar it-tniġġis tal-arja transkonfinali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi ġirien, biex thegħegħ u tħaddem aktar azzjoni konġunta sabiex tnaqqas it-tniġġis tal-arja transkonfinali.*

Emenda 89

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) kwalunkwe problema sinifikanti identifikata mis-sistema ta' twissija bikrija u l-pjanijiet preventivi għall-arja li jirriżultaw, kif previst fl-Artikolu 19a;

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(da) sorsi tat-tniġġis tal-arja u sustanzi niġġiesa tal-arja li jaġi tħalli il-kwalità tal-arja;

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(db) miżuri u teknoloġiji għall-

*mittigazzjoni tal-aħjar prattiki disponibbli
biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi
niġġiesa;*

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indiċi għall-kwalità tal-arja li jkɔpri d-diċċi, id-diċċi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, u jagħmluh disponibbli permezz ta' sors pubbliku li jagħti aġġornamenti kull siegħa. L-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu **jikkunsidra rrakkmandazzjonijiet** tad-WHO u jibni fuq l-indiċijiet tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indiċi għall-kwalità tal-arja li jkɔpri d-diċċi, id-diċċi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (PM_{10} u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, **abbażi ta' qafas għall-UE kollha li jkun fih data li tīzgura informazzjoni armonizzata madwar l-UE**, u jagħmluh disponibbli **b'mod koerenti u li jinfiehem b'mod faċċi** permezz ta' sors pubbliku li jagħti aġġornamenti kull siegħa **u jkun akkumpanjat b'informazzjoni dwar is-saħħa, inkluża informazzjoni mfassla apposta għall-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi. Sabiex tiġi żgurata data armonizzata u komparabbi mal-UE kollha,** l-indiċi tal-kwalità tal-arja għandu **jkun allinjat mill-qrib mal-aktar rakkmandazzjonijiet reċenti** tad-WHO u jibni fuq l-indiċijiet tal-kwalità tal-arja fuq skala Ewropea pprovduti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tal-indiċijiet nazzjonali tal-kwalità tal-arja, mhux aktar

tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ imsemmi fl-Artikolu 32. B'dan il-mod, il-Kummissjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa minn livelli differenti ta' konċentrazzjoni ta' kull sustanza niġġiesa fuq il-popolazzjoni ġenerali u fuq il-popolazzjoni sensittiva u l-gruppi vulnerabbi, kif ukoll il-prekawzjonijiet rakkomandati. Il-Kummissjoni tista' tadotta gwida u mudelli biex tiffaċilita l-applikazzjoni effettiva madwar l-Unjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' din id-Direttiva.

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha wkoll tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 25 li jissupplimenta l-Anness IV billi jistabbilixxi linji gwida għal rekwiżiti standardizzati għall-punti ta' kampjunar kif ukoll il-post għall-punti ġodda ta' kampjunar u l-punti eżistenti ta' kampjunar li attwalment ma jiżgurawx livell suffiċjenti ta' valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja.

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikolu 24** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 19a u 24** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-

Direttiva].

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Anness IV – parti A – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għar-riżerva ċentrali għall-persuni mexjin.

Emenda

(c) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għar-riżerva ċentrali għall-persuni mexjin *jew, fejn applikabbi, ikunu preżenti l-korsiġi għaċ-ċiklisti.*

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Anness IV – parti B – punt 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-medja annwali tal-konċentrazzjoni tas-sustanza niċċiesa osservata għandha tintuża bħala l-metrika tal-kwalità tal-arja għal sena speċifika.

Emenda

(e) il-medja annwali tal-konċentrazzjoni tas-sustanza niċċiesa osservata għandha tintuża bħala l-metrika tal-kwalità tal-arja għal sena speċifika; *fil-każ ta' differenzi sinifikanti fil-konċentrazzjonijiet osservati bejn l-istagħuni tas-sajf u tax-xitwa, għandhom jintużaw ukoll medji staġjonali annwalizzati għal dawk il-konċentrazzjonijiet;*

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Anness IV – parti B – punt 2 – punt a– parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Il-punti ta' kampjunar maħsuba għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem

Emenda

(a) Il-punti ta' kampjunar maħsuba għall-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem

għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li tiġi provduta data dwar dawn kollha li ġejjin:

għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li tiġi provduta data **affidabbi** dwar dawn kollha li ġejjin:

Emenda 99

Proposta għal direttiva Anness IV – parti B – punt 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet fiż-żoni bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni aktarx tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti b'rabta mal-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu,

Emenda

(i) il-livelli ta' konċentrazzjoni f'partijiet fiż-żoni bl-ogħla konċentrazzjonijiet li għalihom il-popolazzjoni aktarx tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti b'rabta mal-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur(i) ta' limitu, **inkluż fil-viċinanza tal-hotspots kollha tat-tniġġis bħal industriji, farms, ajruporti u porti, żoni residenzjali, kif ukoll viċinati b'ħafna traffiku;**

Emenda 100

Proposta għal direttiva Anness IV – parti B – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) is-siti bit-traffiku urban għandhom ikunu lokalizzati b'tali mod li jipprovdū data dwar it-toroq bl-ogħla konċentrazzjoni li l-popolazzjoni tkun esposta għaliha, u jitqies il-volum tat-traffiku, il-kundizzjonijiet tad-dispersjoni lokali u l-użu tal-art spazjali (eż. fit-toroq “canyon”);

Emenda 101

Proposta għal direttiva Anness IV – parti B – punt 2 – punt f

Test proposet mill-Kummissjoni

(f) meta jkollhom jiġu vvalutati kontributi minn sorsi industrijali, portijiet jew ajruporti, għandu jiġi installat mill-anqas post ta' kampjunar wieħed fl-eqreb żona residenzjali fuq in-naħħa tas-sorsi favur ir-riħ. Fejn ma tkunx magħrufa l-konċentrazzjoni tal-isfond, għandu jiġi ppustjat punt ta' kampjunar addizzjonali fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ. Il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT tkun tista' tiġi mmonitorjata;

Emenda

(f) meta jkollhom jiġu vvalutati kontributi minn sorsi industrijali, **farms**, portijiet jew ajruporti, għandu jiġi installat mill-anqas post ta' kampjunar wieħed fl-eqreb żona residenzjali fuq in-naħħa tas-sorsi favur ir-riħ. Fejn ma tkunx magħrufa l-konċentrazzjoni tal-isfond, għandu jiġi ppustjat punt ta' kampjunar addizzjonali fid-direzzjoni prinċipali tar-riħ. Il-punti ta' kampjunar għandhom jitqiegħdu f'sit b'tali mod li l-applikazzjoni tal-BAT tkun tista' tiġi mmonitorjata;

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Anness IV – parti B – punt 2 – punt ia (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) għandu jkun hemm għadd suffiċjenti ta' punti ta' kampjunar fiż-żoni transkonfinali;

Emenda 103

Proposta għal direttiva

Anness IV – parti C – paragrafu 1 – punt b

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(b) b'mod ġenerali, il-bokka tal-punt ta' kampjunar għandha tkun bejn 0,5 m (iż-żona ta' respirazzjoni) u 4 m 'il fuq mill-art. Għażla tas-siti oħħla (sa 8 m) tista' tkun xierqa jekk il-punt ta' kampjunar ikun rappreżentattiv ta' żona kbira (post fl-isfond) jew f'ċirkostanzi spċifici oħra u kwalunkwe deroga għandha tiġi ddokumentata bis-sħiħ;

(b) b'mod ġenerali, il-bokka tal-punt ta' kampjunar għandha tkun bejn 0,5 m (iż-żona ta' respirazzjoni) u 4 m 'il fuq mill-art. Għażla tas-siti oħħla (sa 8 m **jew, fejn ikun iġġustifikat, oħħla**) tista' tkun xierqa jekk il-punt ta' kampjunar ikun rappreżentattiv ta' żona kbira (post fl-isfond) jew f'ċirkostanzi spċifici oħra u kwalunkwe deroga għandha tiġi ddokumentata bis-sħiħ;

Emenda 104

Proposta għal direttiva Anness IV – parti D – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbi mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha għandhom jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-ġhażla tas-sit u jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-ġhażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha. It-tfassil tan-network ta' monitoraġġ għandu mill-inqas ikun appoġġat jew permezz ta' mmudellar jew permezz ta' kejl indikattiv.

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbi mill-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha għandhom **jipprovdu valutazzjonijiet abbażi ta' data**, jiddokumentaw bis-sħiħ il-proċeduri għall-ġhażla tas-sit u jirreġistraw l-informazzjoni biex jappoġġaw it-tfassil tan-network u l-ġhażla tal-post għas-siti ta' monitoraġġ kollha **u jipprovdu ġustifikazzjonijiet**. It-tfassil tan-network ta' monitoraġġ għandu mill-inqas ikun appoġġat jew permezz ta' mmudellar **b'livell suffiċjentement baxx ta' inċertezza** jew permezz ta' kejl indikattiv.

Emenda 105

Proposta għal direttiva Anness IV – parti D – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dokumentazzjoni għandha tħinkludi l-post tal-punti ta' kampjunar permezz ta' koordinati spazjali, mapep dettaljati u għandha tħinkludi informazzjoni dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-punti ta' kampjunar kollha.

Emenda

2. Id-dokumentazzjoni għandha tħinkludi l-post tal-punti ta' kampjunar permezz ta' koordinati spazjali, mapep dettaljati, **ritratti** u għandha tħinkludi informazzjoni dwar ir-rappreżentatività spazjali tal-punti ta' kampjunar kollha.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Anness IV – parti D – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokumentazzjonijiet għandhom

Emenda

3. Id-dokumentazzjonijiet għandhom

jinkludu kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji tal-għażla tas-siti fuq skala mikro, ir-raġunijiet sottostanti **tagħha** u l-impatt probabbli fuq il-livelli mkejla.

jinkludu *rapporți li jiispjegaw ir-raġunijiet għad-disinn tan-network, b'mod partikolari:* (a) *ir-raġunijiet għall-ġħażla tas-siti rappreżentattivi tal-ogħla livelli ta' tniġġis fiż-żona għal kull sustanza niġġiesa; (b) *ir-raġunijiet għall-ġħażla tas-siti rappreżentattivi tal-esponiment ġenerali tal-popolazzjoni;* u (c) kwalunkwe devjazzjoni mill-kriterji tal-ġħażla tas-siti fuq skala mikro, ir-raġunijiet sottostanti **tagħhom** u l-impatt probabbli fuq il-livelli mkejla.*

Emenda 107

Proposta għal direttiva Anness IV – parti D – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Mill-anqas kull ġumes snin, il-kriterji tal-ġħażla, it-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ, definiti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, għandhom jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li jibqgħu validi u ottimali maż-żmien. Dan ir-rieżami għandu jkun appoġġat mill-inqas jew permezz tal-immudellar jew tal-kejl indikattiv.

Emenda

9. Mill-anqas kull ġumes snin, il-kriterji tal-ġħażla, it-tfassil tan-network u l-postijiet tas-siti ta' monitoraġġ, definiti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, għandhom jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat li jibqgħu validi u ottimali maż-żmien. Dan ir-rieżami għandu jkun appoġġat mill-inqas jew permezz tal-immudellar jew tal-kejl indikattiv *u jinforma dwar miżuri li jridu jittieħdu biex jikkoreġu u jaġġornaw it-tfassil tan-network fiż-żmien sena, f'każ li r-rieżami jiżvela li t-tfassil tan-network u l-pożizzjoni tas-siti ta' monitoraġġ ma jkunux għadhom validi (pereżempju, ma hemm ebda stazzjon ta' monitoraġġ fiss-fiż-żona tal-livelli massimi mmudellati).*

Emenda 108

Proposta għal direttiva Anness V – parti B – paragrafu 3

Test proposet mill-Kummissjoni

Għall-każijiet l-oħra, il-kejl għandu jitqassam b'mod ugwali matul is-sena kalendarja sħiħa (jew matul il-perjodu minn April sa Settembru għall-kejl indikattiv tal-O₃). Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf potenzjali ta' data ma jgħawwiġx ir-riżultati, ir-rekwiżiti minimi tal-kopertura tad-data għandhom jiġu ssodisfati għal perjodi speċifiċi (trimestru, xahar, ġurnata ta' matul il-ġimgħa) tas-sena kollha skont is-sustanza niġgħiesa u l-metodu/frekwenza tal-kejl.

Emenda

Għall-każijiet l-oħra, il-kejl għandu jitqassam b'mod ugwali matul is-sena kalendarja sħiħa (jew matul il-perjodu minn April sa Settembru għall-kejl indikattiv tal-O₃). Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti u biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf potenzjali ta' data ma jgħawwiġx ir-riżultati, ir-rekwiżiti minimi tal-kopertura **u d-distribuzzjoni** tad-data għandhom jiġu ssodisfati għal perjodi speċifiċi (trimestru, xahar, ġurnata ta' matul il-ġimgħa) tas-sena kollha skont is-sustanza niġgħiesa u l-metodu/frekwenza tal-kejl.

Emenda 109

Proposta għal direttiva

Anness V – parti D – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) għall-kejl minn punti ta' kampjunar transkonfinali, għandha tīgi pprovduta stima tat-tniġġis transkonfinali li joriġina fi Stat Membru ieħor;

Emenda 110

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni **tista'** tirrikjedi lill-Istati Membri jħejju u jissottomettu rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza f'konformità mal-punt 1.

2. Il-Kummissjoni **għandha** tirrikjedi lill-Istati Membri jħejju u jissottomettu rapport dwar il-prova ta' ekwivalenza f'konformità mal-punt 1.

Emenda 111

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti A – punt 4 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) lista tas-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet responsabqli għat-tniġgix;

Emenda

- (a) lista tas-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet, *inklużi l-kategoriji tagħhom*, responsabqli għat-tniġgix;

Emenda 112

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti A – punt 4a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 4a. Meta s-settur tat-trasport ikun parti mill-emittenti responsabqli għat-tniġgix imsemmi fil-punt (a), l-informazzjoni rilevanti prevista fil-punti (a-d) għandha tiġi analizzata u, jekk possibbli, tiġi rrapporata skont il-mod ta' trasport.*

Emenda 113

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti A – punt 5 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) it-tnaqqis kwantifikat mistenni tal-konċentrazzjoni ($\text{f}^\circ \mu\text{g}/\text{m}^3$) f'kull punt ta' kampjunar li jaqbeż il-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu jew l-indikatur tal-esponent medju f'każ ta' qbiż tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju, mill-miżuri *msemmija* fil-punt 6;

- (a) it-tnaqqis kwantifikat mistenni tal-konċentrazzjoni ($\text{f}^\circ \mu\text{g}/\text{m}^3$) f'kull punt ta' kampjunar li jaqbeż il-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu jew l-indikatur tal-esponent medju f'każ ta' qbiż tal-obbligu tat-tnaqqis tal-esponent medju, mill-miżuri *fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul imsemmija* fil-punt 6 *u r-relazzjoni tagħhom mal-kategorija tas-sors tas-sustanzi niġgieha;*

Emenda 114

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 5 – punt ba (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 19(2), raġunijiet dettaljati biex jiġi spjegat kif il-pjan jistabbilixxi l-miżuri xierqa kollha, sabiex il-perjodu ta' qbiż ikun jista' jinżamm qasir kemm jista' jkun, inklużi dawn li ġejjin:*

(i) *meta d-data tal-bidu tal-implementazzjoni ta' miżura tkun aktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-adozzjoni tal-pjan dwar il-kwalità tal-arja, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma tkunx possibbli data tal-bidu aktar bikrija;*

(ii) *meta l-analiżi skont il-punt 4a tkun identifikat miżuri li jkollhom impatti akbar fuq it-titjib tal-kwalità tal-arja, iżda ma jkunux intgħażlu għall-adozzjoni, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-adozzjoni ta' tali miżuri hija impossibbli u evidenza li l-miżuri magħżula se jiksbu mill-inqas tnaqqis ekwivalenti fl-emissjonijiet u l-konċentrazzjonijiet.*

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha stabbiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom;

(a) l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha *fuq perjodu ta' żmien qasir relatati mal-kategoriji rilevanti* stabbiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja *u l-ġustifikazzjoni għal dawk il-miżuri rigward is-sors u l-kategorija tal-qbiż, l-effiċjenza tagħhom u d-disponibbiltà f'waqtha*, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implimentazzjoni tagħhom;

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 6 – punt aa (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *l-elenkar u d-deskrizzjoni tal-miżuri kollha fuq perjodu ta' żmien twil relatati mal-kategoriji rilevanti stabbiliti fil-pjan dwar il-kwalità tal-arja u l-ġustifikazzjoni għal dawk il-miżuri rigward is-sors u l-kategorija tal-qbiż, l-effiċjenza, id-disponibbiltà f'waqtha u l-impatt soċjoekonomiku tagħhom, inkluża l-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti inkarigata mill-implementazzjoni tagħhom;*

Emenda 117

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (f'tunnellati metriċi/sena) ta' kull miżura skont il-punt (a);

(b) il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (f'tunnellati metriċi/sena) ta' kull miżura **u kategorija** skont il-punt (a);

Emenda 118

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 6 – punt ca (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) *stima tal-impatt ekonomiku u soċjali ta' kull miżura, inkluż, fejn rilevanti, kwalunkwe impatt possibbli fuq l-aċċess għall-enerġija u l-mobbiltà;*

Emenda 119

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 6 – punt e

Test propos mill-Kummissjoni

(e) lista tal-informazzjoni (inkluż ir-riżultati tal-immudellar u tal-valutazzjoni tal-miżuri) biex jintlaħaq l-iandard tal-kwalità tal-arja kkonċernat f'konformità mal-Anness I.

Emenda

(e) lista tal-informazzjoni (inkluż ir-riżultati tal-immudellar u tal-valutazzjoni tal-miżuri ***fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul***) biex jintlaħaq l-iandard tal-kwalità tal-arja kkonċernat f'konformità mal-Anness I.

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 7 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) l-elenkar u ***d-deskrizzjoni*** tal-miżuri addizzjonali kollha, li jiżvolgħu l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali fi 3 snin jew aktar.

Emenda

(d) l-elenkar, ***id-deskrizzjoni, il-ġustifikazzjoni u l-impatt soċċo-ekonomiku*** tal-miżuri addizzjonali kollha, li jiżvolgħu l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali fi 3 snin jew aktar.

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 7 – punt da (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(da) data dwar żoni b'emissjonijiet żero jew baxxi eżistenti u ppjanati;

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt db (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(db) fejn applikabqli, data rilevanti
għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-
konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa li
jinsabu fil-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana
Sostenibbli, kif stabbilit
f'COM/2013/0913;*

Emenda 123

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti A – punt 8 – punt ba (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

*(ba) stima tal-impatt tal-miżuri biex
jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-
konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa
fis-settur tat-trasport.*

Emenda 124

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – parti introduttora

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

2. Informazzjoni dwar il-miżuri kollha
għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li kienu
kunsidrati fil-livell lokali, regionali jew
nazzjonali għall-implimentazzjoni
f'konnessjoni mal-kisba tal-objettivi tal-
kwalità tal-arja, inkluż:

2. Informazzjoni dwar il-miżuri kollha
għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li kienu
kkunsidrati fil-livell lokali, regionali jew
nazzjonali għall-implimentazzjoni ***u/jew li***
se jiġu implementati f'konnessjoni mal-
kisba tal-objettivi tal-kwalità tal-arja ***għal***
kull kategorija fuq perjodu ta' żmien qasir
u twil, inkluż:

Emenda 125

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt aa (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *it-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' użu akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, inkluż bħala riżultat tal-inċentivi ekonomiċi, u tali tnaqqis mit-trasport pubbliku u/jew vetturi mgħammra b'soluzzjonijiet diġitali moderni li jaffettwaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet;*

Emenda 126

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt ba (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, marittimu u bl-ajru permezz tal-użu ta' fjuwils alternattivi u l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, kif ukoll l-użu ta' inċentivi ekonomiċi biex jiġi aċċelerat l-adozzjoni tagħhom*

Emenda 127

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt bb (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) *it-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport permezz ta' investimenti fil-mobbiltà attiva, inkluż iċ-ċikliżmu, l-infrastruttura rilevanti u s-sinerġiji intermodali;*

Emenda 128

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti B – punt 2 – punt bc (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(bc) miżuri relatati ma' kwalità,
effiċjenza, affordabbiltà u konnettivitā
mtejba tat-trasport pubbliku;*

Emenda 129

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti B – punt 2 – punt bd (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(bd) miżuri relatati mal-użu ta'
infrastruttura tal-fjuwils alternativi;*

Emenda 130

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti B – punt 2 – punt be (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(be) miżuri relatati mal-
implimentazzjoni ta' sistemi ta' trasport
intelliġenti u soluzzjonijiet digħiġili relatati
mat-tnejx tħalli;*

Emenda 131

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – parti B – punt 2 – punt bf (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(bf) miżuri relatati mal-ipparkjar
intelliġenti;*

Emenda 132

Proposta għal direttiva Anness VIII – parti B – punt 2 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) miżuri biex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar u l-ġestjoni tat-traffiku (inkluż tarifji marbuta mal-konġestjoni, īlasijiet *differenti* għall-ipparkjar jew incenċivi ekonomiċi oħra; l-istabbiliment ta' skemi ta' restrizzjonijiet tal-aċċess għall-vetturi urbani, inklużi żoni b'emissjonijiet baxxi);

Emenda

(d) miżuri biex jiġu llimitati l-emissjonijiet mit-trasport permezz tal-ippjanar u l-ġestjoni tat-traffiku (inkluż tarifji marbuta mal-konġestjoni, īlasijiet *differenzjati* għall-ipparkjar jew incenċivi ekonomiċi oħra *bħal tariffi mnaqqsat tat-trasport pubbliku għal gruppi mmirati b'introjt baxx*, l-istabbiliment ta' skemi ta' restrizzjonijiet tal-aċċess għall-vetturi urbani, inklużi żoni b'emissjonijiet baxxi);

Emenda 133

Proposta għal direttiva Anness VIII – parti B – punt 2 – punt e

Test propos mill-Kummissjoni

(e) miżuri li jinkoragħixxu bidla lejn forom ta' trasport li jniġġsu inqas;

Emenda

(e) miżuri li jinkoragħixxu bidla *modali* lejn forom ta' trasport li jniġġsu inqas *inklużi l-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, iżda wkoll permezz ta' trasport attiv u pubbliku, kif ukoll il-kiri soċċali ta' vetturi elettriċi u skemi tal-iskrappjar tal-vetturi, u li jappoġġaw il-bidliet fl-imġiba tal-mobbiltà*;

Emenda 134

Proposta għal direttiva Anness VIII – parti B – punt 2 – punt f

Test propos mill-Kummissjoni

(f) miżuri li jinkoragħixxu bidla lejn vetturi b'emissjonijiet żero u makkinarju mhux tat-triq kemm għal applikazzjonijiet privati kif ukoll kummerċjali;

Emenda

(f) miżuri li jinkoragħixxu bidla lejn vetturi b'emissjonijiet żero u *baxxi u* makkinarju mhux tat-triq kemm għal applikazzjonijiet privati kif ukoll

kummerċjali;

Emenda 135

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt g

Test propos mill-Kummissjoni

(g) miżuri biex jiġi żgurat li l-fjuwils b'emmisionijiet baxxi jingħataw preferenza f'sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;

Emenda

(g) miżuri biex jiġi żgurat li l-fjuwils b'emmisionijiet **zero u** baxxi jingħataw preferenza f'sorsi stazzjonarji ta' skala żgħira, medja u kbira u f'sorsi mobbli;

Emenda 136

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt ħa (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja f'hotspots, inkluż fil-portijiet, b'mod partikolari billi jitħaffef l-użu ta' infrastruttura tal-enerġija fuq l-art għall-vapuri rmiġġati;

Emenda 137

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt i

Test propos mill-Kummissjoni

(i) miżuri li jipproteġu s-saħħha tat-tfal jew ta' gruppi tal-popolazzjoni **sensittivi oħra.**

Emenda

*(i) miżuri li jipproteġu s-saħħha tat-tfal, bħal toroq tal-iskola b'aċċess limitat jew mingħajr aċċess għall-karozzi, u miżuri li jipproteġu s-saħħha ta' gruppi oħrajn tal-popolazzjoni **sensittiva u dawk vulnerabbli.***

Emenda 138

Proposta għal direttiva

Anness VIII – parti B – punt 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) miżuri biex tiġi protetta aħjar is-sahħha tal-ħaddiema li, fil-professjoni tagħhom, jiġu esposti għal livelli ta' tniġġis tal-arja li ma jkunux tajbin għas-sahħha.

Emenda 139

Proposta għal direttiva

Anness IX – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) informazzjoni dwar **azzjoni preventiva** biex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-esponenti għaliex: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkmandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

(d) informazzjoni dwar **miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir u azzjonijiet preventivi** biex jitnaqqas it-tniġġis u/jew l-esponenti għaliex: indikazzjoni tas-setturi tas-sorsi ewlenin; rakkmandazzjonijiet għall-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet **u l-limitazzjonijiet għall-esponenti;**

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| Titolu | Il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) |
| Referenzi | COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD) |
| Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI 19.1.2023 |
| Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN 19.1.2023 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Vera Tax 19.1.2023 |
| Eżami fil-kumitat | 21.3.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 24.5.2023 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: 34 8 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Erik Bergkvist, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jens Gieseke, Kateřina Konečná, Elena Kountoura, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Ljudmila Novak, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, Petar Vitanov, Lucia Vuolo, Roberts Zīle |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Pablo Arias Echeverría, Ignazio Corrao, Vlad Gheorghe, Roman Haider, Ondřej Kovařík, Jutta Paulus, Andreas Schieder, Jörgen Warborn |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Mauri Pekkarinen, Antonio Maria Rinaldi, Paul Tang, Eugen Tomac, Elena Yoncheva |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|-----------|---|
| 34 | + |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Ljudmila Novak, Barbara Thaler, Eugen Tomac, Jörgen Warborn |
| Renew | José Ramón Bauzá Díaz, Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík, Jan-Christoph Oetjen, Mauri Pekkarinen, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Ismail Ertug, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Andreas Schieder, Paul Tang, Vera Tax, Petar Vitanov, Elena Yoncheva |
| The Left | Kateřina Konečná, Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Anna Deparnay-Grunenberg, Jutta Paulus |

| | |
|----------|---|
| 8 | - |
| ECR | Carlo Fidanza, Roberts Zīle |
| ID | Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider, Antonio Maria Rinaldi |
| PPE | Massimiliano Salini, Lucia Vuolo |

| | |
|----------|----------------|
| 1 | 0 |
| ECR | Peter Lundgren |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| Titolu | Il-kwalitâ tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) |
| Referenzi | COM(2022)0542 – C9-0364/2022 – 2022/0347(COD) |
| Data meta ġiet ippreżentata lill-PE | 27.10.2022 |
| Kumitat responsabbbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI 19.1.2023 |
| Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN JURI 19.1.2023 19.1.2023 |
| Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | JURI 31.1.2023 |
| Rapporteurs Data tal-ħatra | Javi López 11.1.2023 |
| Eżami fil-kumitat | 22.3.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 27.6.2023 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | + : 46 - : 41 0 : 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Mathilde Androuët, Maria Arena, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Hildegarde Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiacchini, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glueck, Catherine Griset, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Alessandra Moretti, Grace O'Sullivan, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth, Achille Variati, Petar Vitanov, Mick Wallace, Emma Wiesner, Michał Wiewiórka, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | João Albuquerque, Biljana Borzan, Milan Brglez, Catherine Chabaud, Christophe Clergeau, Antoni Comín i Oliveres, Rosanna Conte, Norbert Lins, Marisa Matias, Sara Matthieu, Marlene Mortler, Max Orville, Manuela Ripa, Robert Roos, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Róża Thun und Hohenstein, Sarah Wiener |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Franc Bogovič, Roman Haider, Jarosław Kalinowski, Rob Rooken, Bert-Jan Ruissen, Simone Schmiedtbauer, Sara Skyytedal, Romana Tomc |
| Data tat-tressiq | 5.7.2023 |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|-----------|--|
| 46 | + |
| NI | Antoni Comín i Oliveres, Maria Angela Danzí |
| Renew | Pascal Canfin, Catherine Chabaud, Martin Hojsík, Karin Kalsbro, Max Orville, Erik Poulsen, María Soraya Rodríguez Ramos, Róża Thun und Hohenstein, Emma Wiesner, Michal Wiezik |
| S&D | João Albuquerque, Maria Arena, Marek Paweł Balt, Biljana Borzan, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Christophe Clergeau, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Nikos Papandreu, Christel Schaldemose, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken |
| The Left | Malin Björk, Petros Kokkalis, Marisa Matias, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Margrete Auken, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Sara Matthieu, Tilly Metz, Grace O'Sullivan, Manuela Ripa, Sarah Wiener |

| | |
|-----------|--|
| 41 | - |
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Nicola Procaccini, Rob Rooken, Robert Roos, Bert-Jan Ruissen, Anna Zalewska |
| ID | Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Rosanna Conte, Gianna Gancia, Catherine Griset, Roman Haider, Sylvia Limmer, Maria Veronica Rossi |
| NI | Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth |
| PPE | Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Franc Bogovič, Christian Doleschal, Adam Jarubas, Jarosław Kalinowski, Esther de Lange, Peter Liese, Norbert Lins, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Marlène Mortler, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Massimiliano Salini, Simone Schmiedtbauer, Christine Schneider, Sara Skyttdal, Romana Tomc |
| Renew | Andreas Glueck, Jan Huitema |

| | |
|----------|-------------|
| 1 | 0 |
| PPE | Agnès Evren |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni